Parlament Ewropew
2024-2029

Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali

2024/0068(COD)

27.3.2025

EMENDI
95 - 334

Abbozz ta' rapport
Alicia Homs Ginel
(PE769.972v01-00)

It-titjib u l-infurzar tal-kundizzjonijiet tax-xogħol tat-trainees u l-ġlieda kontra relazzjonijiet ta' impjieg regolari li taparsi jkunu traineeships (id-"Direttiva dwar it-Traineeships")

Proposta għal direttiva
(COM(2024)0132 – C10-0004/2024 – 2024/0068(COD))

Emenda 95
Chiara Gemma, Georgiana Teodorescu, Francesco Torselli, Mariateresa Vivaldini, Elena Donazzan

Abbozz ta' riżoluzzjoni leġiżlattiva
Kunsiderazzjoni 9a (ġdida)

Abbozz ta' riżoluzzjoni leġiżlattiva	*Emenda*
	– wara li kkunsidraw l-Istrateġija Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabilità 2021-2030,

Or. en

Emenda 96
Chiara Gemma, Georgiana Teodorescu, Francesco Torselli, Mariateresa Vivaldini, Elena Donazzan

Abbozz ta' riżoluzzjoni leġiżlattiva
Kunsiderazzjoni 9b (ġdida)

Abbozz ta' riżoluzzjoni leġiżlattiva	*Emenda*
	– wara li kkunsidraw il-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità,

Or. en

Emenda 97
Mélanie Disdier, Rachel Blom, Pál Szekeres, Marie Dauchy, Séverine Werbrouck

Proposta għal direttiva
Titolu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Proposta għal	***Jiċħad il-proposta tal-Kummissjoni.***
DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL	
dwar it-titjib u l-infurzar tal-kundizzjonijiet tax-xogħol tat-trainees u l-ġlieda kontra relazzjonijiet ta' impjieg	

regolari li taparsi jkunu traineeships (id-"Direttiva dwar it-Traineeships")

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

Or. fr

Ġustifikazzjoni

Peress li d-Direttiva tittratta prinċipalment is-sitwazzjoni tat-trainees, din hija nieqsa minn bażi legali. Din hija kompetenza tal-Istati Membri.

Emenda 98
Arba Kokalari, Henrik Dahl

Proposta għal direttiva
Titolu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Proposta għal	Proposta għal
DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL	DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL
dwar it-titjib u l-infurzar tal-kundizzjonijiet tax-xogħol tat-trainees u l-ġlieda kontra ***relazzjonijiet ta' impjieg regolari li taparsi jkunu*** traineeships (id-"Direttiva dwar it-Traineeships")	dwar it-titjib u l-infurzar tal-kundizzjonijiet tax-xogħol tat-trainees ***tas-suq miftuħ*** u l-ġlieda kontra ***l-prattiki abbużivi li jirriżultaw mill-użu ta'*** traineeships ***tas-suq miftuħ*** (id-"Direttiva dwar it-Traineeships")
(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)	(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

Or. en

Emenda 99
Isabelle Le Callennec

Proposta għal direttiva
Titolu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Proposta għal	Proposta għal
DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL	DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

dwar it-titjib ***u l-infurzar*** tal-kundizzjonijiet tax-xogħol tat-trainees ***u l-ġlieda kontra relazzjonijiet ta' impjieg regolari li taparsi jkunu traineeships*** (id-"Direttiva dwar it-Traineeships")	dwar it-titjib tal-kundizzjonijiet tax-xogħol tat-trainees ***fis-suq tax-xogħol miftuħ*** (id-"Direttiva dwar it-Traineeships")
(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)	(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

Or. fr

Emenda 100
Irena Joveva, Martin Hojsík, Jana Toom, Brigitte van den Berg

Proposta għal direttiva
Titolu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Proposta għal	Proposta għal
DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL	DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL
dwar it-titjib ***u l-infurzar*** tal-kundizzjonijiet tax-xogħol tat-trainees u l-ġlieda kontra relazzjonijiet ta' impjieg regolari li taparsi jkunu traineeships (id-"Direttiva dwar it-Traineeships")	dwar it-titjib tal-kundizzjonijiet tax-xogħol tat-trainees***, il-kwalità u l-aċċessibbiltà tat-traineeships*** u l-ġlieda kontra relazzjonijiet ta' impjieg regolari li taparsi jkunu traineeships (id-"Direttiva dwar it-Traineeships")
(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)	(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

Or. en

Emenda 101
Andrea Wechsler

Proposta għal direttiva
Titolu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Proposta għal	Proposta għal
DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL	DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL
dwar ***it-titjib u l-infurzar tal-***	dwar ***il-ġlieda*** kontra relazzjonijiet ta'

kundizzjonijiet tax-xogħol tat-trainees u l-ġlieda kontra relazzjonijiet ta' impjieg regolari li taparsi jkunu traineeships (id-"Direttiva dwar it-Traineeships")	impjieg regolari li taparsi jkunu traineeships ***tas-suq miftuħ*** (id-"Direttiva dwar it-Traineeships")
(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)	(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

Or. en

Ġustifikazzjoni

Deletion of: "Improving and enforcing working conditions of trainees": Existing Directives such as the Council Directive 2000/43/EC, Council Directive 2000/78/EC and Directive 2002/73/EC already cover, improve and allow for the enforcement of the working conditions of trainees and guarantee their equal treatment on accounts of racial or ethnic origin or establishing a general framework for equal treatment in employment and occupation. Focus on "open-market traineeships": In comparison to Active Labour Market Policy (ALMP) traineeships, Education Curricula traineeships (ECT) and traineeships that are a mandatory requirement to access specific professions (MPT), open market traineeships are generally less regulated and only to varying extents across the EU.

Emenda 102
Mélanie Disdier, Rachel Blom, Pál Szekeres, Marie Dauchy, Séverine Werbrouck

Proposta għal direttiva
Kunsiderazzjoni 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu ***153(2), il-punt (b)***, flimkien mal-Artikolu ***153(1), il-punt (b)*** tiegħu,	Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu ***153(2)(b)***, flimkien mal-Artikolu ***153(1)(b), u l-Artikolu 165(4)*** tiegħu,

Or. fr

Ġustifikazzjoni

Ir-reġim legali għat-trainees huwa marbut mill-qrib mal-politiki tal-edukazzjoni u tat-taħriġ vokazzjonali msemmija fl-Artikolu 165 tat-TFUE. Jeħtieġ li jitqies ir-rispett tat-Trattati u tal-prinċipju ta' sussidjarjetà fl-abbozzar u fl-implimentazzjoni ta' dan it-test.

Emenda 103
Irena Joveva, Martin Hojsík, Jana Toom, Brigitte van den Berg

Proposta għal direttiva
Premessa -1a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(-1a) L-Artikoli 31 u 32 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea jħaddnu d-drittijiet għal kundizzjonijiet tax-xogħol ġusti għall-ħaddiema kollha u għall-protezzjoni taż-żgħażagħ fuq ix-xogħol inkluż kontra l-isfruttament ekonomiku.

Or. en

Emenda 104
Irena Joveva, Martin Hojsík, Jana Toom, Brigitte van den Berg

Proposta għal direttiva
Premessa -1b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(-1b) Il-prinċipji tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali jistabbilixxu, fost l-oħrajn, id-dritt għal edukazzjoni, taħriġ u tagħlim tul il-ħajja ta' kwalità u inklużivi sabiex jinżammu u jinkisbu ħiliet li jippermettu parteċipazzjoni sħiħa fis-soċjetà u l-ġestjoni b'suċċess tat-tranżazzjonijiet fis-suq tax-xogħol, id-dritt għal trattament ugwali u opportunitajiet indaqs fir-rigward tal-impjiegi u l-protezzjoni soċjali irrispettivament mill-ġeneru, l-oriġini razzjali jew etnika, ir-reliġjon jew it-twemmin, id-diżabilità, l-età jew l-orjentazzjoni sesswali u t-trawwim ta' opportunitajiet indaqs għall-gruppi sottorappreżentati, appoġġ attiv għall-impjieg għaż-żgħażagħ inkluż permezz ta' traineeships, id-dritt għal trattament ġust u ugwali fir-rigward tal-kundizzjonijiet tax-xogħol, l-aċċess għall-protezzjoni soċjali u t-taħriġ u l-prevenzjoni ta' relazzjonijiet ta' impjieg li jwasslu għal kundizzjonijiet prekarji tax-xogħol, inkluż permezz tal-abbuż ta'

kuntratti atipiċi, id-dritt għall-pagi ġusti li jipprovdu standard ta' għajxien deċenti u l-inklużjoni ta' persuni b'diżabilità.

Or. en

Emenda 105
Irena Joveva, Martin Hojsík, Jana Toom, Brigitte van den Berg

Proposta għal direttiva
Premessa 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(1) F'Marzu 2014, il-Kunsill adotta r-Rakkomandazzjoni għal Qafas ta' Kwalità dwar it-Traineeships (ir-"Rakkomandazzjoni tal-2014") biex jipprovdi standards ta' kwalità fl-Unjoni kollha għat-traineeships. Huwa jirrakkomanda 21 prinċipju ***għat-traineeships*** biex tittejjeb il-kwalità tat-traineeships, b'mod partikolari biex jiġi żgurat kontenut ta' tagħlim u taħriġ ta' kwalità għolja u kundizzjonijiet tax-xogħol adegwati biex jiġu appoġġati t-tranżizzjonijiet mill-edukazzjoni għax-xogħol u tiżdied l-impjegabbiltà tat-trainees. Ir-Rakkomandazzjoni tal-2014 tkopri t-traineeships kollha ħlief dawk li huma parti mill-kurrikuli tal-edukazzjoni u t-taħriġ formali u dawk regolati skont il-liġi nazzjonali u li t-tlestija tagħhom hija rekwiżit obbligatorju għall-aċċess għal professjoni speċifika.	(1) F'Marzu 2014, il-Kunsill adotta r-Rakkomandazzjoni għal Qafas ta' Kwalità dwar it-Traineeships (ir-"Rakkomandazzjoni tal-2014") biex jipprovdi standards ta' kwalità fl-Unjoni kollha għat-traineeships. Huwa jirrakkomanda 21 prinċipju biex tittejjeb il-kwalità tat-traineeships, b'mod partikolari biex jiġi żgurat kontenut ta' tagħlim u taħriġ ta' kwalità għolja u kundizzjonijiet tax-xogħol adegwati biex jiġu appoġġati t-tranżizzjonijiet mill-edukazzjoni għax-xogħol u tiżdied l-impjegabbiltà tat-trainees. Ir-Rakkomandazzjoni tal-2014 tkopri t-traineeships kollha ħlief dawk li huma parti mill-kurrikuli tal-edukazzjoni u t-taħriġ formali u dawk regolati skont il-liġi nazzjonali u li t-tlestija tagħhom hija rekwiżit obbligatorju għall-aċċess għal professjoni speċifika.

Or. en

Emenda 106
Chiara Gemma, Georgiana Teodorescu, Francesco Torselli, Mariateresa Vivaldini, Elena Donazzan

Proposta għal direttiva
Premessa 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(1) F'Marzu 2014, il-Kunsill adotta r-Rakkomandazzjoni għal Qafas ta' Kwalità dwar it-Traineeships (ir-"Rakkomandazzjoni tal-2014") biex jipprovdi standards ta' kwalità fl-Unjoni kollha għat-traineeships. Huwa jirrakkomanda 21 prinċipju għat-traineeships biex tittejjeb il-kwalità tat-traineeships, b'mod partikolari biex jiġi żgurat kontenut ta' tagħlim u taħriġ ta' kwalità għolja u kundizzjonijiet tax-xogħol adegwati biex jiġu appoġġati t-tranżizzjonijiet mill-edukazzjoni għax-xogħol u tiżdied l-impjegabbiltà tat-trainees. Ir-Rakkomandazzjoni tal-2014 tkopri t-traineeships kollha ħlief dawk li huma parti mill-kurrikuli tal-edukazzjoni u t-taħriġ formali u dawk regolati skont il-liġi nazzjonali u li t-tlestija tagħhom hija rekwiżit obbligatorju għall-aċċess għal professjoni speċifika.	(1) F'Marzu 2014, il-Kunsill adotta r-Rakkomandazzjoni għal Qafas ta' Kwalità dwar it-Traineeships (ir-"Rakkomandazzjoni tal-2014") biex jipprovdi standards ta' kwalità fl-Unjoni kollha għat-traineeships. Huwa jirrakkomanda 21 prinċipju għat-traineeships biex tittejjeb il-kwalità tat-traineeships, b'mod partikolari biex jiġi żgurat kontenut ta' tagħlim u taħriġ ta' kwalità għolja ***allinjat ma' objettivi edukattivi u vokazzjonali*** u kundizzjonijiet tax-xogħol adegwati biex jiġu appoġġati t-tranżizzjonijiet mill-edukazzjoni għax-xogħol u tiżdied l-impjegabbiltà tat-trainees. Ir-Rakkomandazzjoni tal-2014 tkopri t-traineeships kollha ħlief dawk li huma parti mill-kurrikuli tal-edukazzjoni u t-taħriġ formali u dawk regolati skont il-liġi nazzjonali u li t-tlestija tagħhom hija rekwiżit obbligatorju għall-aċċess għal professjoni speċifika.

Or. en

Emenda 107
Catarina Martins, Estrella Galán, Anthony Smith, Konstantinos Arvanitis, Kathleen Funchion, Leila Chaibi

Proposta għal direttiva
Premessa 1a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(1a) Il-Kapitoli I u II tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali (il-"Pilastru"), ipproklamat f'Gothenburg fis-17 ta' Novembru 2017, jistabbilixxu ġabra ta' prinċipji biex iservu ta' gwida għal opportunitajiet indaqs, aċċess għas-suq tax-xogħol u kundizzjonijiet tax-xogħol ġusti. Il-Prinċipju 3 tal-Pilastru jissottolinja li, irrispettivament mill-ġeneru, l-oriġini razzjali jew etnika, ir-

religjon jew it-twemmin, id-diżabilità, l-età jew l-orjentazzjoni sesswali, kull persuna għandha d-dritt għal trattament ugwali u opportunitajiet indaqs, rigward, fost l-oħrajn, ix-xogħol u l-edukazzjoni. Il-Prinċipju 4(b) tal-Pilastru jipprovdi liż-żgħażagħ id-dritt għal edukazzjoni kontinwa, apprendistat, traineeship jew offerta ta' impjieg tajjeb fi żmien 4 xhur minn meta jsiru qiegħda jew minn meta jitilqu mill-edukazzjoni. Il-Prinċipju 5 tal-Pilastru jipprevedi li, irrispettivament mit-tip u mid-durata tar-relazzjoni ta' impjieg, il-ħaddiema għandhom id-dritt għal trattament ġust u ugwali fir-rigward tal-kundizzjonijiet tax-xogħol, aċċess għall-protezzjoni soċjali u t-taħriġ, u li r-relazzjonijiet ta' impjieg li jwasslu għal kundizzjonijiet tax-xogħol prekarji għandhom jiġu evitati. Il-Prinċipju 6 tal-Pilastru jipprevedi li l-ħaddiema għandhom id-dritt għal pagi ġusti li jipprovdu standard ta' għajxien deċenti.

Or. en

Emenda 108
Irena Joveva, Martin Hojsík, Jana Toom, Brigitte van den Berg

Proposta għal direttiva
Premessa 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(2) Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar Qafas Ewropew għal Apprendistati ta' Kwalità u Effettivi[3] fiha 14-il kriterju għal apprendistati ta' kwalità u effettivi bl-għan li jiġi żgurat li l-iskemi ta' apprendistat jirrispondu għall-ħtiġijiet tas-suq tax-xogħol u jipprovdu benefiċċji kemm għall-istudenti kif ukoll għal min iħaddem. Dawn jinkludu kriterji għal kundizzjonijiet tat-tagħlim u tax-xogħol u kriterji għall-kundizzjonijiet qafas.	***imħassar***

[3] Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-15 ta' Marzu 2018 dwar Qafas Ewropew għal Apprendistati ta' Kwalità u Effettivi (ĠU C 153, 2.5.2018, p. 1).

Or. en

Emenda 109
Maravillas Abadía Jover, Raúl de la Hoz Quintano, Rosa Estaràs Ferragut

Proposta għal direttiva
Premessa 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(3) ***Il-Garanzija*** għaż-Żgħażagħ[4] ***imsaħħa għandha l-għan li tiżgura li ż-żgħażagħ*** taħt ***l-età ta' 30*** sena ***jirċievu offerta*** ta' impjieg ***ta' kwalità tajba, edukazzjoni kontinwa, apprendistat jew traineeship fi*** żmien ***erba' xhur minn meta jsiru qiegħda jew minn meta jitilqu mill-edukazzjoni. Ir-Rakkomandazzjoni*** tal-2014 ***hija punt ta' referenza importanti biex titkejjel il-kwalità tal-offerti ta' traineeships*** taħt il-Garanzija għaż-Żgħażagħ ***imsaħħa***.	(3) ***Trid titwettaq valutazzjoni mill-ġdid komprensiva tal-effettività tal-Garanzija*** għaż-Żgħażagħ ***f'li tipprovdi liż-żgħażagħ*** taħt ***it-30*** sena ***opportunitajiet*** ta' impjieg ***sinifikanti u sostenibbli. Jenfasizza l-ħtieġa li jiġi evalwat jekk il-qafas attwali jtejjibx ġenwinament il-prospetti ta' xogħol fit-tul, l-iżvilupp tal-ħiliet, u l-integrazzjoni fis-suq tax-xogħol, aktar milli joffri soluzzjonijiet għal żmien qasir li jistgħu ma jwasslux għal impjieg stabbli u anke perjodi fit-tul li jorbtu t-traineeships għal perjodu ta'*** żmien ***twil fl-istorja tal-impjieg ta' żagħżugħ. Jisħaq fuq l-importanza li tiġi rriežaminata r-Rakkomandazzjoni*** tal-2014 ***biex jiġi żgurat li t-traineeships u l-apprendistati*** taħt il-Garanzija għaż-Żgħażagħ ***jipprovdu valur miżjud reali u ma jintużawx ħażin bħala sostituti għal impjiegi ta' kwalità***.
[4] Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-30 ta' Ottubru 2020 dwar Pont għall-Impjiegi – It-tisħiħ tal-Garanzija għaż-Żgħażagħ u li tissostitwixxi r-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-22 ta' April 2013 dwar l-istabbiliment ta' Garanzija għaż-Żgħażagħ 2020/C 372/01 2020/C 372/01 (ĠU C 372, 4.11.2020, p. 1).	[4] Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-30 ta' Ottubru 2020 dwar Pont għall-Impjiegi – It-tisħiħ tal-Garanzija għaż-Żgħażagħ u li tissostitwixxi r-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-22 ta' April 2013 dwar l-istabbiliment ta' Garanzija għaż-Żgħażagħ 2020/C 372/01 2020/C 372/01 (ĠU C 372, 4.11.2020, p. 1).

Or. en

Emenda 110
Irena Joveva, Martin Hojsík, Jana Toom, Brigitte van den Berg

Proposta għal direttiva
Premessa 3a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(3a) Il-qgħad fost iż-żgħażagħ għadu sfida persistenti fl-UE, u r-rata tal-qgħad fost iż-żgħażagħ hija aktar mid-doppju tar-rata ġenerali tal-qgħad. Il-Pjan ta' Azzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali[1a] jistabbilixxi l-mira li r-rata ta' żgħażagħ li għandhom bejn il-15 u d-29 sena li huma NEETs titnaqqas minn 12,6 % (2019) għal 9 % sal-2030 billi jittejbu l-prospetti ta' impjieg tagħhom;
	[1a] COM(2021)102final.

Or. en

Emenda 111
Irena Joveva, Martin Hojsík, Jana Toom, Brigitte van den Berg

Proposta għal direttiva
Premessa 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(4) In-nuqqas ta' ħaddiema jeżisti f'ħafna xogħlijiet u fil-livelli kollha tal-ħiliet. Dan huwa mistenni li jiżdied bit-tnaqqis ipproġettat fil-popolazzjoni fl-età tax-xogħol u biż-żieda fid-domanda għal ***diversi*** xogħlijiet rilevanti għat-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali. Il-parteċipazzjoni aktar baxxa taż-żgħażagħ fis-suq tax-xogħol tikkontribwixxi għal dawn in-nuqqasijiet. Traineeships ta' kwalità jistgħu jkunu ***perkors*** utli ***ta' titjib tal-ħiliet u/jew taħriġ mill-ġdid għal persuni ta' kwalunkwe età*** biex jiksbu ħiliet prattiċi fl-	(4) In-nuqqas ta' ħaddiema ***u ta' ħiliet*** jeżisti f'ħafna xogħlijiet u fil-livelli kollha tal-ħiliet. Dan huwa mistenni li jiżdied bit-tnaqqis ipproġettat fil-popolazzjoni fl-età tax-xogħol u biż-żieda fid-domanda għal ***għadd ta' setturi u*** xogħlijiet rilevanti għat-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali. ***Kif enfasizzat mir-rapporti Draghi[1a] u Letta[1b], in-nuqqas ta' investiment fil-ħiliet ma jagħmel xejn għajr jaggrava dawn in-nuqqasijiet u jimpedixxi l-kompetittività Ewropea***. Il-parteċipazzjoni aktar baxxa taż-żgħażagħ fis-suq tax-xogħol

impjieg biex jidħlu fis-suq tax-xogħol ***jew imexxu l-karriera tagħhom f'direzzjoni ġdida***.

tikkontribwixxi għal dawn in-nuqqasijiet. Traineeships ta' kwalità ***fis-suq tax-xogħol miftuħ*** jistgħu jkunu ***opportunità*** utli ***għal persuni li jkunu temmew jew qabżu l-edukazzjoni u t-taħriġ formali jew li qed jidħlu fis-suq tax-xogħol*** biex jiksbu ħiliet prattiċi fl-impjieg biex jidħlu fis-suq tax-xogħol.

[1a] The Future of EU Competitiveness, Mario Draghi, Settembru 2024

[1b] Much More than A Market, Enrico Letta, April 2024

Or. en

Emenda 112
Benedetta Scuderi
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal direttiva
Premessa 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(4) In-nuqqas ta' ħaddiema jeżisti f'ħafna xogħlijiet u fil-livelli kollha tal-ħiliet. Dan huwa mistenni li jiżdied bit-tnaqqis ipproġettat fil-popolazzjoni fl-età tax-xogħol u biż-żieda fid-domanda għal diversi xogħlijiet rilevanti għat-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali. ***Il-parteċipazzjoni aktar baxxa taż-żgħażagħ fis-suq tax-xogħol tikkontribwixxi għal dawn in-nuqqasijiet.*** Traineeships ta' kwalità ***jistgħu jkunu*** perkors utli ta' titjib tal-ħiliet u/jew taħriġ mill-ġdid għal persuni ta' kwalunkwe età biex jiksbu ħiliet prattiċi fl-impjieg biex jidħlu fis-suq tax-xogħol jew imexxu l-karriera tagħhom f'direzzjoni ġdida.	(4) In-nuqqas ta' ħaddiema jeżisti f'ħafna xogħlijiet u fil-livelli kollha tal-ħiliet. Dan huwa mistenni li jiżdied bit-tnaqqis ipproġettat fil-popolazzjoni fl-età tax-xogħol u biż-żieda fid-domanda għal diversi xogħlijiet rilevanti għat-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali. Traineeships ta' kwalità ***huma*** perkors utli ta' titjib tal-ħiliet u/jew taħriġ mill-ġdid għal persuni ta' kwalunkwe età biex jiksbu ħiliet prattiċi fl-impjieg biex jidħlu fis-suq tax-xogħol jew imexxu l-karriera tagħhom f'direzzjoni ġdida.

Or. en

Emenda 113
Henrik Dahl

Proposta għal direttiva
Premessa 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(4) In-nuqqas ta' ħaddiema jeżisti f'ħafna xogħlijiet u fil-livelli kollha tal-ħiliet. Dan huwa mistenni li jiżdied bit-tnaqqis ipproġettat fil-popolazzjoni fl-età tax-xogħol u biż-żieda fid-domanda għal diversi xogħlijiet rilevanti għat-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali. Il-parteċipazzjoni aktar baxxa taż-żgħażagħ fis-suq tax-xogħol tikkontribwixxi għal dawn in-nuqqasijiet. Traineeships ta' kwalità jistgħu jkunu perkors utli ta' titjib tal-ħiliet u/jew taħriġ mill-ġdid għal persuni ta' kwalunkwe età ***biex jiksbu ħiliet prattiċi fl-impjieg biex jidħlu fis-suq tax-xogħol jew imexxu l-karriera tagħhom f'direzzjoni ġdida***.	(4) In-nuqqas ta' ħaddiema jeżisti f'ħafna xogħlijiet u fil-livelli kollha tal-ħiliet. Dan huwa mistenni li jiżdied bit-tnaqqis ipproġettat fil-popolazzjoni fl-età tax-xogħol u biż-żieda fid-domanda għal diversi xogħlijiet rilevanti għat-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali. Il-parteċipazzjoni aktar baxxa taż-żgħażagħ fis-suq tax-xogħol tikkontribwixxi għal dawn in-nuqqasijiet. Traineeships ta' kwalità jistgħu jkunu perkors utli ta' titjib tal-ħiliet u/jew taħriġ mill-ġdid għal persuni ta' kwalunkwe età***, li jista' jiftaħ opportunitajiet ġodda għall-karriera u jgħin biex jirrimedja n-nuqqas ta' ħaddiema***.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Contrary to the draft report suggestion to delete this recital, it is necessary, that all organisations and institutions in the EU must recognise that EU faces labour and skills shortages, only to increase in the coming years, due to demographic changes. The recognition is well placed in the present directive proposal as traineeships are beneficial for the skills agenda to re- and upskill workers and also for active labour market policies to grant valuable experience in order to obtain full-time employment for persons outside the labour market. Shortage of labour and skills will affect all EU-agendas and -ambitions negatively, as it limits the EU's ability to deliver on important targets. All of Europe should face the problems and work together to solve them.

Emenda 114
Arba Kokalari

Proposta għal direttiva
Premessa 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(4) In-nuqqas ta' ħaddiema jeżisti f'ħafna xogħlijiet u fil-livelli kollha tal-ħiliet. Dan huwa mistenni li jiżdied bit-tnaqqis ipproġettat fil-popolazzjoni fl-età tax-xogħol u biż-żieda fid-domanda għal diversi xogħlijiet rilevanti għat-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali. Il-parteċipazzjoni aktar baxxa taż-żgħażagħ fis-suq tax-xogħol tikkontribwixxi għal dawn in-nuqqasijiet. Traineeships ***ta' kwalità*** jistgħu jkunu perkors utli ta' titjib tal-ħiliet u/jew taħriġ mill-ġdid ***għal persuni ta' kwalunkwe età*** biex jiksbu ħiliet prattiċi fl-impjieg biex jidħlu fis-suq tax-xogħol ***jew imexxu l-karriera tagħhom f'direzzjoni ġdida***.	(4) In-nuqqas ta' ħaddiema jeżisti f'ħafna xogħlijiet u fil-livelli kollha tal-ħiliet. Dan huwa mistenni li jiżdied bit-tnaqqis ipproġettat fil-popolazzjoni fl-età tax-xogħol u biż-żieda fid-domanda għal diversi xogħlijiet rilevanti għat-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali. Il-parteċipazzjoni aktar baxxa taż-żgħażagħ fis-suq tax-xogħol tikkontribwixxi għal dawn in-nuqqasijiet. Traineeships jistgħu jkunu perkors utli ta' titjib tal-ħiliet u/jew taħriġ mill-ġdid ***għaż-żgħażagħ*** biex jiksbu ħiliet prattiċi fl-impjieg biex jidħlu fis-suq tax-xogħol.

Or. en

Emenda 115
Angelika Winzig

Proposta għal direttiva
Premessa 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(4) In-nuqqas ta' ħaddiema jeżisti f'ħafna xogħlijiet u fil-livelli kollha tal-ħiliet. Dan huwa mistenni li jiżdied bit-tnaqqis ipproġettat fil-popolazzjoni fl-età tax-xogħol u biż-żieda fid-domanda għal diversi xogħlijiet rilevanti għat-tranżizzjoni ***ekoloġika u diġitali***. Il-parteċipazzjoni aktar baxxa taż-żgħażagħ fis-suq tax-xogħol tikkontribwixxi għal dawn in-nuqqasijiet. Traineeships ta' kwalità jistgħu jkunu perkors utli ta' titjib tal-ħiliet u/jew taħriġ mill-ġdid għal persuni ta' kwalunkwe età biex jiksbu ħiliet prattiċi fl-impjieg biex jidħlu fis-suq tax-xogħol jew imexxu l-karriera tagħhom f'direzzjoni ġdida.	(4) In-nuqqas ta' ħaddiema jeżisti f'ħafna xogħlijiet u fil-livelli kollha tal-ħiliet. Dan huwa mistenni li jiżdied bit-tnaqqis ipproġettat fil-popolazzjoni fl-età tax-xogħol u biż-żieda fid-domanda għal diversi xogħlijiet rilevanti għat-tranżizzjoni ***doppja***. Il-parteċipazzjoni aktar baxxa taż-żgħażagħ fis-suq tax-xogħol tikkontribwixxi għal dawn in-nuqqasijiet. Traineeships ta' kwalità jistgħu jkunu perkors utli ta' titjib tal-ħiliet u/jew taħriġ mill-ġdid għal persuni ta' kwalunkwe età biex jiksbu ħiliet prattiċi fl-impjieg biex jidħlu fis-suq tax-xogħol jew imexxu l-karriera tagħhom f'direzzjoni ġdida.

Or. en

Emenda 116
Chiara Gemma, Georgiana Teodorescu, Francesco Torselli, Mariateresa Vivaldini, Elena Donazzan

Proposta għal direttiva
Premessa 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(4) In-nuqqas ta' ħaddiema jeżisti f'ħafna xogħlijiet u fil-livelli kollha tal-ħiliet. ***Dan*** huwa mistenni li jiżdied bit-tnaqqis ipproġettat fil-popolazzjoni fl-età tax-xogħol u biż-żieda fid-domanda għal diversi xogħlijiet rilevanti għat-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali. Il-parteċipazzjoni aktar baxxa taż-żgħażagħ fis-suq tax-xogħol tikkontribwixxi għal dawn in-nuqqasijiet. Traineeships ta' kwalità jistgħu jkunu perkors utli ta' titjib tal-ħiliet u/jew taħriġ mill-ġdid għal persuni ta' kwalunkwe età biex jiksbu ħiliet prattiċi fl-impjieg biex jidħlu fis-suq tax-xogħol jew imexxu l-karriera tagħhom f'direzzjoni ġdida.	(4) In-nuqqas ta' ħaddiema jeżisti f'ħafna xogħlijiet u fil-livelli kollha tal-ħiliet. ***3 minn kull 4 ditti tal-UE jiffaċċjaw diffikultajiet biex isibu impjegati bil-ħiliet adatti[1a]. In-nuqqas ta' ħaddiema*** huwa mistenni li jiżdied bit-tnaqqis ipproġettat fil-popolazzjoni fl-età tax-xogħol u biż-żieda fid-domanda għal diversi xogħlijiet rilevanti għat-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali. Il-parteċipazzjoni aktar baxxa taż-żgħażagħ fis-suq tax-xogħol tikkontribwixxi għal dawn in-nuqqasijiet. Traineeships ta' kwalità jistgħu jkunu perkors utli ta' titjib tal-ħiliet u/jew taħriġ mill-ġdid għal persuni ta' kwalunkwe età biex jiksbu ħiliet prattiċi fl-impjieg biex jidħlu fis-suq tax-xogħol jew imexxu l-karriera tagħhom f'direzzjoni ġdida. **.**
	_____
	1a
	https://www.cedefop.europa.eu/files/9173_en.pdf

Or. en

Emenda 117
Raúl de la Hoz Quintano, Rosa Estaràs Ferragut, Maravillas Abadía Jover

Proposta għal direttiva
Premessa 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(4) In-nuqqas ta' ħaddiema jeżisti f'ħafna xogħlijiet u fil-livelli kollha tal-ħiliet. Dan huwa mistenni li jiżdied bit-tnaqqis ipproġettat fil-popolazzjoni fl-età tax-xogħol u biż-żieda fid-domanda għal diversi xogħlijiet rilevanti għat-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali. Il-parteċipazzjoni aktar baxxa taż-żgħażagħ fis-suq tax-xogħol tikkontribwixxi għal dawn in-nuqqasijiet. Traineeships ta' kwalità jistgħu jkunu perkors utli ta' titjib tal-ħiliet u/jew taħriġ mill-ġdid għal persuni ta' kwalunkwe età biex jiksbu ħiliet prattiċi fl-impjieg biex jidħlu fis-suq tax-xogħol jew imexxu l-karriera tagħhom f'direzzjoni ġdida.	(4) In-nuqqas ta' ħaddiema jeżisti f'ħafna xogħlijiet u fil-livelli kollha tal-ħiliet. Dan huwa mistenni li jiżdied bit-tnaqqis ipproġettat fil-popolazzjoni fl-età tax-xogħol u biż-żieda fid-domanda għal diversi xogħlijiet rilevanti għat-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali. Il-parteċipazzjoni aktar baxxa taż-żgħażagħ fis-suq tax-xogħol tikkontribwixxi għal dawn in-nuqqasijiet. Traineeships ta' kwalità jistgħu jkunu perkors utli ta' titjib tal-ħiliet u/jew taħriġ mill-ġdid għal persuni ta' kwalunkwe età biex jiksbu ħiliet prattiċi fl-impjieg biex jidħlu fis-suq tax-xogħol***, iżidu l-adattabbiltà tagħhom għal bidliet u talbiet professjonali ġodda*** jew imexxu l-karriera tagħhom f'direzzjoni ġdida.

Or. es

Emenda 118
Catarina Martins, Estrella Galán, Anthony Smith, Konstantinos Arvanitis, Kathleen Funchion, Leila Chaibi

Proposta għal direttiva
Premessa 4a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(4a) Fl-2022, il-Konferenza dwar il-Futur tal-Ewropa ressqet proposta biex jiġi żgurat li l-internships u l-impjiegi taż-żgħażagħ jaderixxu ma' standards ta' kwalità, inkluż dwar il-pagi u l-projbizzjoni ta' internships mhux imħallsa fis-suq tax-xogħol u barra mill-edukazzjoni formali.

Or. en

Emenda 119
Catarina Martins, Estrella Galán, Anthony Smith, Konstantinos Arvanitis, Kathleen

Funchion, Leila Chaibi

Proposta għal direttiva
Premessa 4b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(4b) L-Istrateġija dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabilità 2021-2030 għandha l-għan li tiżgura l-parteċipazzjoni sħiħa ta' persuni b'diżabilità fis-soċjetà, bl-istess mod bħal ħaddieħor fl-Unjoni u lil hinn minnha. Fi ħdan dik l-istrateġija, il-Kummissjoni timpenja ruħha li tiżgura li l-persuni b'diżabilità jkunu jistgħu jieħdu sehem fit-taħriġ u fit-tagħlim ta' ħiliet ġodda bħala rekwiżit fundamentali għall-impjieg u l-indipendenza.

Or. en

Emenda 120
Maravillas Abadía Jover, Raúl de la Hoz Quintano, Rosa Estaràs Ferragut

Proposta għal direttiva
Premessa 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(5) It-traineeships jistgħu jgħinu liż-żgħażagħ jiksbu esperjenza prattika u professjonali, itejbu l-impjegabbiltà tagħhom, u jiffaċilitaw it-tranżizzjoni tagħhom lejn impjieg stabbli. ***Minnhom infushom, it-traineeships huma perkors importanti għas-suq tax-xogħol. Għall-impjegaturi, it-traineeships jipprovdu opportunitajiet biex jattiraw, iħarrġu, u jżommu ż-żgħażagħ. Dawn jistgħu jnaqqsu l-kost tat-tiftix u r-reklutaġġ ta' persunal b'ħiliet, meta t-trainees jiġu offruti pożizzjoni regolari wara t-traineeship tagħhom. Madankollu, dan jista' jinkiseb biss jekk it-traineeships jkunu ta' kwalità tajba u joffru kundizzjonijiet tax-xogħol deċenti.***	(5) It-traineeships jistgħu jgħinu liż-żgħażagħ jiksbu esperjenza prattika u professjonali, itejbu l-impjegabbiltà tagħhom, u jiffaċilitaw it-tranżizzjoni tagħhom lejn impjieg stabbli.

Or. en

Emenda 121
Jagna Marczułajtis-Walczak

Proposta għal direttiva
Premessa 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(5) It-traineeships jistgħu jgħinu liż-żgħażagħ jiksbu esperjenza prattika u professjonali, itejbu l-impjegabbiltà tagħhom, u jiffaċilitaw it-tranżizzjoni tagħhom lejn impjieg stabbli. Minnhom infushom, it-traineeships huma perkors importanti għas-suq tax-xogħol. ***Għall-impjegaturi, it-traineeships jipprovdu opportunitajiet biex jattiraw, iħarrġu, u jżommu ż-żgħażagħ. Dawn jistgħu jnaqqsu l-kost tat-tiftix u r-reklutaġġ ta' persunal b'ħiliet, meta t-trainees jiġu offruti pożizzjoni regolari wara t-traineeship tagħhom. Madankollu, dan jista' jinkiseb biss jekk it-traineeships jkunu ta' kwalità tajba u joffru kundizzjonijiet tax-xogħol deċenti.***	(5) It-traineeships jistgħu jgħinu liż-żgħażagħ jiksbu esperjenza prattika u professjonali, itejbu l-impjegabbiltà tagħhom, u jiffaċilitaw it-tranżizzjoni tagħhom lejn impjieg stabbli. Minnhom infushom, it-traineeships huma perkors importanti għas-suq tax-xogħol.

Or. en

Emenda 122
Catarina Martins, Estrella Galán, Anthony Smith, Konstantinos Arvanitis, Kathleen Funchion, Leila Chaibi

Proposta għal direttiva
Premessa 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(5) It-traineeships ***jistgħu*** jgħinu liż-żgħażagħ jiksbu esperjenza prattika u professjonali, ***itejbu l-impjegabbiltà tagħhom, u*** jiffaċilitaw it-tranżizzjoni tagħhom ***lejn*** impjieg stabbli. Minnhom infushom, it-traineeships ***huma*** perkors	(5) It-traineeships ***għandhom l-għan li*** jgħinu liż-żgħażagħ jiksbu esperjenza prattika u professjonali, ***biex*** jiffaċilitaw it-tranżizzjoni tagħhom ***mill-edukazzjoni għal*** impjieg stabbli ***u l-aċċess għal professjoni. L-iskop ta' traineeship huwa***

importanti għas-suq tax-xogħol. ***Għall-impjegaturi, it-traineeships jipprovdu opportunitajiet biex jattiraw, iħarrġu, u jżommu ż-żgħażagħ. Dawn jistgħu jnaqqsu l-kost tat-tiftix u r-reklutaġġ ta' persunal b'ħiliet, meta t-trainees jiġu offruti pożizzjoni regolari wara t-traineeship tagħhom***. Madankollu, dan jista' jinkiseb biss jekk it-traineeships jkunu ta' kwalità tajba u joffru kundizzjonijiet tax-xogħol deċenti.	***li jgħaqqad perjodu qasir ta' xogħol fil-livell tad-dħul ma' esperjenza ta' taħriġ sinifikanti***. Minnhom infushom, it-traineeships ***jistgħu jkunu*** perkors importanti għas-suq tax-xogħol. Madankollu, dan jista' jinkiseb biss jekk it-traineeships jkunu ta' kwalità tajba u joffru kundizzjonijiet tax-xogħol deċenti***, inkluża remunerazzjoni ġusta***.

Or. en

Emenda 123
Irena Joveva, Martin Hojsík, Jana Toom, Brigitte van den Berg

Proposta għal direttiva
Premessa 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(5) It-traineeships jistgħu jgħinu liż-żgħażagħ jiksbu esperjenza prattika u professjonali, itejbu l-impjegabbiltà tagħhom, u jiffaċilitaw it-tranżizzjoni tagħhom ***lejn*** impjieg ***stabbli***. Minnhom infushom, it-traineeships huma perkors importanti għas-suq tax-xogħol. ***Għall-impjegaturi***, it-traineeships jipprovdu opportunitajiet biex jattiraw, iħarrġu, u jżommu ż-żgħażagħ. Dawn jistgħu jnaqqsu l-kost tat-tiftix u r-reklutaġġ ta' persunal b'ħiliet, meta t-trainees jiġu offruti pożizzjoni regolari wara t-traineeship tagħhom. Madankollu, dan jista' jinkiseb biss jekk it-traineeships jkunu ta' kwalità tajba u joffru kundizzjonijiet tax-xogħol deċenti.	(5) It-traineeships jistgħu jgħinu liż-żgħażagħ jiksbu esperjenza prattika u professjonali, itejbu l-impjegabbiltà tagħhom, u jiffaċilitaw it-tranżizzjoni tagħhom ***mill-edukazzjoni għal*** impjieg ***regolari permezz ta' perjodu limitat ta' xogħol fil-livell tad-dħul b'elementi sodi ta' tagħlim u taħriġ***. Minnhom infushom, it-traineeships huma perkors importanti għas-suq tax-xogħol. ***Għall-fornituri tat-traineeships***, it-traineeships jipprovdu opportunitajiet biex jattiraw, iħarrġu, u jżommu ż-żgħażagħ. Dawn jistgħu jnaqqsu l-kost tat-tiftix u r-reklutaġġ ta' persunal b'ħiliet, meta t-trainees jiġu offruti pożizzjoni regolari wara t-traineeship tagħhom. Madankollu, dan jista' jinkiseb biss jekk it-traineeships ikunu ta' kwalità tajba u joffru kundizzjonijiet tax-xogħol deċenti ***u trasparenti u komponent sinifikanti ta' tagħlim u taħriġ***.

Or. en

Emenda 124
Benedetta Scuderi
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal direttiva
Premessa 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(5) It-traineeships jistgħu jgħinu liż-żgħażagħ jiksbu esperjenza prattika u professjonali, itejbu l-impjegabbiltà tagħhom, u jiffaċilitaw it-tranżizzjoni tagħhom lejn impjieg stabbli. Minnhom infushom, it-traineeships huma ***perkors*** importanti ***għas-suq*** tax-xogħol. Għall-impjegaturi, it-traineeships jipprovdu opportunitajiet biex jattiraw, iħarrġu, u jżommu ż-żgħażagħ. Dawn jistgħu jnaqqsu l-kost tat-tiftix u r-reklutaġġ ta' persunal b'ħiliet, meta t-trainees jiġu offruti pożizzjoni regolari wara t-traineeship tagħhom. Madankollu, dan jista' jinkiseb biss jekk it-traineeships jkunu ta' kwalità tajba u joffru kundizzjonijiet tax-xogħol deċenti.	(5) It-traineeships jistgħu jgħinu liż-żgħażagħ jiksbu esperjenza prattika u professjonali, itejbu l-impjegabbiltà tagħhom, u jiffaċilitaw it-tranżizzjoni tagħhom ***mill-edukazzjoni*** lejn impjieg stabbli***. L-iskop ta' traineeship huwa li jgħaqqad perjodu qasir ta' xogħol fil-livell tad-dħul ma' esperjenza ta' taħriġ sinifikanti***. Minnhom infushom, it-traineeships huma ***dħul*** importanti ***fis-suq*** tax-xogħol. Għall-impjegaturi, it-traineeships jipprovdu opportunitajiet biex jattiraw, iħarrġu, u jżommu ż-żgħażagħ. Dawn jistgħu jnaqqsu l-kost tat-tiftix u r-reklutaġġ ta' persunal b'ħiliet, meta t-trainees jiġu offruti pożizzjoni regolari wara t-traineeship tagħhom. Madankollu, dan jista' jinkiseb biss jekk it-traineeships jkunu ta' kwalità tajba u joffru kundizzjonijiet tax-xogħol deċenti.

Or. en

Emenda 125
Chiara Gemma, Georgiana Teodorescu, Francesco Torselli, Mariateresa Vivaldini, Elena Donazzan

Proposta għal direttiva
Premessa 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(5) It-traineeships jistgħu jgħinu liż-żgħażagħ jiksbu esperjenza prattika u professjonali, itejbu l-impjegabbiltà tagħhom, u jiffaċilitaw it-tranżizzjoni tagħhom lejn impjieg stabbli. Minnhom infushom, it-traineeships huma perkors	(5) It-traineeships jistgħu jgħinu liż-żgħażagħ jiksbu esperjenza prattika u professjonali, itejbu l-impjegabbiltà tagħhom, u jiffaċilitaw it-tranżizzjoni tagħhom lejn impjieg stabbli. Minnhom infushom, it-traineeships huma perkors

importanti għas-suq tax-xogħol. Għall-impjegaturi, it-traineeships jipprovdu opportunitajiet biex jattiraw, iħarrġu, u jżommu ż-żgħażagħ. Dawn jistgħu jnaqqsu l-kost tat-tiftix u r-reklutaġġ ta' persunal b'ħiliet, meta t-trainees jiġu offruti pożizzjoni regolari wara t-traineeship tagħhom. Madankollu, dan jista' jinkiseb biss jekk it-traineeships jkunu ta' kwalità tajba u joffru kundizzjonijiet tax-xogħol deċenti.	importanti għas-suq tax-xogħol. Għall-impjegaturi, it-traineeships jipprovdu opportunitajiet biex jattiraw, iħarrġu, u jżommu ż-żgħażagħ. Dawn jistgħu jnaqqsu l-kost tat-tiftix u r-reklutaġġ ta' persunal b'ħiliet, meta t-trainees jiġu offruti pożizzjoni regolari wara t-traineeship tagħhom. Madankollu, dan jista' jinkiseb biss jekk it-traineeships jkunu ta' kwalità tajba u joffru kundizzjonijiet tax-xogħol deċenti. ***Ir-riċerka tikkonferma li l-valur tat-traineeships fl-iffaċilitar tat-tranżizzjoni għall-impjieg jiddependi mill-kwalità tagħhom f'termini ta' kontenut tat-tagħlim u kundizzjonijiet tax-xogħol[1a].***
	[1a] Il-Valutazzjoni tal-Impatt li takkumpanja d-dokument Proposta għal Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar Qafas ta' Kwalità għat-Traineeships. SWD(2013)495 final. P. 15.
	Or. en

Emenda 126
Raúl de la Hoz Quintano, Rosa Estaràs Ferragut, Maravillas Abadía Jover

Proposta għal direttiva
Premessa 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(5) It-traineeships jistgħu jgħinu liż-żgħażagħ jiksbu esperjenza prattika u professjonali, itejbu l-impjegabbiltà tagħhom, u jiffaċilitaw it-tranżizzjoni tagħhom lejn impjieg stabbli. Minnhom infushom, it-traineeships huma perkors importanti għas-suq tax-xogħol. Għall-impjegaturi, it-traineeships jipprovdu opportunitajiet biex jattiraw, iħarrġu, u jżommu ż-żgħażagħ. Dawn jistgħu jnaqqsu l-kost tat-tiftix u r-reklutaġġ ta' persunal b'ħiliet, meta t-trainees jiġu offruti pożizzjoni regolari wara t-traineeship tagħhom. Madankollu, dan jista' jinkiseb	(5) It-traineeships jistgħu jgħinu liż-żgħażagħ jiksbu ***ħiliet ġodda u*** esperjenza prattika u professjonali, itejbu l-impjegabbiltà tagħhom, u jiffaċilitaw it-tranżizzjoni tagħhom lejn impjieg stabbli. Minnhom infushom, it-traineeships huma perkors importanti għas-suq tax-xogħol. Għall-impjegaturi, it-traineeships jipprovdu opportunitajiet biex jattiraw, iħarrġu, u jżommu ż-żgħażagħ ***u jidentifikaw talent ġdid***. Dawn jistgħu jnaqqsu l-kost tat-tiftix u r-reklutaġġ ta' persunal b'ħiliet, meta t-trainees jiġu offruti pożizzjoni regolari wara t-traineeship tagħhom. Madankollu,

biss jekk it-traineeships jkunu ta' kwalità tajba u joffru kundizzjonijiet tax-xogħol deċenti.	dan jista' jinkiseb biss jekk it-traineeships jkunu ta' kwalità tajba u joffru kundizzjonijiet tax-xogħol deċenti.

Or. es

Emenda 127
Irena Joveva, Martin Hojsík, Jana Toom, Brigitte van den Berg

Proposta għal direttiva
Premessa 5a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(5a) L-oqfsa leġiżlattivi tal-Istati Membri dwar it-traineeships ivarjaw b'mod sostanzjali, u 16 mis-27 Stat Membru ma għandhomx definizzjoni legali ta' traineeships. Għalkemm l-Unjoni stabbiliet qafas ta' politika għat-traineeships sa mill-2013, ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-2014 dwar Qafas ta' Kwalità għal Traineeships ma hijiex vinkolanti u mhux l-Istati Membri kollha allinjaw l-oqfsa legali tagħhom ma' din ir-rakkomandazzjoni, minkejja li rrikonoxxew li traineeships ta' kwalità għolja jistgħu jkunu effettivi biex jiffaċilitaw l-aċċess taż-żgħażagħ għall-impjieg.

Or. en

Emenda 128
Maravillas Abadía Jover, Raúl de la Hoz Quintano, Rosa Estaràs Ferragut

Proposta għal direttiva
Premessa 5a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(5a) Għall-impjegaturi, it-traineeships jipprovdu opportunitajiet biex jattiraw, iħarrġu, u jżommu liż-żgħażagħ. Dan peress li jistgħu jnaqqsu l-kost tat-tiftix u

tar-reklutaġġ ta' persunal b'ħiliet meta t-trainees jiġu offruti pożizzjoni regolari wara t-traineeship tagħhom. Madankollu, dan jista' jinkiseb biss jekk it-traineeships ikunu attraenti, ta' kwalità tajba u joffru kundizzjonijiet tax-xogħol deċenti.

Or. en

Emenda 129
Chiara Gemma, Georgiana Teodorescu, Francesco Torselli, Mariateresa Vivaldini, Elena Donazzan

Proposta għal direttiva
Premessa 5a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(5a) Il-politiki tal-edukazzjoni u tat-taħriġ huma r-responsabbiltà tal-Istati Membri u jaqgħu taħt il-kompetenza tagħhom, iżda l-UE għandha rwol importanti fl-appoġġ, fil-koordinazzjoni u fl-ikkomplementar tal-azzjonijiet tal-Istati Membri f'dawn l-oqsma;

Or. en

Emenda 130
Arba Kokalari

Proposta għal direttiva
Premessa 5a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(5a) Għall-impjegaturi, it-traineeships jipprovdu opportunitajiet biex jattiraw, iħarrġu, u jżommu liż-żgħażagħ. Dawn jistgħu jnaqqsu l-kost tat-tiftix u tar-reklutaġġ ta' persunal b'ħiliet meta t-trainees jiġu offruti impjieg stabbli wara t-traineeship tagħhom.

Or. en

Emenda 131
Irena Joveva, Martin Hojsík, Jana Toom, Brigitte van den Berg

Proposta għal direttiva
Premessa 5b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(5b) In-nuqqas ta' statistika uffiċjali dwar it-traineeships ixekkel il-valutazzjoni tal-kwalità u l-effettività tagħhom fl-iffaċilitar tat-tranżizzjoni lejn impjieg regolari. Madankollu, l-għadd ta' żgħażagħ li temmew traineeship żdied b'mod sinifikanti matul l-aħħar 10 snin filwaqt li madwar terz tat-trainees fis-suq tax-xogħol bħalissa ma humiex imħallsa skont l-istħarriġ tal-opinjoni tal-Ewrobarometru. Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri tistma li madwar 3,7 miljun żagħżugħ fl-UE jistgħu jagħmlu traineeships kull sena bħala l-ewwel esperjenza professjonali tagħhom u f'rapport analitiku reċenti l-Qorti sabet sfidi relatati mad-diversi definizzjonijiet ta' traineeships u mal-applikazzjoni inkonsistenti tar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-2014 dwar traineeships ta' kwalità fl-Istati Membri kif ukoll ma' data affidabbli limitata dwar it-traineeships li tfixkel it-tfassil ta' politika bbażat fuq l-evidenza u mal-varjazzjonijiet potenzjali fl-opportunitajiet u l-aċċessibbiltà għat-traineeships għaż-żgħażagħ minn sfondi soċjali differenti[1a].

[1a] Rapport Analitiku 01/2024: Azzjonijiet tal-UE li jindirizzaw it-traineeships għaż-żgħażagħ, il-Qorti Ewropea tal-Awdituri.

Or. en

Emenda 132
Andrea Wechsler

Proposta għal direttiva
Premessa 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(6) Għad hemm sfidi rigward l-użu problematiku tat-traineeships, inkluż meta l-pożizzjonijiet regolari tal-impjegati jiġu li taparsi jkunu traineeships, li jċaħħdu lil dawk il-ħaddiema mid-drittijiet sħaħ tagħhom skont id-dritt tal-Unjoni, il-liġi nazzjonali u l-ftehimiet kollettivi ***u joħolqu riskju li jinqabdu f'kundizzjonijiet tax-xogħol prekarji***. Ir-relazzjonijiet ta' impjieg li taparsi jkunu traineeships ifixklu l-kompetizzjoni bejn il-kumpaniji billi jpoġġu lill-impjegaturi konformi fi żvantaġġ, iwasslu għall-evitar tal-obbligi fiskali u tas-sigurtà soċjali tal-impjegaturi u għal sostituzzjoni ta' karigi permanenti. F'każijiet oħra, l-impjegaturi ta' trainees "ġenwini" jistgħu ma jikkonformawx mar-rekwiżiti kollha li jirriżultaw mid-dritt tal-Unjoni, mil-liġi nazzjonali, mill-ftehimiet kollettivi jew mill-prattika, u b'hekk iċaħħduhom mid-drittijiet sħaħ tagħhom.	(6) Għad hemm sfidi rigward l-użu problematiku tat-traineeships, inkluż meta l-pożizzjonijiet regolari tal-impjegati jiġu li taparsi jkunu traineeships, li jċaħħdu lil dawk il-ħaddiema mid-drittijiet sħaħ tagħhom skont id-dritt tal-Unjoni, il-liġi nazzjonali u l-ftehimiet kollettivi. Ir-relazzjonijiet ta' impjieg li taparsi jkunu traineeships ifixklu l-kompetizzjoni bejn il-kumpaniji billi jpoġġu lill-impjegaturi konformi fi żvantaġġ, iwasslu għall-evitar tal-obbligi fiskali u tas-sigurtà soċjali tal-impjegaturi u għal sostituzzjoni ta' karigi permanenti. F'każijiet oħra, l-impjegaturi ta' trainees "ġenwini" jistgħu ma jikkonformawx mar-rekwiżiti kollha li jirriżultaw mid-dritt tal-Unjoni, mil-liġi nazzjonali, mill-ftehimiet kollettivi jew mill-prattika, u b'hekk iċaħħduhom mid-drittijiet sħaħ tagħhom**.**

Or. en

Emenda 133
Chiara Gemma, Georgiana Teodorescu, Francesco Torselli, Mariateresa Vivaldini, Elena Donazzan

Proposta għal direttiva
Premessa 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(6) Għad hemm sfidi rigward l-użu problematiku tat-traineeships, inkluż meta l-pożizzjonijiet regolari tal-impjegati jiġu li taparsi jkunu traineeships, li jċaħħdu lil dawk il-ħaddiema mid-drittijiet sħaħ tagħhom skont id-dritt tal-Unjoni, il-liġi nazzjonali u l-ftehimiet kollettivi ***u joħolqu riskju li jinqabdu f'kundizzjonijiet tax-***	(6) Għad hemm sfidi rigward l-użu problematiku tat-traineeships, inkluż meta l-pożizzjonijiet regolari tal-impjegati jiġu li taparsi jkunu traineeships, li jċaħħdu lil dawk il-ħaddiema mid-drittijiet sħaħ tagħhom skont id-dritt tal-Unjoni, il-liġi nazzjonali u l-ftehimiet kollettivi. Ir-relazzjonijiet ta' impjieg li taparsi jkunu

xogħol prekarji. Ir-relazzjonijiet ta' impjieg li taparsi jkunu traineeships ifixklu l-kompetizzjoni bejn il-kumpaniji billi jpoġġu lill-impjegaturi konformi fi żvantaġġ, iwasslu għall-evitar tal-obbligi fiskali u tas-sigurtà soċjali tal-impjegaturi u għal sostituzzjoni ta' karigi permanenti. F'każijiet oħra, l-impjegaturi ta' trainees "ġenwini" jistgħu ma jikkonformawx mar-rekwiżiti kollha li jirriżultaw mid-dritt tal-Unjoni, mil-liġi nazzjonali, mill-ftehimiet kollettivi jew mill-prattika, u b'hekk iċaħħduhom mid-drittijiet sħaħ tagħhom**.**

traineeships ifixklu l-kompetizzjoni bejn il-kumpaniji billi jpoġġu lill-impjegaturi konformi fi żvantaġġ, iwasslu għall-evitar tal-obbligi fiskali u tas-sigurtà soċjali tal-impjegaturi u għal sostituzzjoni ta' karigi permanenti. F'każijiet oħra, l-impjegaturi ta' trainees "ġenwini" jistgħu ma jikkonformawx mar-rekwiżiti kollha li jirriżultaw mid-dritt tal-Unjoni, mil-liġi nazzjonali, mill-ftehimiet kollettivi jew mill-prattika, u b'hekk iċaħħduhom mid-drittijiet sħaħ tagħhom**.**

Or. en

Emenda 134
Irena Joveva, Martin Hojsík, Jana Toom, Brigitte van den Berg

Proposta għal direttiva
Premessa 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(6) Għad hemm sfidi rigward l-użu problematiku tat-traineeships, inkluż meta l-pożizzjonijiet regolari tal-impjegati jiġu li taparsi jkunu traineeships, li jċaħħdu lil dawk il-ħaddiema mid-drittijiet sħaħ tagħhom skont id-dritt tal-Unjoni, il-liġi nazzjonali u l-ftehimiet kollettivi ***u*** joħolqu riskju li jinqabdu f'kundizzjonijiet tax-xogħol prekarji. Ir-relazzjonijiet ta' impjieg li taparsi jkunu traineeships ifixklu l-kompetizzjoni bejn il-kumpaniji billi jpoġġu lill-impjegaturi konformi fi żvantaġġ, iwasslu għall-evitar tal-obbligi fiskali u tas-sigurtà soċjali tal-impjegaturi u għal sostituzzjoni ta' karigi permanenti. F'każijiet oħra, ***l-impjegaturi*** ta' trainees "ġenwini" jistgħu ma jikkonformawx mar-rekwiżiti kollha li jirriżultaw mid-dritt tal-Unjoni, mil-liġi nazzjonali, mill-ftehimiet kollettivi jew mill-prattika, u b'hekk iċaħħduhom mid-drittijiet sħaħ tagħhom**.**	(6) Għad hemm sfidi rigward l-użu problematiku tat-traineeships, inkluż meta ***t-traineeships ikunu ta' kwalità fqira b'kundizzjonijiet ta' xogħol inferjuri, li jinkludu l-ebda remunerazzjoni jew remunerazzjoni baxxa, durata indeterminata, ripetuti mal-istess fornitur tat-traineeship jew jirrikjedu esperjenza ta' xogħol preċedenti jew meta*** l-pożizzjonijiet regolari tal-impjegati jiġu li taparsi jkunu traineeships, li jċaħħdu lil dawk il-ħaddiema ***minn relazzjonijiet ta' impjieg regolari u*** mid-drittijiet sħaħ tagħhom skont id-dritt tal-Unjoni, il-liġi nazzjonali u l-ftehimiet kollettivi ***li*** joħolqu riskju li jinqabdu f'kundizzjonijiet tax-xogħol prekarji. Ir-relazzjonijiet ta' impjieg ***regolari*** li taparsi jkunu traineeships ifixklu l-kompetizzjoni bejn il-kumpaniji billi jpoġġu lill-impjegaturi konformi fi żvantaġġ, iwasslu għall-evitar tal-obbligi fiskali u tas-sigurtà soċjali tal-impjegaturi u għal sostituzzjoni ta' karigi permanenti.

F’każijiet oħra, ***il-forniturи ta’ traineeships*** ta’ trainees “ġenwini” jistgħu ma jikkonformawx mar-rekwiżiti kollha li jirriżultaw mid-dritt tal-Unjoni, mil-liġi nazzjonali, mill-ftehimiet kollettivi jew mill-prattika, u b’hekk iċaħħduhom mid-drittijiet sħaħ tagħhom.

Or. en

Emenda 135
Isabelle Le Callennec

Proposta għal direttiva
Premessa 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(6) Għad hemm sfidi rigward l-użu problematiku tat-traineeships, inkluż meta l-pożizzjonijiet regolari tal-impjegati jiġu li taparsi jkunu traineeships, li jċaħħdu lil dawk il-ħaddiema mid-drittijiet sħaħ tagħhom skont id-dritt tal-Unjoni, il-liġi nazzjonali u l-ftehimiet kollettivi u joħolqu riskju li jinqabdu f’kundizzjonijiet tax-xogħol prekarji. Ir-relazzjonijiet ta’ impjieg li taparsi jkunu traineeships ifixklu l-kompetizzjoni bejn il-kumpaniji billi jpoġġu lill-impjegaturi konformi fi żvantaġġ, iwasslu għall-evitar tal-obbligi fiskali u tas-sigurtà soċjali tal-impjegaturi u għal sostituzzjoni ta’ karigi permanenti. F’każijiet oħra, l-impjegaturi ta’ trainees “ġenwini” jistgħu ma jikkonformawx mar-rekwiżiti kollha li jirriżultaw mid-dritt tal-Unjoni, mil-liġi nazzjonali, mill-ftehimiet kollettivi jew mill-prattika, u b’hekk iċaħħduhom mid-drittijiet sħaħ tagħhom.	(6) Għad hemm sfidi rigward l-użu problematiku tat-traineeships ***fis-suq tax-xogħol miftuħ***, inkluż meta l-pożizzjonijiet regolari tal-impjegati jiġu li taparsi jkunu traineeships, li jċaħħdu lil dawk il-ħaddiema mid-drittijiet sħaħ tagħhom skont id-dritt tal-Unjoni, il-liġi nazzjonali u l-ftehimiet kollettivi u joħolqu riskju li jinqabdu f’kundizzjonijiet tax-xogħol prekarji. Ir-relazzjonijiet ta’ impjieg li taparsi jkunu traineeships ifixklu l-kompetizzjoni bejn il-kumpaniji billi jpoġġu lill-impjegaturi konformi fi żvantaġġ, iwasslu għall-evitar tal-obbligi fiskali u tas-sigurtà soċjali tal-impjegaturi u għal sostituzzjoni ta’ karigi permanenti. F’każijiet oħra, l-impjegaturi ta’ trainees “ġenwini” jistgħu ma jikkonformawx mar-rekwiżiti kollha li jirriżultaw mid-dritt tal-Unjoni, mil-liġi nazzjonali, mill-ftehimiet kollettivi jew mill-prattika, u b’hekk iċaħħduhom mid-drittijiet sħaħ tagħhom.

Or. fr

Emenda 136
Andrea Wechsler

Proposta għal direttiva
Premessa 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(7) Barra minn hekk, it-trainees huma inqas probabbli li jiddefendu d-drittijiet tagħhom minħabba l-pożizzjonijiet vulnerabbli tagħhom fis-suq tax-xogħol. In-nuqqas, il-kumplessità jew id-diversità tal-oqfsa regolatorji għat-traineeships f'diversi Stati Membri ***flimkien ma' infurzar insuffiċjenti tal-leġiżlazzjoni nazzjonali u n-nuqqas ta' kapaċità għal kontrolli u spezzjonijiet, kif ukoll in-nuqqas ta' ċarezza rigward l-awtorità responsabbli għall-kontroll u l-infurzar,*** huma fost il-fatturi ewlenin li jwasslu għall-użu problematiku tat-traineeships.	(7) Barra minn hekk, it-trainees huma inqas probabbli li jiddefendu d-drittijiet tagħhom minħabba l-pożizzjonijiet vulnerabbli tagħhom fis-suq tax-xogħol. In-nuqqas, il-kumplessità jew id-diversità tal-oqfsa regolatorji għat-traineeships f'diversi Stati Membri huma fost il-fatturi ewlenin li jwasslu għall-użu problematiku tat-traineeships.

Or. en

Emenda 137
Raúl de la Hoz Quintano, Rosa Estaràs Ferragut, Maravillas Abadía Jover

Proposta għal direttiva
Premessa 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(7) ***Barra minn hekk, it-trainees huma inqas probabbli li jiddefendu d-drittijiet tagħhom minħabba l-pożizzjonijiet vulnerabbli tagħhom fis-suq tax-xogħol.*** In-nuqqas, il-kumplessità jew id-diversità tal-oqfsa regolatorji għat-traineeships f'diversi Stati Membri flimkien ma' infurzar insuffiċjenti tal-leġiżlazzjoni nazzjonali u n-nuqqas ta' kapaċità għal kontrolli u spezzjonijiet, kif ukoll in-nuqqas ta' ċarezza rigward l-awtorità responsabbli għall-kontroll u l-infurzar, huma fost il-fatturi ewlenin li jwasslu għall-użu problematiku tat-traineeships.	(7) In-nuqqas, il-kumplessità jew id-diversità tal-oqfsa regolatorji għat-traineeships f'diversi Stati Membri flimkien ma' infurzar insuffiċjenti tal-leġiżlazzjoni nazzjonali u n-nuqqas ta' kapaċità għal kontrolli u spezzjonijiet, kif ukoll in-nuqqas ta' ċarezza rigward l-awtorità responsabbli għall-kontroll u l-infurzar, huma fost il-fatturi ewlenin li jwasslu għall-użu problematiku tat-traineeships.

Or. es

Emenda 138
Arba Kokalari, Henrik Dahl

Proposta għal direttiva
Premessa 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(7) Barra minn hekk, it-trainees huma inqas probabbli li jiddefendu d-drittijiet tagħhom minħabba l-pożizzjonijiet vulnerabbli tagħhom fis-suq tax-xogħol. ***In-nuqqas, il-kumplessità jew id-diversità tal-oqfsa regolatorji għat-traineeships f'diversi*** Stati Membri ***flimkien ma'*** infurzar insuffiċjenti tal-leġiżlazzjoni nazzjonali ***u n-nuqqas ta' kapaċità għal kontrolli u spezzjonijiet, kif ukoll in-nuqqas ta' ċarezza rigward l-awtorità responsabbli għall-kontroll u l-infurzar,*** huma fost il-fatturi ewlenin li jwasslu għall-użu problematiku tat-traineeships.	(7) Barra minn hekk, it-trainees huma inqas probabbli li jiddefendu d-drittijiet tagħhom minħabba l-pożizzjonijiet vulnerabbli tagħhom fis-suq tax-xogħol. ***Filwaqt li xi Stati Membri għandhom sistemi fis-seħħ li jaħdmu tajjeb,*** Stati Membri ***oħrajn jiffaċċjaw sfidi, bħal*** infurzar insuffiċjenti tal-leġiżlazzjoni nazzjonali ***jew sistemi tas-suq tax-xogħol li ma jiffunzjonawx tajjeb. Dawn il-kwistjonijiet*** huma fost il-fatturi ewlenin li jwasslu għall-użu problematiku tat-traineeships. ***Madankollu, is-sistemi eżistenti fl-Istati Membri jridu jiġu rrispettati f'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà, filwaqt li jiġu rrikonoxxuti l-approċċi u l-ħtiġijiet differenti madwar l-Istati Membri.***

Or. en

Emenda 139
Irena Joveva, Martin Hojsík, Jana Toom, Brigitte van den Berg

Proposta għal direttiva
Premessa 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(7) Barra minn hekk, it-trainees ***huma inqas probabbli*** li jiddefendu d-drittijiet tagħhom minħabba ***l-pożizzjonijiet*** vulnerabbli tagħhom fis-suq tax-xogħol. In-nuqqas, il-kumplessità jew id-diversità tal-oqfsa regolatorji għat-traineeships f'diversi Stati Membri flimkien ma' infurzar insuffiċjenti tal-leġiżlazzjoni	(7) Barra minn hekk, it-trainees ***spiss iħossu*** li ***ma jistgħux*** jiddefendu d-drittijiet tagħhom minħabba ***l-pożizzjoni*** vulnerabbli tagħhom fis-suq tax-xogħol. In-nuqqas, il-kumplessità jew id-diversità tal-oqfsa regolatorji għat-traineeships f'diversi Stati Membri flimkien ma' infurzar insuffiċjenti tal-leġiżlazzjoni nazzjonali u n-nuqqas ta'

nazzjonali u n-nuqqas ta' kapaċità għal kontrolli u spezzjonijiet, kif ukoll in-nuqqas ta' ċarezza rigward l-awtorità responsabbli għall-kontroll u l-infurzar, huma fost il-fatturi ewlenin li jwasslu għall-użu problematiku tat-traineeships.	kapaċità għal kontrolli u spezzjonijiet, kif ukoll in-nuqqas ta' ċarezza rigward l-awtorità responsabbli għall-kontroll u l-infurzar, huma fost il-fatturi ewlenin li jwasslu għall-użu problematiku tat-traineeships.

Or. en

Emenda 140
Catarina Martins, Estrella Galán, Anthony Smith, Konstantinos Arvanitis, Kathleen Funchion, Leila Chaibi

Proposta għal direttiva
Premessa 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(7) ***Barra minn hekk,*** it-trainees huma inqas probabbli li jiddefendu d-drittijiet tagħhom minħabba l-pożizzjonijiet vulnerabbli tagħhom fis-suq tax-xogħol. In-nuqqas, il-kumplessità jew id-diversità tal-oqfsa regolatorji għat-traineeships f'diversi Stati Membri flimkien ma' infurzar insuffiċjenti tal-leġiżlazzjoni nazzjonali u n-nuqqas ta' kapaċità għal kontrolli u spezzjonijiet, kif ukoll in-nuqqas ta' ċarezza rigward l-awtorità responsabbli għall-kontroll u l-infurzar, ***huma fost il-fatturi ewlenin*** li jwasslu ***għall-użu problematiku*** tat-traineeships.	(7) It-trainees huma inqas probabbli li jiddefendu d-drittijiet tagħhom minħabba l-pożizzjonijiet vulnerabbli tagħhom fis-suq tax-xogħol. In-nuqqas, il-kumplessità jew id-diversità tal-oqfsa regolatorji għat-traineeships f'diversi Stati Membri flimkien ma' infurzar insuffiċjenti tal-leġiżlazzjoni nazzjonali u n-nuqqas ta' kapaċità għal kontrolli u spezzjonijiet, kif ukoll in-nuqqas ta' ċarezza rigward l-awtorità responsabbli għall-kontroll u l-infurzar, ***jirriskjaw*** li jwasslu ***għal prattiki abbużivi li jirriżultaw mill-użu*** tat-traineeships.

Or. en

Emenda 141
Isabelle Le Callennec

Proposta għal direttiva
Premessa 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(7) Barra minn hekk, it-trainees huma inqas probabbli li jiddefendu d-drittijiet	(7) Barra minn hekk, it-trainees ***fis-suq tax-xogħol miftuħ*** huma inqas probabbli li

tagħhom minħabba l-pożizzjonijiet vulnerabbli tagħhom fis-suq tax-xogħol. In-nuqqas, il-kumplessità jew id-diversità tal-oqfsa regolatorji għat-traineeships f'diversi Stati Membri flimkien ma' infurzar insuffiċjenti tal-leġiżlazzjoni nazzjonali u n-nuqqas ta' kapaċità għal kontrolli u spezzjonijiet, kif ukoll in-nuqqas ta' ċarezza rigward l-awtorità responsabbli għall-kontroll u l-infurzar, huma fost il-fatturi ewlenin li jwasslu għall-użu problematiku tat-traineeships.	jiddefendu d-drittijiet tagħhom minħabba l-pożizzjonijiet vulnerabbli tagħhom fis-suq tax-xogħol. In-nuqqas, il-kumplessità jew id-diversità tal-oqfsa regolatorji għat-traineeships f'diversi Stati Membri flimkien ma' infurzar insuffiċjenti tal-leġiżlazzjoni nazzjonali u n-nuqqas ta' kapaċità għal kontrolli u spezzjonijiet, kif ukoll in-nuqqas ta' ċarezza rigward l-awtorità responsabbli għall-kontroll u l-infurzar, huma fost il-fatturi ewlenin li jwasslu għall-użu problematiku tat-traineeships.

Or. fr

Emenda 142
Pierfrancesco Maran, Raffaele Topo, Brando Benifei, Cecilia Strada

Proposta għal direttiva
Premessa 7a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(7a) F'ċerti Stati Membri, l-aċċess għal professjonijiet speċifiċi jiddependi mit-tlestija ta' perjodu ta' traineeship obbligatorju kif meħtieġ mil-liġi. Madankollu, dawn it-traineeships spiss ma jitħallsux, u jitfgħu piż finanzjarju sinifikanti fuq it-trainees u joħolqu ostakli għad-dħul għal dawk mingħajr riżorsi suffiċjenti. Din il-prattika tirriskja li tikser il-prinċipju ta' paga ġusta u ġustizzja soċjali, peress li tobbliga lill-individwi jaħdmu mingħajr paga filwaqt li jissodisfaw rekwiżit legali għall-akkreditazzjoni professjonali. Jenħtieġ li l-Istati Membri jiżguraw li t-traineeships obbligatorji kollha meħtieġa għall-aċċess professjonali jkunu mħallsa b'mod ġust f'konformità mal-prinċipji ta' trattament ugwali u kundizzjonijiet tax-xogħol deċenti.

Or. en

Emenda 143
Catarina Martins, Estrella Galán, Anthony Smith, Konstantinos Arvanitis, Kathleen Funchion, Leila Chaibi

Proposta għal direttiva
Premessa 7a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(7a) Traineeships mhux imħallsa jew imħallsa ħażin jistgħu jeskludu partikolarment lil dawk iż-żgħażagħ li ma jkollhomx il-mezzi finanzjarji biex jagħmlu traineeship. Traineeships mhux imħallsa jew imħallsa ħażin jirriskjaw li jiddiskriminaw direttament jew indirettament abbażi tal-età, is-sess, ir-razza, il-kulur, l-oriġini etnika u soċjali, id-diżabilità u oħrajn. Id-diviżjoni bejn it-traineeships mhux imħallsa u dawk imħallsa tista' twassal ukoll għal diskriminazzjoni bejn it-trainees minħabba d-differenza fit-trattament tagħhom.

Or. en

Emenda 144
Henrik Dahl

Proposta għal direttiva
Premessa 7a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(7a) Il-kumplikazzjonijiet ikomplu jinqalgħu minħabba l-fatt li l-biċċa l-kbira tat-traineeships tas-suq miftuħ ma humiex irregolati jew huma biss parzjalment irregolati fl-Istati Membri. Qafas legali komuni tal-UE jista' għalhekk jikkontribwixxi, fil-każ ta' dan it-tip ta' trainees, għal aktar trasparenza, konformità aktar faċli u infurzar aħjar f'qasam li fih element transfruntier

sinfikanti.

Or. en

Emenda 145
Benedetta Scuderi
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal direttiva
Premessa 7a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(7a) In-nuqqas ta' definizzjoni komuni tat-traineeships madwar l-UE rriżulta f'sett frammentat ta' kategoriji legali li permezz tiegħu l-persuni li ġeneralment ikunu qed iwettqu l-istess kompiti jistgħu jiġu ttrattati b'mod differenti ħafna skont id-dritt nazzjonali, il-ftehimiet kollettivi jew il-prattika fl-Istati Membri differenti;

Or. en

Emenda 146
Henrik Dahl

Proposta għal direttiva
Premessa 7b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(7b) Il-kostijiet soċjoekonomiċi jinħolqu jekk it-traineeships, b'mod partikolari dawk ripetuti, jitħallew jissostitwixxu impjieg stabbli, b'mod partikolari pożizzjonijiet fil-livell tad-dħul li normalment jiġu offruti lit-trainees.

Or. en

Emenda 147
Angelika Winzig

Proposta għal direttiva
Premessa 8

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(8) L-evidenza turi li proporzjon sinifikanti ta' trainees huma soġġetti għal kundizzjonijiet tax-xogħol inqas favorevoli meta mqabbla mal-impjegati regolari, inkluż fir-rigward tas-sigħat tax-xogħol, l-intitolamenti għal-liv, u l-aċċess għat-tagħmir kif ukoll il-paga.	***imħassar***

Or. en

Emenda 148
Mélanie Disdier, Rachel Blom, Pál Szekeres, Marie Dauchy

Proposta għal direttiva
Premessa 8

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(8) L-evidenza turi li proporzjon ***sinifikanti*** ta' ***trainees huma soġġetti għal kundizzjonijiet tax-xogħol inqas favorevoli meta mqabbla mal-impjegati regolari, inkluż fir-rigward tas-sigħat tax-xogħol, l-intitolamenti għal-liv, u l-aċċess għat-tagħmir kif ukoll il-paga***.	(8) L-evidenza turi li proporzjon ***mhux negliġibbli*** ta' ***traineeships jagħtu lit-trainees kompiti u responsabbiltajiet li mhumiex kompatibbli mal-funzjoni ta' traineeship, li fil-verità jwassal biex jiġu pprovduti ħaddiema b'anqas kostijiet u limitazzjonijiet mir-regoli normalment applikabbli fl-Istati Membri***.

Or. fr

Ġustifikazzjoni

Minkejja li vera, din id-dikjarazzjoni ma tippreżenta l-ebda problema fir-rigward tan-natura li traineeship għandu jkollha. Il-problema tidher pjuttost fid-domandi eċċessivi imposti fuq ċerti trainees.

Emenda 149
Benedetta Scuderi
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal direttiva
Premessa 8

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(8) L-evidenza turi li proporzjon sinifikanti ta' trainees huma soġġetti għal kundizzjonijiet tax-xogħol inqas favorevoli meta mqabbla mal-impjegati ***regolari***, inkluż fir-rigward tas-sigħat tax-xogħol, l-intitolamenti għal-liv, u l-aċċess għat-tagħmir ***kif ukoll*** il-paga***.***	(8) L-evidenza turi li proporzjon sinifikanti ta' trainees huma soġġetti għal kundizzjonijiet tax-xogħol inqas favorevoli meta mqabbla mal-impjegati ***l-oħrajn***, inkluż fir-rigward tas-sigħat tax-xogħol, l-intitolamenti għal-liv, u l-aċċess għat-tagħmir ***u aktar importanti minn hekk,*** il-paga***. Traineeships mhux imħallsa jżommu lura individwi minn sfondi soċjali vulnerabbli milli jiksbu l-ħiliet u l-kompetenzi meħtieġa biex jidħlu fis-swieq tax-xogħol, jaggravaw l-inugwaljanzi soċjali u jimmarġinalizzaw lil żgħażagħ vulnerabbli;***

Or. en

Emenda 150
Isabelle Le Callennec

Proposta għal direttiva
Premessa 8

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(8) L-evidenza turi li proporzjon sinifikanti ta' trainees huma soġġetti għal kundizzjonijiet tax-xogħol inqas favorevoli meta mqabbla mal-impjegati regolari, inkluż fir-rigward tas-sigħat tax-xogħol, l-intitolamenti għal-liv, u l-aċċess għat-tagħmir kif ukoll ***il-paga***.	(8) L-evidenza turi li proporzjon sinifikanti ta' trainees ***fis-suq tax-xogħol miftuħ*** huma soġġetti għal kundizzjonijiet tax-xogħol inqas favorevoli meta mqabbla mal-impjegati regolari, inkluż fir-rigward tas-sigħat tax-xogħol, l-intitolamenti għal-liv, u l-aċċess għat-tagħmir kif ukoll ***il-kumpens***.

Or. fr

Emenda 151
Miriam Lexmann

Proposta għal direttiva
Premessa 8

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(8) L-evidenza turi li proporzjon sinifikanti ta' trainees huma soġġetti għal kundizzjonijiet tax-xogħol inqas favorevoli meta mqabbla mal-impjegati regolari, inkluż fir-rigward tas-sigħat tax-xogħol, l-intitolamenti għal-liv, u l-aċċess għat-tagħmir kif ukoll ***il-paga***.	(8) L-evidenza turi li proporzjon sinifikanti ta' trainees huma soġġetti għal kundizzjonijiet tax-xogħol inqas favorevoli meta mqabbla mal-impjegati regolari, inkluż fir-rigward tas-sigħat tax-xogħol, l-intitolamenti għal-liv, u l-aċċess għat-tagħmir kif ukoll ***il-kumpens ġust***.

Or. en

Emenda 152
Andrea Wechsler

Proposta għal direttiva
Premessa 8

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(8) L-evidenza turi li proporzjon sinifikanti ta' trainees huma soġġetti għal kundizzjonijiet tax-xogħol inqas favorevoli meta mqabbla mal-impjegati regolari, inkluż fir-rigward tas-sigħat tax-xogħol, l-intitolamenti għal-liv, u l-aċċess għat-tagħmir ***kif ukoll il-paga***.	(8) L-evidenza turi li proporzjon sinifikanti ta' trainees huma soġġetti għal kundizzjonijiet tax-xogħol inqas favorevoli meta mqabbla mal-impjegati regolari, inkluż fir-rigward tas-sigħat tax-xogħol, l-intitolamenti għal-liv, u l-aċċess għat-tagħmir.

Or. en

Emenda 153
Benedetta Scuderi
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal direttiva
Premessa 8a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(8a) Ir-rapport Letta jinsisti fuq l-urġenza li jiġi indirizzat l-iżvantaġġ tal-emigrazzjoni taż-żgħażagħ lejn pajjiżi

oħra biex ifittxu pagi u opportunitajiet ta' xogħol aħjar u jappella għal sett ta' miżuri ta' politika u investimenti soċjali biex "id-dritt li jibqgħu fit-territorju" jsir realtà għal ħafna żgħażagħ u ħaddiema fl-UE;

Or. en

Emenda 154
Benedetta Scuderi
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal direttiva
Premessa 8b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(8b) Il-Parlament Ewropew ikkundanna ripetutament il-prattika ta' traineeships mhux imħallsa bħala forma ta' sfruttament tal-ħaddiema żgħażagħ u ksur tad-drittijiet tagħhom u appella għal qafas legali komuni biex tkun żgurata remunerazzjoni ġusta għat-traineeships sabiex jiġu evitati prattiki ta' sfruttament;

Or. en

Emenda 155
Benedetta Scuderi
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal direttiva
Premessa 8c (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(8c) Il-Komunikazzjoni dwar l-Isfruttar tat-Talent fir-reġjuni tal-Ewropa identifikat riskji serji għall-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali tal-UE fis-snin li ġejjin jekk ix-xejriet attwali tal-eżodu ta' mħuħ intra-UE ma jiġux indirizzati kif suppost. Fl-aħħar deċennji,

żgħażagħ tas-sengħa qegħdin iħallu l-pajjiżi ġeneralment ifqar tal-oriġini tagħhom biex ifittxu opportunitajiet ta' impjieg fi Stati Membri oħrajn tal-UE. Peress li aktar ħaddiema b'livell għoli ta' ħiliet qegħdin imorru lejn pajjiżi ekonomikament aktar b'saħħithom, ir-reġjuni li diġà għandhom ekonomiji dgħajfa qed jiffaċċjaw tnaqqis fil-kapital uman, li jxekkel il-potenzjal għat-tkabbir u l-iżvilupp.

Or. en

Emenda 156
Benedetta Scuderi
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal direttiva
Premessa 8d (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(8d) Id-djalogi dwar il-politika taż-żgħażagħ matul is-Sena Ewropea taż-Żgħażagħ enfasizzaw id-disponibbiltà ta' impjiegi tajbin bħala wieħed mill-fatturi ewlenin li jġiegħlu lill-professjonisti żgħażagħ jiddeċiedu li jibqgħu fir-reġjun tal-oriġini tagħhom. L-attraenza tal-pagi u kundizzjonijiet ta' xogħol aħjar, bħall-aċċess għall-protezzjoni soċjali, impjieg stabbli, prospetti ta' karriera u postijiet tax-xogħol inklużivi huma l-fatturi ewlenin li jattiraw, iżommu u jiżviluppaw it-talent;
	(https://youth.europa.eu/year-of-youth/activities/4413_mt)

Or. en

Emenda 157
Isabelle Le Callennec

Proposta għal direttiva
Premessa 9

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(9) Fil-livell tal-Unjoni, l-istrumenti legali eżistenti jipprovdu qafas għall-protezzjoni tal-ħaddiema, inkluż id-direttivi dwar kundizzjonijiet tax-xogħol trasparenti u prevedibbli[5], pagi minimi adegwati[6], il-ħin tax-xogħol[7], is-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol[8], l-ugwaljanza u n-nondiskriminazzjoni[9], il-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata għall-ġenituri u għall-persuni li jindukraw[10], l-informazzjoni u l-konsultazzjoni tal-impjegati[11], ix-xogħol għal żmien fiss[12], ix-xogħol part-time[13], l-istazzjonar tal-ħaddiema[14] u dwar ix-xogħol temporanju permezz ta' aġenzija[15]. ***Dan il-qafas legali japplika bis-sħiħ għat-trainees li għandhom kuntratt ta' impjieg jew li huma f'relazzjoni ta' impjieg kif definit mil-liġi, ftehimiet kollettivi jew il-prattika fis-seħħ f'kull Stat Membru, fid-dawl tal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea.*** Il-qafas legali tal-Unjoni jinkludi wkoll rakkomandazzjonijiet dwar il-kwalità tat-traineeships[16] u l-apprendistati[17] u dwar l-aċċess għall-protezzjoni soċjali għall-ħaddiema u għall-persuni li jaħdmu għal rashom[18].	(9) Fil-livell tal-Unjoni, l-istrumenti legali eżistenti jipprovdu qafas għall-protezzjoni tal-ħaddiema, inkluż id-direttivi dwar kundizzjonijiet tax-xogħol trasparenti u prevedibbli[5], pagi minimi adegwati[6], il-ħin tax-xogħol[7], is-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol[8], l-ugwaljanza u n-nondiskriminazzjoni[9], il-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata għall-ġenituri u għall-persuni li jindukraw[10], l-informazzjoni u l-konsultazzjoni tal-impjegati[11], ix-xogħol għal żmien fiss[12], ix-xogħol part-time[13], l-istazzjonar tal-ħaddiema[14] u dwar ix-xogħol temporanju permezz ta' aġenzija[15]. Il-qafas legali tal-Unjoni jinkludi wkoll rakkomandazzjonijiet dwar il-kwalità tat-traineeships[16] u l-apprendistati[17] u dwar l-aċċess għall-protezzjoni soċjali għall-ħaddiema u għall-persuni li jaħdmu għal rashom[18].
[5] Id-Direttiva (UE) 2019/1152 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 dwar kondizzjonijiet tax-xogħol trasparenti u prevedibbli fl-Unjoni Ewropea (ĠU L 186, 11.7.2019, p. 105).	[5] Id-Direttiva (UE) 2019/1152 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 dwar kondizzjonijiet tax-xogħol trasparenti u prevedibbli fl-Unjoni Ewropea (ĠU L 186, 11.7.2019, p. 105).
[6] Id-Direttiva (UE) 2022/2041 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Ottubru 2022 dwar pagi minimi adegwati fl-Unjoni Ewropea (ĠU L 275, 25.10.2022, p. 33).	[6] Id-Direttiva (UE) 2022/2041 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Ottubru 2022 dwar pagi minimi adegwati fl-Unjoni Ewropea (ĠU L 275, 25.10.2022, p. 33).
[7] Id-Direttiva 2003/88/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Novembru 2003 li tikkonċerna ċerti aspetti tal-	[7] Id-Direttiva 2003/88/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Novembru 2003 li tikkonċerna ċerti aspetti tal-

organizzazzjoni tal-ħin tax-xogħol (ĠU L 299, 18.11.2003, p. 9).

[8] Id-Direttiva tal-Kunsill 89/391/KEE tat-12 ta' Ġunju 1989 dwar l-introduzzjoni ta' miżuri sabiex jinkoraġġixxu titjib fis-sigurtà u s-saħħa tal-ħaddiema fuq ix-xogħol (ĠU L 183, 29.6.1989, p. 1).

[9] Id-Direttiva tal-Kunsill 2000/78/KE tas-27 ta' Novembru 2000 li tistabbilixxi qafas ġenerali għall-ugwaljanza fit-trattament fl-impjieg u fix-xogħol (ĠU L 303, 2.12.2000, p. 16).

[10] Id-Direttiva (UE) 2019/1158 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 dwar il-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata (ĠU L 188, 12.7.2019, p. 79).

[11] Id-Direttiva 2002/14/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2002 li tistabbilixxi qafas ġenerali dwar l-informazzjoni u l-konsultazzjoni ta' l-impjegati fil-Komunità Ewropea - Dikjarazzjoni konġunta tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni dwar ir-rappreżentanza tal-ħaddiema (ĠU L 80, 23.3.2002, p. 29).

[12] Id-Direttiva tal-Kunsill 1999/70/KE tat-28 ta' Ġunju 1999 dwar il-ftehim qafas dwar xogħol għal żmien fiss konkluż mill-ETUC, mill-UNICE u mis-CEEP (ĠU L 175, 10.7.1999, p. 43).

[13] Id-Direttiva tal-Kunsill 97/81/KE tal-15 ta' Diċembru 1997 li tikkonċerna l-Ftehim Qafas dwar ix-xogħol part-time konkluż mill-UNICE, miċ-CEEP u mill-ETUC – Anness: Il-ftehim qafas dwar xogħol part-time (ĠU L 14, 20.1.1998, p. 9).

[14] Id-Direttiva (UE) 2018/957 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Ġunju 2018 li temenda d-Direttiva 96/71/KE dwar l-istazzjonar ta' ħaddiema fil-qafas ta' prestazzjoni ta' servizzi (ĠU L 173, 9.7.2018, p. 16).

[15] Id-Direttiva 2008/104/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta'

organizzazzjoni tal-ħin tax-xogħol (ĠU L 299, 18.11.2003, p. 9).

[8] Id-Direttiva tal-Kunsill 89/391/KEE tat-12 ta' Ġunju 1989 dwar l-introduzzjoni ta' miżuri sabiex jinkoraġġixxu titjib fis-sigurtà u s-saħħa tal-ħaddiema fuq ix-xogħol (ĠU L 183, 29.6.1989, p. 1).

[9] Id-Direttiva tal-Kunsill 2000/78/KE tas-27 ta' Novembru 2000 li tistabbilixxi qafas ġenerali għall-ugwaljanza fit-trattament fl-impjieg u fix-xogħol (ĠU L 303, 2.12.2000, p. 16).

[10] Id-Direttiva (UE) 2019/1158 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 dwar il-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata (ĠU L 188, 12.7.2019, p. 79).

[11] Id-Direttiva 2002/14/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2002 li tistabbilixxi qafas ġenerali dwar l-informazzjoni u l-konsultazzjoni ta' l-impjegati fil-Komunità Ewropea - Dikjarazzjoni konġunta tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni dwar ir-rappreżentanza tal-ħaddiema (ĠU L 80, 23.3.2002, p. 29).

[12] Id-Direttiva tal-Kunsill 1999/70/KE tat-28 ta' Ġunju 1999 dwar il-ftehim qafas dwar xogħol għal żmien fiss konkluż mill-ETUC, mill-UNICE u mis-CEEP (ĠU L 175, 10.7.1999, p. 43).

[13] Id-Direttiva tal-Kunsill 97/81/KE tal-15 ta' Diċembru 1997 li tikkonċerna l-Ftehim Qafas dwar ix-xogħol part-time konkluż mill-UNICE, miċ-CEEP u mill-ETUC – Anness: Il-ftehim qafas dwar xogħol part-time (ĠU L 14, 20.1.1998, p. 9).

[14] Id-Direttiva (UE) 2018/957 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Ġunju 2018 li temenda d-Direttiva 96/71/KE dwar l-istazzjonar ta' ħaddiema fil-qafas ta' prestazzjoni ta' servizzi (ĠU L 173, 9.7.2018, p. 16).

[15] Id-Direttiva 2008/104/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta'

Novembru 2008 dwar xogħol temporanju permezz ta' aġenzija (ĠU L 327, 5.12.2008, p. 9).

[16] Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-10 ta' Marzu 2014 dwar Qafas tal-Kwalità għat-Traineeships (ĠU C 88, 27.3.2014, p. 1).

[17] Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-15 ta' Marzu 2018 dwar Qafas Ewropew għal Apprendistati ta' Kwalità u Effettivi (ĠU C 153, 2.5.2018, p. 1).

[18] Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-8 ta' Novembru 2019 dwar l-aċċess għall-protezzjoni soċjali għall-ħaddiema u għall-persuni li jaħdmu għal rashom (ĠU C 387, 15.11.2019, p. 1).

Novembru 2008 dwar xogħol temporanju permezz ta' aġenzija (ĠU L 327, 5.12.2008, p. 9).

[16] Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-10 ta' Marzu 2014 dwar Qafas tal-Kwalità għat-Traineeships (ĠU C 88, 27.3.2014, p. 1).

[17] Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-15 ta' Marzu 2018 dwar Qafas Ewropew għal Apprendistati ta' Kwalità u Effettivi (ĠU C 153, 2.5.2018, p. 1).

[18] Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-8 ta' Novembru 2019 dwar l-aċċess għall-protezzjoni soċjali għall-ħaddiema u għall-persuni li jaħdmu għal rashom (ĠU C 387, 15.11.2019, p. 1).

Or. fr

Emenda 158
Irena Joveva, Martin Hojsík, Jana Toom, Brigitte van den Berg

Proposta għal direttiva
Premessa 9

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(9) Fil-livell tal-Unjoni, l-istrumenti legali eżistenti jipprovdu qafas għall-protezzjoni tal-ħaddiema, inkluż id-direttivi dwar kundizzjonijiet tax-xogħol trasparenti u prevedibbli[5], pagi minimi adegwati[6], il-ħin tax-xogħol[7], is-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol[8], l-ugwaljanza u n-nondiskriminazzjoni[9], il-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata għall-ġenituri u għall-persuni li jindukraw[10], l-informazzjoni u l-konsultazzjoni tal-impjegati[11], ix-xogħol għal żmien fiss[12], ix-xogħol part-time[13], l-istazzjonar tal-ħaddiema[14] u dwar ix-xogħol temporanju permezz ta' aġenzija[15]. ***Dan il-qafas legali japplika bis-sħiħ għat-trainees li għandhom kuntratt ta' impjieg jew relazzjoni ta' impjieg kif definit mil-***	(9) Fil-livell tal-Unjoni, l-istrumenti legali eżistenti jipprovdu qafas għall-protezzjoni tal-ħaddiema, inkluż id-direttivi dwar kundizzjonijiet tax-xogħol trasparenti u prevedibbli[5], pagi minimi adegwati[6], il-ħin tax-xogħol[7], is-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol[8], l-ugwaljanza u n-nondiskriminazzjoni[9], il-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata għall-ġenituri u għall-persuni li jindukraw[10], l-informazzjoni u l-konsultazzjoni tal-impjegati[11], ix-xogħol għal żmien fiss[12], ix-xogħol part-time[13], l-istazzjonar tal-ħaddiema[14] u dwar ix-xogħol temporanju permezz ta' aġenzija[15]. Il-qafas legali tal-Unjoni jinkludi wkoll rakkomandazzjonijiet dwar il-kwalità tat-traineeships[16] u l-apprendistati[17] u dwar l-

liġi, mill-ftehimiet kollettivi jew mill-prattika fis-seħħ f'kull Stat Membru, fid-dawl tal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea. Il-qafas legali tal-Unjoni jinkludi wkoll rakkomandazzjonijiet dwar il-kwalità tat-traineeships[16] u l-apprendistati[17] u dwar l-aċċess għall-protezzjoni soċjali għall-ħaddiema u għall-persuni li jaħdmu għal rashom[18].

aċċess għall-protezzjoni soċjali għall-ħaddiema u għall-persuni li jaħdmu għal rashom[18].

---

[5] Id-Direttiva (UE) 2019/1152 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 dwar kondizzjonijiet tax-xogħol trasparenti u prevedibbli fl-Unjoni Ewropea (ĠU L 186, 11.7.2019, p. 105).

[6] Id-Direttiva (UE) 2022/2041 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Ottubru 2022 dwar pagi minimi adegwati fl-Unjoni Ewropea (ĠU L 275, 25.10.2022, p. 33).

[7] Id-Direttiva 2003/88/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Novembru 2003 li tikkonċerna ċerti aspetti tal-organizzazzjoni tal-ħin tax-xogħol (ĠU L 299, 18.11.2003, p. 9).

[8] Id-Direttiva tal-Kunsill 89/391/KEE tat-12 ta' Ġunju 1989 dwar l-introduzzjoni ta' miżuri sabiex jinkoraġġixxu titjib fis-sigurtà u s-saħħa tal-ħaddiema fuq ix-xogħol (ĠU L 183, 29.06.1989, p. 1).

[9] Fost oħrajn: id-Direttiva tal-Kunsill 2000/78/KE tas-27 ta' Novembru 2000 li tistabbilixxi qafas ġenerali għall-ugwaljanza fit-trattament fl-impjieg u fix-xogħol (ĠU L 303, 2.12.2000, p. 16).

[10] Id-Direttiva (UE) 2019/1158 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 dwar il-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata (ĠU L 188, 12.7.2019, p. 79).

[11] Id-Direttiva 2002/14/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2002 li tistabbilixxi qafas ġenerali dwar l-informazzjoni u l-konsultazzjoni ta' l-

[5] Id-Direttiva (UE) 2019/1152 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 dwar kondizzjonijiet tax-xogħol trasparenti u prevedibbli fl-Unjoni Ewropea (ĠU L 186, 11.7.2019, p. 105).

[6] Id-Direttiva (UE) 2022/2041 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Ottubru 2022 dwar pagi minimi adegwati fl-Unjoni Ewropea (ĠU L 275, 25.10.2022, p. 33).

[7] Id-Direttiva 2003/88/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Novembru 2003 li tikkonċerna ċerti aspetti tal-organizzazzjoni tal-ħin tax-xogħol (ĠU L 299, 18.11.2003, p. 9).

[8] Id-Direttiva tal-Kunsill 89/391/KEE tat-12 ta' Ġunju 1989 dwar l-introduzzjoni ta' miżuri sabiex jinkoraġġixxu titjib fis-sigurtà u s-saħħa tal-ħaddiema fuq ix-xogħol (ĠU L 183, 29.06.1989, p. 1).

[9] Fost oħrajn: id-Direttiva tal-Kunsill 2000/78/KE tas-27 ta' Novembru 2000 li tistabbilixxi qafas ġenerali għall-ugwaljanza fit-trattament fl-impjieg u fix-xogħol (ĠU L 303, 2.12.2000, p. 16).

[10] Id-Direttiva (UE) 2019/1158 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 dwar il-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata (ĠU L 188, 12.7.2019, p. 79).

[11] Id-Direttiva 2002/14/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2002 li tistabbilixxi qafas ġenerali dwar l-informazzjoni u l-konsultazzjoni ta' l-

impjegati fil-Komunità Ewropea – Dikjarazzjoni konġunta tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni dwar ir-rappreżentanza tal-ħaddiema (ĠU L 80, 23.3.2002, p. 29).

[12] Id-Direttiva tal-Kunsill 1999/70/KE tat-28 ta' Ġunju 1999 dwar il-ftehim qafas dwar xogħol għal żmien fiss konkluż mill-ETUC, mill-UNICE u miċ-CEEP (ĠU L 175, 10.7.1999, p. 43).

[13] Id-Direttiva tal-Kunsill 97/81/KE tal-15 ta' Diċembru 1997 li tikkonċerna ***il-Ftehim*** Qafas dwar ix-xogħol part-time konkluż mill- UNICE, miċ-CEEP u mill-ETUC – Anness: Il-ftehim qafas dwar xogħol part-time (ĠU L 14, 20.1.1998, p. 9).

[14] Id-Direttiva (UE) 2018/957 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Ġunju 2018 li temenda d-Direttiva 96/71/KE dwar l-istazzjonar ta' ħaddiema fil-qafas ta' prestazzjoni ta' servizzi (ĠU L 173, 9.7.2018, p. 16).

[15] Id-Direttiva 2008/104/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Novembru 2008 dwar xogħol temporanju permezz ta' aġenzija (ĠU L 327, 5.12.2008, p. 9).

[16] Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-10 ta' Marzu 2014 dwar Qafas tal-Kwalità għat-Traineeships (ĠU C 88, 27.3.2014, p. 1).

[17] Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-15 ta' Marzu 2018 dwar Qafas Ewropew għal Apprendistati ta' Kwalità u Effettivi (ĠU C 153, 2.5.2018, p. 1).

[18] Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-8 ta' Novembru 2019 dwar l-aċċess għall-protezzjoni soċjali għall-ħaddiema u għall-persuni li jaħdmu għal rashom (ĠU C 387, 15.11.2019, p. 1).

impjegati fil-Komunità Ewropea – Dikjarazzjoni konġunta tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni dwar ir-rappreżentanza tal-ħaddiema (ĠU L 80, 23.3.2002, p. 29).

[12] Id-Direttiva tal-Kunsill 1999/70/KE tat-28 ta' Ġunju 1999 dwar il-ftehim qafas dwar xogħol għal żmien fiss konkluż mill-ETUC, mill-UNICE u miċ-CEEP (ĠU L 175, 10.7.1999, p. 43).

[13] Id-Direttiva tal-Kunsill 97/81/KE tal-15 ta' Diċembru 1997 li tikkonċerna ***l-Ftehim*** Qafas dwar ix-xogħol part-time konkluż mill- UNICE, miċ-CEEP u mill-ETUC – Anness: Il-ftehim qafas dwar xogħol part-time (ĠU L 14, 20.1.1998, p. 9).

[14] Id-Direttiva (UE) 2018/957 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Ġunju 2018 li temenda d-Direttiva 96/71/KE dwar l-istazzjonar ta' ħaddiema fil-qafas ta' prestazzjoni ta' servizzi (ĠU L 173, 9.7.2018, p. 16).

[15] Id-Direttiva 2008/104/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Novembru 2008 dwar xogħol temporanju permezz ta' aġenzija (ĠU L 327, 5.12.2008, p. 9).

[16] Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-10 ta' Marzu 2014 dwar Qafas tal-Kwalità għat-Traineeships (ĠU C 88, 27.3.2014, p. 1).

[17] Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-15 ta' Marzu 2018 dwar Qafas Ewropew għal Apprendistati ta' Kwalità u Effettivi (ĠU C 153, 2.5.2018, p. 1).

[18] Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-8 ta' Novembru 2019 dwar l-aċċess għall-protezzjoni soċjali għall-ħaddiema u għall-persuni li jaħdmu għal rashom (ĠU C 387, 15.11.2019, p. 1).

Or. en

Emenda 159
Benedetta Scuderi
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal direttiva
Premessa 9

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(9) Fil-livell tal-Unjoni, l-istrumenti legali eżistenti jipprovdu qafas għall-protezzjoni tal-ħaddiema, inkluż id-direttivi dwar kundizzjonijiet tax-xogħol trasparenti u prevedibbli[5], pagi minimi adegwati[6], il-ħin tax-xogħol[7], is-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol[8], l-ugwaljanza u n-nondiskriminazzjoni[9], il-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata għall-ġenituri u għall-persuni li jindukraw[10], l-informazzjoni u l-konsultazzjoni tal-impjegati[11], ix-xogħol għal żmien fiss[12], ix-xogħol part-time[13], l-istazzjonar tal-ħaddiema[14] u dwar ix-xogħol temporanju permezz ta' aġenzija[15]. Dan il-qafas legali japplika bis-sħiħ għat-trainees ***li għandhom kuntratt ta' impjieg jew relazzjoni ta' impjieg kif definit mill-liġi, mill-ftehimiet kollettivi jew mill-prattika fis-seħħ f'kull Stat Membru, fid-dawl tal-ġurisprudenza*** tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea. Il-qafas legali tal-Unjoni jinkludi wkoll rakkomandazzjonijiet dwar il-kwalità tat-traineeships[16] u l-apprendistati[17] u dwar l-aċċess għall-protezzjoni soċjali għall-ħaddiema u għall-persuni li jaħdmu għal rashom[18].	(9) Fil-livell tal-Unjoni, l-istrumenti legali eżistenti jipprovdu qafas għall-protezzjoni tal-ħaddiema, inkluż id-direttivi dwar kundizzjonijiet tax-xogħol trasparenti u prevedibbli[5], pagi minimi adegwati[6], il-ħin tax-xogħol[7], is-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol[8], l-ugwaljanza u n-nondiskriminazzjoni[9], il-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata għall-ġenituri u għall-persuni li jindukraw[10], l-informazzjoni u l-konsultazzjoni tal-impjegati[11], ix-xogħol għal żmien fiss[12], ix-xogħol part-time[13], l-istazzjonar tal-ħaddiema[14] u dwar ix-xogħol temporanju permezz ta' aġenzija[15]. Dan il-qafas legali japplika bis-sħiħ għat-trainees***, meta titqies il-ġurisprudenza*** tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea. Il-qafas legali tal-Unjoni jinkludi wkoll rakkomandazzjonijiet dwar il-kwalità tat-traineeships[16] u l-apprendistati[17] u dwar l-aċċess għall-protezzjoni soċjali għall-ħaddiema u għall-persuni li jaħdmu għal rashom[18].

[5] Id-Direttiva (UE) 2019/1152 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 dwar kondizzjonijiet tax-xogħol trasparenti u prevedibbli fl-Unjoni Ewropea (ĠU L 186, 11.7.2019, p. 105).

[6] Id-Direttiva (UE) 2022/2041 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Ottubru 2022 dwar pagi minimi adegwati fl-Unjoni Ewropea (ĠU L 275,

[5] Id-Direttiva (UE) 2019/1152 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 dwar kondizzjonijiet tax-xogħol trasparenti u prevedibbli fl-Unjoni Ewropea (ĠU L 186, 11.7.2019, p. 105).

[6] Id-Direttiva (UE) 2022/2041 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Ottubru 2022 dwar pagi minimi adegwati fl-Unjoni Ewropea (ĠU L 275,

25.10.2022, p. 33).

[7] Id-Direttiva 2003/88/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Novembru 2003 li tikkonċerna ċerti aspetti tal-organizzazzjoni tal-ħin tax-xogħol (ĠU L 299, 18.11.2003, p. 9).

[8] Id-Direttiva tal-Kunsill 89/391/KEE tat-12 ta' Ġunju 1989 dwar l-introduzzjoni ta' miżuri sabiex jinkoraġġixxu titjib fis-sigurtà u s-saħħa tal-ħaddiema fuq ix-xogħol (ĠU L 183, 29.06.1989, p. 1).

[9] Fost oħrajn: id-Direttiva tal-Kunsill 2000/78/KE tas-27 ta' Novembru 2000 li tistabbilixxi qafas ġenerali għall-ugwaljanza fit-trattament fl-impjieg u fix-xogħol (ĠU L 303, 2.12.2000, p. 16).

[10] Id-Direttiva (UE) 2019/1158 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 dwar il-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata (ĠU L 188, 12.7.2019, p. 79).

[11] Id-Direttiva 2002/14/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2002 li tistabbilixxi qafas ġenerali dwar l-informazzjoni u l-konsultazzjoni ta' l-impjegati fil-Komunità Ewropea – Dikjarazzjoni konġunta tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni dwar ir-rappreżentanza tal-ħaddiema (ĠU L 80, 23.3.2002, p. 29).

[12] Id-Direttiva tal-Kunsill 1999/70/KE tat-28 ta' Ġunju 1999 dwar il-ftehim qafas dwar xogħol għal żmien fiss konkluż mill-ETUC, mill-UNICE u miċ-CEEP (ĠU L 175, 10.7.1999, p. 43).

[13] Id-Direttiva tal-Kunsill 97/81/KE tal-15 ta' Diċembru 1997 li tikkonċerna ***il-Ftehim*** Qafas dwar ix-xogħol part-time konkluż mill- UNICE, miċ-CEEP u mill-ETUC – Anness: Il-ftehim qafas dwar xogħol part-time (ĠU L 14, 20.1.1998, p. 9).

[14] Id-Direttiva (UE) 2018/957 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Ġunju 2018 li temenda d-Direttiva 96/71/KE dwar l-istazzjonar ta' ħaddiema

25.10.2022, p. 33).

[7] Id-Direttiva 2003/88/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Novembru 2003 li tikkonċerna ċerti aspetti tal-organizzazzjoni tal-ħin tax-xogħol (ĠU L 299, 18.11.2003, p. 9).

[8] Id-Direttiva tal-Kunsill 89/391/KEE tat-12 ta' Ġunju 1989 dwar l-introduzzjoni ta' miżuri sabiex jinkoraġġixxu titjib fis-sigurtà u s-saħħa tal-ħaddiema fuq ix-xogħol (ĠU L 183, 29.06.1989, p. 1).

[9] Fost oħrajn: id-Direttiva tal-Kunsill 2000/78/KE tas-27 ta' Novembru 2000 li tistabbilixxi qafas ġenerali għall-ugwaljanza fit-trattament fl-impjieg u fix-xogħol (ĠU L 303, 2.12.2000, p. 16).

[10] Id-Direttiva (UE) 2019/1158 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 dwar il-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata (ĠU L 188, 12.7.2019, p. 79).

[11] Id-Direttiva 2002/14/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2002 li tistabbilixxi qafas ġenerali dwar l-informazzjoni u l-konsultazzjoni ta' l-impjegati fil-Komunità Ewropea – Dikjarazzjoni konġunta tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni dwar ir-rappreżentanza tal-ħaddiema (ĠU L 80, 23.3.2002, p. 29).

[12] Id-Direttiva tal-Kunsill 1999/70/KE tat-28 ta' Ġunju 1999 dwar il-ftehim qafas dwar xogħol għal żmien fiss konkluż mill-ETUC, mill-UNICE u miċ-CEEP (ĠU L 175, 10.7.1999, p. 43).

[13] Id-Direttiva tal-Kunsill 97/81/KE tal-15 ta' Diċembru 1997 li tikkonċerna ***l-Ftehim*** Qafas dwar ix-xogħol part-time konkluż mill- UNICE, miċ-CEEP u mill-ETUC – Anness: Il-ftehim qafas dwar xogħol part-time (ĠU L 14, 20.1.1998, p. 9).

[14] Id-Direttiva (UE) 2018/957 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Ġunju 2018 li temenda d-Direttiva 96/71/KE dwar l-istazzjonar ta' ħaddiema

fil-qafas ta' prestazzjoni ta' servizzi (ĠU L 173, 9.7.2018, p. 16).

[15] Id-Direttiva 2008/104/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Novembru 2008 dwar xogħol temporanju permezz ta' aġenzija (ĠU L 327, 5.12.2008, p. 9).

[16] Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-10 ta' Marzu 2014 dwar Qafas tal-Kwalità għat-Traineeships (ĠU C 88, 27.3.2014, p. 1).

[17] Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-15 ta' Marzu 2018 dwar Qafas Ewropew għal Apprendistati ta' Kwalità u Effettivi (ĠU C 153, 2.5.2018, p. 1).

[18] Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-8 ta' Novembru 2019 dwar l-aċċess għall-protezzjoni soċjali għall-ħaddiema u għall-persuni li jaħdmu għal rashom (ĠU C 387, 15.11.2019, p. 1).

fil-qafas ta' prestazzjoni ta' servizzi (ĠU L 173, 9.7.2018, p. 16).

[15] Id-Direttiva 2008/104/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Novembru 2008 dwar xogħol temporanju permezz ta' aġenzija (ĠU L 327, 5.12.2008, p. 9).

[16] Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-10 ta' Marzu 2014 dwar Qafas tal-Kwalità għat-Traineeships (ĠU C 88, 27.3.2014, p. 1).

[17] Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-15 ta' Marzu 2018 dwar Qafas Ewropew għal Apprendistati ta' Kwalità u Effettivi (ĠU C 153, 2.5.2018, p. 1).

[18] Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-8 ta' Novembru 2019 dwar l-aċċess għall-protezzjoni soċjali għall-ħaddiema u għall-persuni li jaħdmu għal rashom (ĠU C 387, 15.11.2019, p. 1).

Or. en

Emenda 160
Mélanie Disdier, Rachel Blom, Pál Szekeres, Marie Dauchy, Séverine Werbrouck

Proposta għal direttiva
Premessa 9

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(9) Fil-livell tal-Unjoni, l-istrumenti legali eżistenti jipprovdu qafas għall-protezzjoni tal-ħaddiema, inkluż id-direttivi dwar kundizzjonijiet tax-xogħol trasparenti u prevedibbli[5], pagi minimi adegwati[6], il-ħin tax-xogħol[7], is-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol[8], l-ugwaljanza u n-nondiskriminazzjoni[9], il-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata għall-ġenituri u għall-persuni li jindukraw[10], l-informazzjoni u l-konsultazzjoni tal-impjegati[11], ix-xogħol għal żmien fiss[12], ix-xogħol part-time[13], l-istazzjonar tal-ħaddiema[14] u dwar ix-	(9) Fil-livell tal-Unjoni, l-istrumenti legali eżistenti jipprovdu qafas għall-protezzjoni tal-ħaddiema, inkluż id-direttivi dwar kundizzjonijiet tax-xogħol trasparenti u prevedibbli[5], pagi minimi adegwati[6], il-ħin tax-xogħol[7], is-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol[8], l-ugwaljanza u n-nondiskriminazzjoni[9], il-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata għall-ġenituri u għall-persuni li jindukraw[10], l-informazzjoni u l-konsultazzjoni tal-impjegati[11], ix-xogħol għal żmien fiss[12], ix-xogħol part-time[13], l-istazzjonar tal-ħaddiema[14] u dwar ix-

(16) Din id-Direttiva jenħtieġ li tapplika għal trainees fl-Unjoni li għandhom kuntratt ta' impjieg jew relazzjoni ta' impjieg kif definit mil-liġi, mill-ftehimiet kollettivi jew mill-prattika fis-seħħ fl-Istati Membri, fid-dawl tal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea. Fil-ġurisprudenza tagħha, il-Qorti tal-Ġustizzja stabbiliet kriterji għad-determinazzjoni tal-istatus ta' ħaddiem, li għandu jkun ibbażat fuq analiżi każ b'każ.	(16) Din id-Direttiva jenħtieġ li tapplika għal trainees ***tas-suq miftuħ*** fl-Unjoni li għandhom kuntratt ta' impjieg jew relazzjoni ta' impjieg kif definit mil-liġi, mill-ftehimiet kollettivi jew mill-prattika fis-seħħ fl-Istati Membri, fid-dawl tal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea. Fil-ġurisprudenza tagħha, il-Qorti tal-Ġustizzja stabbiliet kriterji għad-determinazzjoni tal-istatus ta' ħaddiem, li għandu jkun ibbażat fuq analiżi każ b'każ.

Or. en

Emenda 189
Arba Kokalari, Henrik Dahl

Proposta għal direttiva
Premessa 16

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(16) Din id-Direttiva jenħtieġ li tapplika għal trainees fl-Unjoni li għandhom kuntratt ta' impjieg jew relazzjoni ta' impjieg kif definit mil-liġi, mill-ftehimiet kollettivi jew mill-prattika fis-seħħ fl-Istati Membri, fid-dawl tal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea. Fil-ġurisprudenza tagħha, il-Qorti tal-Ġustizzja stabbiliet kriterji għad-determinazzjoni tal-istatus ta' ħaddiem, li għandu jkun ibbażat fuq analiżi każ b'każ.	(16) Din id-Direttiva jenħtieġ li tapplika għal trainees ***tas-suq miftuħ*** fl-Unjoni li għandhom kuntratt ta' impjieg jew relazzjoni ta' impjieg kif definit mil-liġi, mill-ftehimiet kollettivi jew mill-prattika fis-seħħ fl-Istati Membri, fid-dawl tal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea. Fil-ġurisprudenza tagħha, il-Qorti tal-Ġustizzja stabbiliet kriterji għad-determinazzjoni tal-istatus ta' ħaddiem, li għandu jkun ibbażat fuq analiżi każ b'każ.

Or. en

Emenda 190
Henrik Dahl

Proposta għal direttiva
Premessa 16a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(16a) Din id-Direttiva tiddefinixxi t-traineeships bħala Traineeships tas-suq miftuħ[1a], li huma ftehimiet mhux obbligatorji, bilaterali, u privati bejn trainee u fornitur ta' traineeship b'perjodu limitat ta' xogħol prattiku mingħajr konnessjoni formali mal-edukazzjoni jew mat-taħriġ, mingħajr l-involviment ta' partijiet terzi, u li għandhom l-għan li jipprovdu esperjenza prattika u professjonali bil-ħsieb li tittejjeb l-impjegabbiltà u tiġi ffaċilitata t-tranżizzjoni lejn relazzjoni ta' impjieg regolari u bbażata fuq kuntratt ta' impjieg bil-miktub bejn it-trainee u l-fornitur ta' traineeship;
	[1a] eur-lex.europa.eu/legal-content/EN/TXT/PDF/?uri=CELEX:52016SC0324&

Or. en

Ġustifikazzjoni

Din il-proposta għal direttiva għandha tkopri biss l-OMTs, ara hawn fuq. Id-definizzjoni ta' OMT għandha tkun ċara u konformi mad-definizzjoni stabbilita fil-Qafas ta' Kwalità għal Traineeships. It-Traineeships tas-Suq Miftuħ, flimkien mal-QFT (il-Kummissjoni Ewropea, 2014), huma ddefiniti bħala ftehimiet mhux obbligatorji, bilaterali, u privati bejn trainee u impjegatur. Dawn ma għandhom l-ebda konnessjoni formali mal-edukazzjoni jew mat-taħriġ. Il-ħafna benefiċjarji tagħhom huma studenti, gradwati, jew impjegati li jfittxu taħriġ prattiku fuq ix-xogħol, iżda anke l-impjegaturi jistgħu jibbenefikaw minnhom.

Emenda 191
Catarina Martins, Estrella Galán, Anthony Smith, Konstantinos Arvanitis, Kathleen Funchion, Leila Chaibi

Proposta għal direttiva
Premessa 16a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(16a) Din id-Direttiva tiddefinixxi t-traineeships bħala perjodu limitat ta' xogħol fil-livell tad-dħul bl-għan li jiġu pprovduti ħiliet prattiċi u professjonali permezz ta' taħriġ sinifikanti biex tiġi ffaċilitata t-tranżizzjoni għal impjieg stabbli jew l-aċċess għal professjoni, abbażi ta' kuntratt bil-miktub bejn it-trainee u l-fornitur tat-traineeships, li jitħallas f'konformità mad-Direttiva (UE) 2022/2041.

Or. en

Emenda 192
Benedetta Scuderi
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal direttiva
Premessa 16a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(16a) Din id-Direttiva tiddefinixxi t-traineeships bħala perjodu limitat ta' xogħol fil-livell tad-dħul bl-għan li jiġu pprovduti ħiliet prattiċi u professjonali permezz ta' taħriġ sinifikanti biex tiġi ffaċilitata t-tranżizzjoni għal impjieg stabbli jew l-aċċess għal professjoni, abbażi ta' kuntratt bil-miktub bejn it-trainee u l-fornitur tat-traineeships.

Or. en

Emenda 193
Benedetta Scuderi
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal direttiva
Premessa 16b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(16b) Din id-Direttiva tiżgura li l-prinċipju tan-nondiskriminazzjoni skont l-Artikolu 21 tal-Karta kif ukoll id-Direttiva 2006/54/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[1a], id-Direttiva tal-Kunsill 2000/43/KE[1b] u d-Direttiva 2000/78/KE, japplikaw għat-traineeships, fir-rigward tal-aċċess għat-traineeships u l-kundizzjonijiet tax-xogħol, inkluża l-paga. Hija tindirizza l-preokkupazzjonijiet dwar l-implikazzjonijiet diskriminatorji tat-traineeships u tippromwovi l-inklużività tat-traineeships.

Or. en

Emenda 194
Henrik Dahl

Proposta għal direttiva
Premessa 16b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(16b) Din id-Direttiva ma għandhiex tapplika għal traineeships oħrajn bħal pereżempju: (a) relazzjonijiet ta' edukazzjoni u taħriġ vokazzjonali, (b) apprendistati, (c) traineeships li jitwettqu fil-qafas tal-edukazzjoni formali, (d) traineeships li huma obbligatorji sabiex jinkiseb grad jew kwalifika speċifika u għal traineeships professjonali kif definiti fid-Direttiva 2005/36/KE, u lanqas għal (e) traineeships fi ħdan politiki attivi tas-suq tax-xogħol.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Biex tinħoloq aktar ċarezza, il-premessa ġdida 16b hija utli biex jiġu ssottolinjati t-tipi ta'

traineeships eżentati mill-kamp ta' applikazzjoni tad-direttiva.

Emenda 195
Benedetta Scuderi
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal direttiva
Premessa 16c (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(16c) Jenħtieġ li l-Istati Membri jippromwovu wkoll aċċess akbar għat-traineeships għal trainees minn sfondi vulnerabbli, inklużi dawk b'diżabilità, billi jiżguraw li l-postijiet tax-xogħol jiġu adattati biex ikunu aċċessibbli għal trainees b'diżabilità.

Or. en

Emenda 196
Isabelle Le Callennec

Proposta għal direttiva
Premessa 17

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(17) Il-programmi ta' tagħlim ibbażati fuq ix-xogħol li jaqgħu taħt id-definizzjoni ta' traineeship ivarjaw b'mod sinifikanti bejn l-Istati Membri. Għalhekk, l-apprendistati jistgħu jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva, sa fejn l-apprendisti jaqgħu taħt il-kunċett ta' "ħaddiem" kif definit mil-liġi, mill-ftehimiet kollettivi jew mill-prattiki fis-seħħ fl-Istati Membri, fid-dawl tal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea.	***imħassar***

Or. fr

Emenda 197
Jagna Marczułajtis-Walczak

Proposta għal direttiva
Premessa 17

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(17) Il-programmi ta' tagħlim ibbażati fuq ix-xogħol li jaqgħu taħt id-definizzjoni ta' traineeship ivarjaw b'mod sinifikanti bejn l-Istati Membri. Għalhekk, l-apprendistati jistgħu jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva, sa fejn l-apprendisti jaqgħu taħt il-kunċett ta' "ħaddiem" kif definit mil-liġi, mill-ftehimiet kollettivi jew mill-prattiki fis-seħħ fl-Istati Membri, fid-dawl tal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea.	***imħassar***

Or. en

Emenda 198
Andrea Wechsler

Proposta għal direttiva
Premessa 17

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(17) Il-programmi ta' tagħlim ibbażati fuq ix-xogħol li jaqgħu taħt id-definizzjoni ta' traineeship ivarjaw b'mod sinifikanti bejn l-Istati Membri. Għalhekk, l-apprendistati jistgħu jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva, sa fejn l-apprendisti jaqgħu taħt il-kunċett ta' "ħaddiem" kif definit mil-liġi, mill-ftehimiet kollettivi jew mill-prattiki fis-seħħ fl-Istati Membri, fid-dawl tal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea.	***imħassar***

Or. en

Emenda 199
David Casa

Proposta għal direttiva
Premessa 17

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(17) Il-programmi ta' tagħlim ibbażati fuq ix-xogħol li jaqgħu taħt id-definizzjoni ta' traineeship ivarjaw b'mod sinifikanti bejn l-Istati Membri. Għalhekk, l-apprendistati jistgħu jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva, sa fejn l-apprendisti jaqgħu taħt il-kunċett ta' "ħaddiem" kif definit mil-liġi, mill-ftehimiet kollettivi jew mill-prattiki fis-seħħ fl-Istati Membri, fid-dawl tal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea.	***imħassar***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Għandu jkun hemm distinzjoni bejn it-traineeships tas-suq miftuħ u t-traineeships ipprovduti fil-kuntest tal-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali.

Emenda 200
Angelika Winzig

Proposta għal direttiva
Premessa 17

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(17) Il-programmi ta' tagħlim ibbażati fuq ix-xogħol li jaqgħu taħt id-definizzjoni ta' traineeship ivarjaw b'mod sinifikanti bejn l-Istati Membri. ***Għalhekk, l-apprendistati jistgħu jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva, sa fejn l-apprendisti jaqgħu taħt il-kunċett ta' "ħaddiem" kif definit mil-liġi, mill-ftehimiet kollettivi jew mill-prattiki fis-seħħ fl-Istati Membri, fid-dawl tal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-***	(17) Il-programmi ta' tagħlim ibbażati fuq ix-xogħol li jaqgħu taħt id-definizzjoni ta' traineeship ivarjaw b'mod sinifikanti bejn l-Istati Membri.

Unjoni Ewropea.

Or. en

Emenda 201
Chiara Gemma, Georgiana Teodorescu, Francesco Torselli, Mariateresa Vivaldini, Elena Donazzan

Proposta għal direttiva
Premessa 17

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(17) Il-programmi ta' tagħlim ibbażati fuq ix-xogħol li jaqgħu taħt id-definizzjoni ta' traineeship ivarjaw b'mod sinifikanti bejn l-Istati Membri. Għalhekk, l-apprendistati ***jistgħu jaqgħu*** fil-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva***, sa fejn l-apprendisti jaqgħu taħt il-kunċett ta' "ħaddiem" kif definit mil-liġi, mill-ftehimiet kollettivi jew mill-prattiki fis-seħħ fl-Istati Membri, fid-dawl tal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea***.	(17) Il-programmi ta' tagħlim ibbażati fuq ix-xogħol li jaqgħu taħt id-definizzjoni ta' traineeship ivarjaw b'mod sinifikanti bejn l-Istati Membri. Għalhekk, ***it-traineeships fil-qafas tal-edukazzjoni u t-taħriġ formali,*** l-apprendistati ***u t-traineeships fil-qafas tal-politiki attivi tas-suq tax-xogħol ma jaqgħux*** fil-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva***. Il-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva huwa limitat għat-traineeships tas-suq miftuħ***.

Or. en

Ġustifikazzjoni

It-traineeships għandhom skop purament edukattiv u orjentat lejn ix-xogħol, u għaldaqstant ma jistgħux jitqiesu bħala attività ta' xogħol. It-traineeships mhumiex forom ta' impjieg peress li jiffokaw fuq l-opportunità li jiġi applikat l-għarfien teoretiku f'kuntest professjonali u jridu jiġu ttrattati separatament mill-kuntratti ta' impjieg. Nixtiequ nevitaw li l-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva jiġi estiż biex jinkludi l-apprendistati. L-apprendistati u t-traineeships huma bbażati fuq approċċi differenti ħafna lejn it-tagħlim permezz tal-esperjenza, b'objettivi u regolamenti differenti diġà ddefiniti sew fl-Istati Membri.

Emenda 202
Irena Joveva, Martin Hojsík, Jana Toom, Brigitte van den Berg

Proposta għal direttiva
Premessa 17

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(17) Il-programmi ta' tagħlim ibbażati fuq ix-xogħol li jaqgħu taħt id-definizzjoni ta' traineeship ivarjaw b'mod sinifikanti bejn l-Istati Membri. ***Għalhekk, l-apprendistati jistgħu jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni*** ta' din id-Direttiva, ***sa fejn l-apprendisti jaqgħu taħt il-kunċett ta' "ħaddiem" kif definit mil-liġi, mill-ftehimiet kollettivi jew mill-prattiki fis-seħħ fl-Istati Membri, fid-dawl tal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea***.	(17) Il-programmi ta' tagħlim ibbażati fuq ix-xogħol li jaqgħu taħt id-definizzjoni ta' traineeship ivarjaw b'mod sinifikanti bejn l-Istati Membri. ***Għall-finijiet*** ta' din id-Direttiva, ***jenħtieġ li jkunu koperti t-traineeships kollha li mhumiex parti mill-kurrikuli tal-edukazzjoni u t-taħriġ formali. Tali traineeships jistgħu jinkludu t-traineeships tas-suq miftuħ, it-traineeships fil-kuntest tal-politiki attivi tas-suq tax-xogħol u t-traineeships li jkunu parti obbligatorja minn taħriġ professjonali***.

Or. en

Emenda 203
Arba Kokalari

Proposta għal direttiva
Premessa 17

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(17) Il-programmi ta' tagħlim ibbażati fuq ix-xogħol li jaqgħu taħt id-definizzjoni ta' traineeship ivarjaw b'mod sinifikanti bejn l-Istati Membri. Għalhekk, l-apprendistati ***jistgħu jaqgħu*** fil-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva***, sa fejn l-apprendisti jaqgħu taħt il-kunċett ta' "ħaddiem" kif definit mil-liġi, mill-ftehimiet kollettivi jew mill-prattiki fis-seħħ fl-Istati Membri, fid-dawl tal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea***.	(17) Il-programmi ta' tagħlim ibbażati fuq ix-xogħol li jaqgħu taħt id-definizzjoni ta' traineeship ivarjaw b'mod sinifikanti bejn l-Istati Membri. Għalhekk, ***it-traineeships fil-qafas tal-edukazzjoni jew tat-taħriġ formali,*** l-apprendistati ***u t-traineeships fil-qafas tal-politiki attivi tas-suq tax-xogħol ma jaqgħux*** fil-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva***. Il-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva huwa limitat għat-traineeships tas-suq miftuħ***.

Or. en

Emenda 204
Mélanie Disdier, Rachel Blom, Pál Szekeres, Marie Dauchy, Séverine Werbrouck

Proposta għal direttiva
Premessa 17

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(17) Il-programmi ta' tagħlim ibbażati fuq ix-xogħol li jaqgħu taħt id-definizzjoni ta' traineeship ivarjaw b'mod sinifikanti bejn l-Istati Membri. ***Għalhekk***, l-apprendistati ***jistgħu*** jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva, sa fejn l-apprendisti jaqgħu taħt il-kunċett ta' "ħaddiem" kif definit mil-liġi, mill-ftehimiet kollettivi jew mill-prattiki fis-seħħ fl-Istati Membri, fid-dawl tal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea.	(17) Il-programmi ta' tagħlim ibbażati fuq ix-xogħol li jaqgħu taħt id-definizzjoni ta' traineeship ivarjaw b'mod sinifikanti bejn l-Istati Membri. ***Madankollu***, l-apprendistati jaqgħu ***taħt kunċett u regolamentazzjoni differenti minn dawk tat-traineeships. L-apprendistati ma jistgħux jaqgħu*** fil-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva, sa fejn l-apprendisti jaqgħu taħt il-kunċett ta' "ħaddiem" kif definit mil-liġi, mill-ftehimiet kollettivi jew mill-prattiki fis-seħħ fl-Istati Membri, fid-dawl tal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea.

Or. fr

Ġustifikazzjoni

It-traineeships u l-apprendistati huma żewġ kunċetti differenti. Fl-apprendistati, il-pagi huma meħtieġa biex jitwettqu l-kompiti u r-responsabbiltajiet mitluba mill-apprendist. Filwaqt li t-traineeships jistgħu saħansitra jsiru waqt l-edukazzjoni sekondarja, l-apprendistati jibdew aktar tard u rarament qabel l-edukazzjoni għolja.

Emenda 205
Irena Joveva, Martin Hojsík, Jana Toom, Brigitte van den Berg

Proposta għal direttiva
Premessa 17a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(17a) Il-Kapitolu III tad-Direttiva jistabbilixxi dispożizzjonijiet li jiżguraw il-kwalità u l-aċċessibbiltà tat-traineeships. Dan jistabbilixxi l-kriterji minimi ta' kwalità li għandhom jiġu inklużi fi ftehim ta' traineeship bil-miktub kif ukoll jirrikjedi li l-Istati Membri jieħdu miżuri effettivi biex itejbu l-aċċessibbiltà u l-inklużività tat-traineeships, b'mod partikolari għall-persuni li huma aktar

imbiegħda mis-suq tax-xogħol inklużi l-persuni b'diżabilità, dawk li jgħixu fir-reġjuni rurali, remoti u ultraperiferiċi, dawk bi sfond soċjoekonomiku żvantaġġat u/jew ta' migrazzjoni, dawk mill-komunità tar-Rom u dawk b'livelli edukattivi aktar baxxi.

Or. en

Emenda 206
Benedetta Scuderi
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal direttiva
Premessa 18

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(18) Il-Kapitolu III tad-Direttiva japplika għall-impjegati regolari li huma kklassifikati b'mod falz bħala trainees, jiġifieri meta l-impjegaturi jikklassifikaw relazzjoni ta' impjieg regolari jew bħala traineeship li mhijiex relazzjoni ta' impjieg, jew bħala traineeship li tikkostitwixxi relazzjoni ta' impjieg, madankollu b'livell aktar baxx ta' paga jew kundizzjonijiet tax-xogħol oħra minn dawk li l-impjegati regolari jkunu intitolati għalihom skont il-liġi tal-Unjoni jew dik nazzjonali, il-ftehimiet kollettivi jew il-prattika.	***imħassar***

Or. en

Emenda 207
Mélanie Disdier, Rachel Blom, Pál Szekeres, Marie Dauchy, Séverine Werbrouck

Proposta għal direttiva
Premessa 18

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(18) Il-Kapitolu III tad-Direttiva	(18) Il-Kapitolu III tad-Direttiva

japplika għall-impjegati regolari li huma kklassifikati b'mod falz bħala trainees, jiġifieri meta l-impjegaturi jikklassifikaw relazzjoni ta' impjieg regolari ***jew*** bħala traineeship li mhijiex relazzjoni ta' impjieg***, jew bħala traineeship li tikkostitwixxi relazzjoni ta' impjieg, madankollu b'livell aktar baxx ta' paga jew kundizzjonijiet tax-xogħol oħra minn dawk li l-impjegati regolari jkunu intitolati għalihom skont il-liġi tal-Unjoni jew dik nazzjonali, il-ftehimiet kollettivi jew il-prattika***.	japplika għall-impjegati regolari li huma kklassifikati b'mod falz bħala trainees, jiġifieri meta l-impjegaturi jikklassifikaw relazzjoni ta' impjieg regolari bħala traineeship li mhijiex relazzjoni ta' impjieg.

Or. fr

Ġustifikazzjoni

Traineeship ma għandhiex tikkostitwixxi relazzjoni ta' impjieg alternattiv.

Emenda 208
Irena Joveva, Martin Hojsík, Jana Toom, Brigitte van den Berg

Proposta għal direttiva
Premessa 18

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(18) Il-Kapitolu ***III*** tad-Direttiva japplika għall-impjegati regolari li huma kklassifikati b'mod falz bħala trainees, jiġifieri meta ***l-impjegaturi*** jikklassifikaw relazzjoni ta' impjieg regolari ***jew*** bħala traineeship ***li mhijiex relazzjoni ta' impjieg, jew bħala traineeship li tikkostitwixxi relazzjoni ta' impjieg, madankollu b'livell*** aktar baxx ta' paga jew kundizzjonijiet tax-xogħol oħra minn dawk li l-impjegati regolari jkunu intitolati għalihom skont il-liġi tal-Unjoni jew dik nazzjonali, il-ftehimiet kollettivi jew il-prattika.	(18) Il-Kapitolu ***IV*** tad-Direttiva japplika għall-impjegati regolari li huma kklassifikati b'mod falz bħala trainees, jiġifieri meta ***l-fornituri ta' traineeships*** jikklassifikaw relazzjoni ta' impjieg regolari bħala traineeship ***fi sforz biex ma joffru l-ebda remunerazzjoni jew biex joffru livell*** aktar baxx ta' paga jew kundizzjonijiet tax-xogħol oħra minn dawk li l-impjegati regolari jkunu intitolati għalihom skont il-liġi tal-Unjoni jew dik nazzjonali, il-ftehimiet kollettivi jew il-prattika.

Or. en

Emenda 209
Isabelle Le Callennec

Proposta għal direttiva
Premessa 18

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(18) Il-Kapitolu III tad-Direttiva japplika għall-impjegati regolari li huma kklassifikati b'mod falz bħala trainees, jiġifieri meta l-impjegaturi jikklassifikaw relazzjoni ta' impjieg regolari jew bħala traineeship li mhijiex relazzjoni ta' impjieg, jew bħala traineeship li tikkostitwixxi relazzjoni ta' impjieg, madankollu b'livell aktar baxx ta' ***paga*** jew kundizzjonijiet tax-xogħol oħra minn dawk li l-impjegati regolari jkunu intitolati għalihom skont il-liġi tal-Unjoni jew dik nazzjonali, il-ftehimiet kollettivi jew il-prattika.	(18) Il-Kapitolu III tad-Direttiva japplika għall-impjegati regolari li huma kklassifikati b'mod falz bħala trainees, jiġifieri meta l-impjegaturi jikklassifikaw relazzjoni ta' impjieg regolari jew bħala traineeship li mhijiex relazzjoni ta' impjieg, jew bħala traineeship li tikkostitwixxi relazzjoni ta' impjieg, madankollu b'livell aktar baxx ta' ***kumpens*** jew kundizzjonijiet tax-xogħol oħra minn dawk li l-impjegati regolari jkunu intitolati għalihom skont il-liġi tal-Unjoni jew dik nazzjonali, il-ftehimiet kollettivi jew il-prattika.

Or. fr

Emenda 210
Andrea Wechsler

Proposta għal direttiva
Premessa 18

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(18) Il-Kapitolu III tad-Direttiva japplika għall-impjegati regolari li huma kklassifikati b'mod falz bħala trainees, jiġifieri meta l-impjegaturi jikklassifikaw relazzjoni ta' impjieg regolari jew bħala traineeship li ***mhijiex*** relazzjoni ta' impjieg, jew bħala traineeship li ***tikkostitwixxi*** relazzjoni ta' impjieg, madankollu b'livell aktar baxx ta' paga jew kundizzjonijiet tax-xogħol oħra minn dawk li l-impjegati regolari jkunu intitolati għalihom skont il-liġi tal-Unjoni jew dik nazzjonali, il-ftehimiet kollettivi jew il-	(18) Il-Kapitolu III tad-Direttiva japplika għall-impjegati regolari li huma kklassifikati b'mod falz bħala trainees ***tas-suq miftuħ***, jiġifieri meta l-impjegaturi jikklassifikaw relazzjoni ta' impjieg regolari jew bħala traineeship ***tas-suq miftuħ*** li ***mhuwiex*** relazzjoni ta' impjieg, jew bħala traineeship ***tas-suq miftuħ*** li ***jikkostitwixxi*** relazzjoni ta' impjieg, madankollu b'livell aktar baxx ta' paga jew kundizzjonijiet tax-xogħol oħra minn dawk li l-impjegati regolari jkunu intitolati għalihom skont il-liġi tal-Unjoni jew dik nazzjonali, il-ftehimiet kollettivi jew il-

prattika.	prattika.

Or. en

Emenda 211
Mélanie Disdier, Rachel Blom, Pál Szekeres, Marie Dauchy, Séverine Werbrouck

Proposta għal direttiva
Premessa 19

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(19) It-traineeships ***li huma relazzjonijiet ta' impjieg*** jistgħu jiġu distinti minn relazzjonijiet ta' impjieg "regolari" peress li ***huma limitati fiż-żmien, jinkludu komponent sinifikanti ta' tagħlim u taħriġ u li jitwettqu*** sabiex tinkiseb esperjenza prattika u professjonali bl-għan li tittejjeb l-impjegabbiltà u tiġi ffaċilitata t-tranżizzjoni għall-impjieg jew l-aċċess għal professjoni.	(19) It-traineeships jistgħu jiġu distinti minn relazzjonijiet ta' impjieg "regolari" peress li ***jiġu stabbiliti għall-fini uniku li jħarrġu trainee billi jpoġġuh f'kuntatt ma' ambjent professjonali*** sabiex tinkiseb esperjenza prattika u professjonali bl-għan li tittejjeb l-impjegabbiltà u tiġi ffaċilitata t-tranżizzjoni għall-impjieg jew l-aċċess għal professjoni.

Or. fr

Ġustifikazzjoni

Ir-relazzjonijiet ta' impjieg jistgħu wkoll ikunu għal perjodu limitat. It-tagħlim u t-taħriġ mhumiex sempliċement komponent iżda l-essenza proprja ta' traineeship. Traineeship ma tkunx relazzjoni ta' impjieg sakemm ma nqisux li, fl-istess ċirkostanza, it-tfal tal-iskola jsibu ruħhom f'sitwazzjoni ta' impjieg mal-għalliem tagħhom.

Emenda 212
Benedetta Scuderi
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal direttiva
Premessa 19

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(19) It-traineeships ***li huma relazzjonijiet*** ta' impjieg jistgħu jiġu distinti minn relazzjonijiet ta' impjieg ***"regolari"*** peress li huma limitati fiż-	(19) It-traineeships***, kif definiti f'din id-Direttiva, jinvolvu neċessarjament l-istabbiliment ta' relazzjoni*** ta' impjieg ***bejn it-trainee u l-fornitur ta' traineeship***

żmien, jinkludu komponent sinifikanti ta' tagħlim u taħriġ u li jitwettqu sabiex tinkiseb esperjenza prattika u professjonali bl-għan li ***tittejjeb l-impjegabbiltà u*** tiġi ffaċilitata t-tranżizzjoni għall-impjieg jew l-aċċess għal professjoni.

u jistgħu jiġu distinti minn relazzjonijiet ta' impjieg ***oħrajn*** peress li huma limitati fiż-żmien, jinkludu komponent sinifikanti ta' tagħlim u taħriġ u li jitwettqu sabiex tinkiseb esperjenza prattika u professjonali bl-għan li tiġi ffaċilitata t-tranżizzjoni għall-impjieg ***stabbli*** jew l-aċċess għal professjoni.

Or. en

Emenda 213
Irena Joveva, Martin Hojsík, Jana Toom, Brigitte van den Berg

Proposta għal direttiva
Premessa 19

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(19) It-traineeships ***li huma relazzjonijiet ta' impjieg*** jistgħu jiġu distinti minn relazzjonijiet ta' impjieg "regolari" peress li huma limitati fiż-żmien, jinkludu komponent sinifikanti ta' tagħlim u taħriġ u li jitwettqu sabiex tinkiseb esperjenza prattika u professjonali bl-għan li tittejjeb l-impjegabbiltà u tiġi ffaċilitata t-tranżizzjoni għall-impjieg jew l-aċċess għal professjoni.	(19) It-traineeships jistgħu jiġu distinti minn relazzjonijiet ta' impjieg "regolari" peress li huma limitati fiż-żmien, jinkludu komponent sinifikanti ta' tagħlim u taħriġ u li jitwettqu sabiex tinkiseb esperjenza prattika u professjonali bl-għan li tittejjeb l-impjegabbiltà u tiġi ffaċilitata t-tranżizzjoni ***mill-edukazzjoni*** għall-impjieg jew l-aċċess għal professjoni.

Or. en

Emenda 214
Andrea Wechsler

Proposta għal direttiva
Premessa 19

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(19) It-traineeships li huma relazzjonijiet ta' impjieg jistgħu jiġu distinti minn relazzjonijiet ta' impjieg "regolari" peress li huma limitati fiż-żmien, jinkludu komponent sinifikanti ta' tagħlim u taħriġ	(19) It-traineeships ***tas-suq miftuħ*** li huma relazzjonijiet ta' impjieg jistgħu jiġu distinti minn relazzjonijiet ta' impjieg "regolari" peress li huma limitati fiż-żmien, jinkludu komponent sinifikanti ta'

u li jitwettqu sabiex tinkiseb esperjenza prattika u professjonali bl-għan li tittejjeb l-impjegabbiltà u tiġi ffaċilitata t-tranżizzjoni għall-impjieg jew l-aċċess għal professjoni.	tagħlim u taħriġ u li jitwettqu sabiex tinkiseb esperjenza prattika u professjonali bl-għan li tittejjeb l-impjegabbiltà u tiġi ffaċilitata t-tranżizzjoni għall-impjieg jew l-aċċess għal professjoni.

Or. en

Emenda 215
Jagna Marczułajtis-Walczak

Proposta għal direttiva
Premessa 19a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(19a) L-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali (VET) tradizzjonalment kienu l-perkors lejn impjiegi ta' kwalità u karrieri sodisfaċenti f'okkupazzjonijiet b'ħiliet medji. It-trawwim ta' rabta b'saħħitha bejn il-VET u l-industrija jista' jiżgura li l-programmi ta' taħriġ ikunu allinjati mal-ħtiġijiet li jevolvu tas-suq tax-xogħol, u b'hekk jittejbu l-impjegabbiltà u r-reżiljenza ekonomika. Madankollu, filwaqt li l-internships huma tipikament esperjenzi għal żmien qasir immirati biex tinkiseb l-ewwel esperjenza professjonali, il-programmi tal-VET huma perkorsi edukattivi strutturati u formali mfassla biex jipprovdu lill-individwi ħiliet komprensivi u lesti għax-xogħol.

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-għan huwa li tiġi enfasizzata d-differenza bejn il-VET u l-internship.

Emenda 216
Andrea Wechsler

Proposta għal direttiva
Premessa 20

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(20) ***Il-prinċipju tan-nondiskriminazzjoni huwa xieraq*** biex jiġu miġġielda ***l-abbużi tat-traineeships, bħall-għoti ta' kundizzjonijiet tax-xogħol inqas favorevoli jew paga aktar baxxa meta mqabbla mal-impjegati regolari mingħajr ġustifikazzjoni xierqa, u biex tiġi żgurata s-sostenibbiltà tat-traineeships bħala perkors lejn opportunitajiet ta' impjieg stabbli. Jista' jgħin ukoll biex l-apprendistati jsiru aktar aċċessibbli għal gruppi ta' ħaddiema f'sitwazzjoni vulnerabbli.***	(20) ***Il-prinċipji u r-rikors skont il-liġi nazzjonali huma xierqa*** biex jiġu miġġielda ***r-relazzjonijiet ta' impjieg regolari li taparsi jkunu traineeships tas-suq miftuħ***.

Or. en

Emenda 217
Mélanie Disdier, Rachel Blom, Pál Szekeres, Marie Dauchy

Proposta għal direttiva
Premessa 20

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(20) Il-prinċipju tan-nondiskriminazzjoni ***huwa*** xieraq biex jiġu miġġielda l-abbużi tat-traineeships***, bħall-għoti ta' kundizzjonijiet tax-xogħol inqas favorevoli jew paga aktar baxxa meta mqabbla mal-impjegati regolari mingħajr ġustifikazzjoni xierqa, u*** biex tiġi żgurata s-sostenibbiltà tat-traineeships bħala perkors lejn opportunitajiet ta' impjieg stabbli***. Jista'*** jgħin ***ukoll biex*** l-apprendistati jsiru aktar aċċessibbli għal gruppi ta' ħaddiema f'sitwazzjoni vulnerabbli.	(20) Il-prinċipju tan-nondiskriminazzjoni ***mhuwiex*** xieraq biex jiġu miġġielda l-abbużi tat-traineeships ***billi jsir paragun bejn is-sitwazzjoni ta' ħaddiem regolari u dik ta' trainee li s-sitwazzjoni tiegħu tkun differenti fir-rigward tal-qafas regolatorju u l-obbligi marbuta miegħu. Madankollu, il-prinċipju tan-nondiskriminazzjoni jista' jiġi applikat bejn it-trainees, b'mod partikolari*** biex tiġi żgurata s-sostenibbiltà tat-traineeships bħala perkors lejn opportunitajiet ta' impjieg stabbli ***jew biex*** jgħin ***ħalli*** l-apprendistati jsiru aktar aċċessibbli għal gruppi ta' ħaddiema f'sitwazzjoni vulnerabbli.

Or. fr

Emenda 218
Isabelle Le Callennec

Proposta għal direttiva
Premessa 20

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(20) Il-prinċipju tan-nondiskriminazzjoni huwa xieraq biex jiġu miġġielda l-abbużi tat-traineeships, bħall-għoti ta' kundizzjonijiet tax-xogħol inqas favorevoli jew ***paga*** aktar ***baxxa*** meta ***mqabbla mal-impjegati*** regolari mingħajr ġustifikazzjoni xierqa, u biex tiġi żgurata s-sostenibbiltà tat-traineeships bħala perkors lejn opportunitajiet ta' impjieg stabbli. Jista' jgħin ukoll biex l-apprendistati ***jsiru*** aktar aċċessibbli għal gruppi ta' ħaddiema f'sitwazzjoni vulnerabbli.	(20) Il-prinċipju tan-nondiskriminazzjoni huwa xieraq biex jiġu miġġielda l-abbużi tat-traineeships ***fis-suq tax-xogħol miftuħ***, bħall-għoti ta' kundizzjonijiet tax-xogħol inqas favorevoli jew ***kumpens*** aktar ***baxx*** meta ***mqabbel mar-remunerazzjoni tal-impjegati*** regolari mingħajr ġustifikazzjoni xierqa, u biex tiġi żgurata s-sostenibbiltà tat-traineeships ***fis-suq tax-xogħol miftuħ*** bħala perkors lejn opportunitajiet ta' impjieg stabbli. Jista' jgħin ukoll biex l-apprendistati ***fis-suq tax-xogħol miftuħ isiru*** aktar aċċessibbli għal gruppi ta' ħaddiema f'sitwazzjoni vulnerabbli.

Or. fr

Emenda 219
Miriam Lexmann

Proposta għal direttiva
Premessa 20

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(20) Il-prinċipju tan-nondiskriminazzjoni huwa xieraq biex jiġu miġġielda ***l-abbużi tat-traineeships***, bħall-għoti ta' kundizzjonijiet tax-xogħol inqas favorevoli jew ***paga*** aktar ***baxxa*** meta mqabbla mal-impjegati regolari mingħajr ġustifikazzjoni xierqa, u biex tiġi żgurata s-sostenibbiltà tat-traineeships bħala perkors lejn opportunitajiet ta' impjieg stabbli. Jista' jgħin ukoll biex l-apprendistati jsiru aktar aċċessibbli ***għal gruppi ta' ħaddiema***	(20) Il-prinċipju tan-nondiskriminazzjoni huwa xieraq biex jiġu miġġielda ***l-prattiki ta' sfruttament fit-traineeships***, bħall-għoti ta' kundizzjonijiet tax-xogħol inqas favorevoli jew ***kumpens*** aktar ***baxx*** meta mqabbla mal-impjegati regolari mingħajr ġustifikazzjoni xierqa, u biex tiġi żgurata s-sostenibbiltà tat-traineeships bħala perkors lejn opportunitajiet ta' impjieg stabbli. Jista' jgħin ukoll biex l-apprendistati jsiru aktar

f'sitwazzjoni vulnerabbli.	aċċessibbli ***għall-ħaddiema*** vulnerabbli, ***bħal ħaddiema b'diżabilità jew dawk li jkunu ġejjin minn sfond żvantaġġat***.

Or. en

Emenda 220
Irena Joveva, Martin Hojsík, Jana Toom, Brigitte van den Berg

Proposta għal direttiva
Premessa 20

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(20) Il-prinċipju tan-nondiskriminazzjoni huwa xieraq biex jiġu miġġielda l-abbużi tat-traineeships, bħall-għoti ta' kundizzjonijiet tax-xogħol inqas favorevoli jew paga aktar baxxa meta mqabbla mal-impjegati regolari mingħajr ġustifikazzjoni xierqa, u biex tiġi żgurata s-sostenibbiltà tat-traineeships bħala perkors lejn opportunitajiet ta' impjieg stabbli. Jista' jgħin ukoll biex l-apprendistati jsiru aktar aċċessibbli għal gruppi ta' ħaddiema ***f'sitwazzjoni vulnerabbli***.	(20) Il-prinċipju tan-nondiskriminazzjoni huwa xieraq biex jiġu miġġielda l-abbużi tat-traineeships, bħall-għoti ta' kundizzjonijiet tax-xogħol inqas favorevoli jew paga aktar baxxa meta mqabbla mal-impjegati regolari mingħajr ġustifikazzjoni xierqa, u biex tiġi żgurata s-sostenibbiltà tat-traineeships bħala perkors lejn opportunitajiet ta' impjieg stabbli. Jista' jgħin ukoll biex l-apprendistati jsiru aktar aċċessibbli għal gruppi ta' ħaddiema ***li huma aktar imbiegħda mis-suq tax-xogħol.***

Or. en

Emenda 221
Benedetta Scuderi
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal direttiva
Premessa 20

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(20) Il-prinċipju tan-nondiskriminazzjoni huwa xieraq biex jiġu miġġielda ***l-abbużi tat-traineeships***, bħall-għoti ta' kundizzjonijiet tax-xogħol inqas favorevoli jew paga aktar baxxa meta mqabbla ***mal-impjegati regolari*** mingħajr	(20) Il-prinċipju tan-nondiskriminazzjoni huwa xieraq biex jiġu miġġielda ***l-prattiki abbużivi fit-traineeships***, bħall-għoti ta' kundizzjonijiet tax-xogħol inqas favorevoli jew paga aktar baxxa meta mqabbla ***ma' impjegati oħrajn***

ġustifikazzjoni xierqa, u biex tiġi żgurata s-sostenibbiltà tat-traineeships bħala perkors lejn opportunitajiet ta' impjieg stabbli. Jista' jgħin ukoll biex l-apprendistati jsiru aktar aċċessibbli għal gruppi ta' ħaddiema f'sitwazzjoni vulnerabbli.

mingħajr ġustifikazzjoni xierqa, u biex tiġi żgurata s-sostenibbiltà tat-traineeships bħala perkors lejn opportunitajiet ta' impjieg stabbli. Jista' jgħin ukoll biex l-apprendistati jsiru aktar aċċessibbli għal gruppi ta' ħaddiema f'sitwazzjoni vulnerabbli.

Or. en

Emenda 222
Mélanie Disdier, Rachel Blom, Pál Szekeres, Marie Dauchy, Séverine Werbrouck

Proposta għal direttiva
Premessa 21

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(21) Huwa għalhekk meħtieġ li jiġi stabbilit il-prinċipju tan-nondiskriminazzjoni għat-trainees li jenħtieġ li japplika flimkien mal-Klawżola 4 tal-Anness tad-Direttiva tal-Kunsill 1999/70/KE tat-28 ta' Ġunju 1999 dwar il-ftehim qafas dwar xogħol għal żmien fiss konklużż mill-ETUC, mill-UNICE u miċ-CEEP, li tipprevedi li fir-rigward tal-kundizzjonijiet tal-impjieg, il-ħaddiema għal terminu fiss ma għandhomx jiġu ttrattati b'mod inqas favorevoli minn ħaddiema permanenti komparabbli biss minħabba li għandhom kuntratt jew relazzjoni għal terminu fiss sakemm trattament differenti ma jkunx ġustifikat fuq bażi oġġettiva. It-trainees li għandhom relazzjoni ta' impjieg huma skont id-definizzjoni "ħaddiema għal terminu fiss" skont it-tifsira ta' dik id-Direttiva. Madankollu, il-klawżola tagħha dwar il-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni ma tippermettix li jsir paragun ma' ħaddiema oħra għal terminu fiss. Barra minn hekk, il-Klawżola 2(2) tal-Anness ta' dik id-Direttiva tippermetti lill-Istati Membri jeskludu ċerti tipi ta' ħaddiema mill-kamp ta' applikazzjoni tagħha, inklużi relazzjonijiet inizjali ta' taħriġ**	***imħassar***

vokazzjonali u skemi ta' apprendistat jew kuntratti ta' impjieg u relazzjonijiet li ġew konklużi fi ħdan il-qafas ta' programm speċifiku pubbliku jew appoġġat pubblikament ta' taħriġ, integrazzjoni u taħriġ mill-ġdid vokazzjonali. Hija tonqos ukoll milli tirrikonoxxi l-pożizzjoni partikolarment vulnerabbli li jinsabu fiha t-trainees. Għalhekk huwa meħtieġ li jiġi ggarantit li l-prinċipju ta' trattament ugwali meta mqabbel mal-impjegati regolari japplika għat-trainees kollha li għandhom relazzjoni ta' impjieg.

Or. fr

Ġustifikazzjoni

Id-drittijiet tal-ħaddiema ma japplikawx għat-trainees.

Emenda 223
Chiara Gemma, Georgiana Teodorescu, Francesco Torselli, Mariateresa Vivaldini, Elena Donazzan

Proposta għal direttiva
Premessa 21

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(21) Huwa għalhekk meħtieġ li jiġi stabbilit il-prinċipju tan-nondiskriminazzjoni għat-trainees li jenħtieġ li japplika flimkien mal-Klawżola 4 tal-Anness tad-Direttiva tal-Kunsill 1999/70/KE tat-28 ta' Ġunju 1999 dwar il-ftehim qafas dwar xogħol għal żmien fiss konklużż mill-ETUC, mill-UNICE u miċ-CEEP, li tipprevedi li fir-rigward tal-kundizzjonijiet tal-impjieg, il-ħaddiema għal terminu fiss ma għandhomx jiġu ttrattati b'mod inqas favorevoli minn ħaddiema permanenti komparabbli biss minħabba li għandhom kuntratt jew relazzjoni għal terminu fiss sakemm trattament differenti ma jkunx ġustifikat fuq bażi oġġettiva. It-trainees li għandhom relazzjoni ta' impjieg huma	***imħassar***

skont id-definizzjoni "ħaddiema għal terminu fiss" skont it-tifsira ta' dik id-Direttiva. Madankollu, il-klawżola tagħha dwar il-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni ma tippermettix li jsir paragun ma' ħaddiema oħra għal terminu fiss. Barra minn hekk, il-Klawżola 2(2) tal-Anness ta' dik id-Direttiva tippermetti lill-Istati Membri jeskludu ċerti tipi ta' ħaddiema mill-kamp ta' applikazzjoni tagħha, inklużi relazzjonijiet inizjali ta' taħriġ vokazzjonali u skemi ta' apprendistat jew kuntratti ta' impjieg u relazzjonijiet li ġew konklużi fi ħdan il-qafas ta' programm speċifiku pubbliku jew appoġġat pubblikament ta' taħriġ, integrazzjoni u taħriġ mill-ġdid vokazzjonali. Hija tonqos ukoll milli tirrikonoxxi l-pożizzjoni partikolarment vulnerabbli li jinsabu fiha t-trainees. Għalhekk huwa meħtieġ li jiġi ggarantit li l-prinċipju ta' trattament ugwali meta mqabbel mal-impjegati regolari japplika għat-trainees kollha li għandhom relazzjoni ta' impjieg.

Or. en

Ġustifikazzjoni

It-traineeships ma jistgħux jiġu assimilati ma' relazzjonijiet ta' impjieg għal terminu fiss. Il-konsegwenzi ta' dan il-paragun ikunu jfissru assimilazzjoni sostanzjali u oneruża bejn żewġ apparati kompletament differenti: ir-relazzjoni għal terminu fiss bħala kuntratt ta' impjieg reali u t-traineeship, bħala għodda li tiggwida liż-żgħażagħ lejn id-dinja tan-negozju. L-estensjoni tal-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva għall-kuntratti għal terminu fiss toħloq inċertezza legali fil-livell nazzjonali u timmina l-prattika tajba ta' din l-istituzzjoni kuntrattwali.

Emenda 224
Arba Kokalari

Proposta għal direttiva
Premessa 21

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(21) Huwa għalhekk meħtieġ li jiġi stabbilit il-prinċipju tan-	***imħassar***

nondiskriminazzjoni għat-trainees li jenħtieġ li japplika flimkien mal-Klawżola 4 tal-Anness tad-Direttiva tal-Kunsill 1999/70/KE tat-28 ta' Ġunju 1999 dwar il-ftehim qafas dwar xogħol għal żmien fiss konkluż mill-ETUC, mill-UNICE u miċ-CEEP, li tipprevedi li fir-rigward tal-kundizzjonijiet tal-impjieg, il-ħaddiema għal terminu fiss ma għandhomx jiġu ttrattati b'mod inqas favorevoli minn ħaddiema permanenti komparabbli biss minħabba li għandhom kuntratt jew relazzjoni għal terminu fiss sakemm trattament differenti ma jkunx ġustifikat fuq bażi oġġettiva. It-trainees li għandhom relazzjoni ta' impjieg huma skont id-definizzjoni "ħaddiema għal terminu fiss" skont it-tifsira ta' dik id-Direttiva. Madankollu, il-klawżola tagħha dwar il-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni ma tippermettix li jsir paragun ma' ħaddiema oħra għal terminu fiss. Barra minn hekk, il-Klawżola 2(2) tal-Anness ta' dik id-Direttiva tippermetti lill-Istati Membri jeskludu ċerti tipi ta' ħaddiema mill-kamp ta' applikazzjoni tagħha, inklużi relazzjonijiet inizjali ta' taħriġ vokazzjonali u skemi ta' apprendistat jew kuntratti ta' impjieg u relazzjonijiet li ġew konklużi fi ħdan il-qafas ta' programm speċifiku pubbliku jew appoġġat pubblikament ta' taħriġ, integrazzjoni u taħriġ mill-ġdid vokazzjonali. Hija tonqos ukoll milli tirrikonoxxi l-pożizzjoni partikolarment vulnerabbli li jinsabu fiha t-trainees. Għalhekk huwa meħtieġ li jiġi ggarantit li l-prinċipju ta' trattament ugwali meta mqabbel mal-impjegati regolari japplika għat-trainees kollha li għandhom relazzjoni ta' impjieg.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Traineeship mhuwiex l-istess bħal kuntratt ta' impjieg għal terminu fiss. Kuntratt għal terminu fiss huwa impjieg reali, filwaqt li traineeship huwa mfassal biex jgħin liż-żgħażagħ jidħlu fis-suq tax-xogħol. Kieku l-kuntratti għal terminu fiss kellhom jiġu inklużi fl-istess kategorija tat-traineeships, dan jista' jwassal għal inċertezza u konfużjoni fil-liġi fil-livell

nazzjonali.

Emenda 225
Andrea Wechsler

Proposta għal direttiva
Premessa 21

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(21) Huwa għalhekk meħtieġ li jiġi stabbilit il-prinċipju tan-nondiskriminazzjoni għat-trainees li jenħtieġ li japplika flimkien mal-Klawżola 4 tal-Anness tad-Direttiva tal-Kunsill 1999/70/KE tat-28 ta' Ġunju 1999 dwar il-ftehim qafas dwar xogħol għal żmien fiss konkluż mill-ETUC, mill-UNICE u miċ-CEEP, li tipprevedi li fir-rigward tal-kundizzjonijiet tal-impjieg, il-ħaddiema għal terminu fiss ma għandhomx jiġu ttrattati b'mod inqas favorevoli minn ħaddiema permanenti komparabbli biss minħabba li għandhom kuntratt jew relazzjoni għal terminu fiss sakemm trattament differenti ma jkunx ġustifikat fuq bażi oġġettiva. It-trainees li għandhom relazzjoni ta' impjieg huma skont id-definizzjoni "ħaddiema għal terminu fiss" skont it-tifsira ta' dik id-Direttiva. Madankollu, il-klawżola tagħha dwar il-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni ma tippermettix li jsir paragun ma' ħaddiema oħra għal terminu fiss. Barra minn hekk, il-Klawżola 2(2) tal-Anness ta' dik id-Direttiva tippermetti lill-Istati Membri jeskludu ċerti tipi ta' ħaddiema mill-kamp ta' applikazzjoni tagħha, inklużi relazzjonijiet inizjali ta' taħriġ vokazzjonali u skemi ta' apprendistat jew kuntratti ta' impjieg u relazzjonijiet li ġew konklużi fi ħdan il-qafas ta' programm speċifiku pubbliku jew appoġġat pubblikament ta' taħriġ, integrazzjoni u taħriġ mill-ġdid vokazzjonali. Hija tonqos ukoll milli tirrikonoxxi l-pożizzjoni partikolarment vulnerabbli li jinsabu fiha	***imħassar***

t-trainees. Għalhekk huwa meħtieġ li jiġi ggarantit li l-prinċipju ta' trattament ugwali meta mqabbel mal-impjegati regolari japplika għat-trainees kollha li għandhom relazzjoni ta' impjieg.

Or. en

Emenda 226
Angelika Winzig

Proposta għal direttiva
Premessa 21

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(21) Huwa għalhekk meħtieġ li jiġi stabbilit il-prinċipju tan-nondiskriminazzjoni għat-trainees li jenħtieġ li japplika flimkien mal-Klawżola 4 tal-Anness tad-Direttiva tal-Kunsill 1999/70/KE tat-28 ta' Ġunju 1999 dwar il-ftehim qafas dwar xogħol għal żmien fiss konklużż mill-ETUC, mill-UNICE u miċ-CEEP, li tipprevedi li fir-rigward tal-kundizzjonijiet tal-impjieg, il-ħaddiema għal terminu fiss ma għandhomx jiġu ttrattati b'mod inqas favorevoli minn ħaddiema permanenti komparabbli biss minħabba li għandhom kuntratt jew relazzjoni għal terminu fiss sakemm trattament differenti ma jkunx ġustifikat fuq bażi oġġettiva. It-trainees li għandhom relazzjoni ta' impjieg huma skont id-definizzjoni "ħaddiema għal terminu fiss" skont it-tifsira ta' dik id-Direttiva. Madankollu, il-klawżola tagħha dwar il-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni ma tippermettix li jsir paragun ma' ħaddiema oħra għal terminu fiss. Barra minn hekk, il-Klawżola 2(2) tal-Anness ta' dik id-Direttiva tippermetti lill-Istati Membri jeskludu ċerti tipi ta' ħaddiema mill-kamp ta' applikazzjoni tagħha, inklużi relazzjonijiet inizjali ta' taħriġ vokazzjonali u skemi ta' apprendistat jew kuntratti ta' impjieg u relazzjonijiet li ġew	***imħassar***

konklużi fi ħdan il-qafas ta' programm speċifiku pubbliku jew appoġġat pubblikament ta' taħriġ, integrazzjoni u taħriġ mill-ġdid vokazzjonali. Hija tonqos ukoll milli tirrikonoxxi l-pożizzjoni partikolarment vulnerabbli li jinsabu fiha t-trainees. Għalhekk huwa meħtieġ li jiġi ggarantit li l-prinċipju ta' trattament ugwali meta mqabbel mal-impjegati regolari japplika għat-trainees kollha li għandhom relazzjoni ta' impjieg.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-premessa toħloq inċertezza legali billi tqabbel lit-trainees mal-ħaddiema għal terminu fiss, minkejja l-istatus distint tagħhom, Din tirriskja li tinterferixxi mal-kompetenzi nazzjonali u hija żejda, peress li d-Direttiva diġà tipprovdi salvagwardji kontra trattament mhux ugwali u mhux ġustifikat.

Emenda 227
Irena Joveva, Martin Hojsík, Jana Toom, Brigitte van den Berg

Proposta għal direttiva
Premessa 21

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(21) Huwa għalhekk meħtieġ li jiġi stabbilit il-prinċipju tan-nondiskriminazzjoni għat-trainees li jenħtieġ li japplika flimkien mal-Klawżola 4 tal-Anness tad-Direttiva tal-Kunsill 1999/70/KE tat-28 ta' Ġunju 1999 dwar il-ftehim qafas dwar xogħol għal żmien fiss konkluż mill-ETUC, mill-UNICE u miċ-CEEP, li tipprevedi li fir-rigward tal-kundizzjonijiet tal-impjieg, il-ħaddiema għal terminu fiss ma għandhomx jiġu ttrattati b'mod inqas favorevoli minn ħaddiema permanenti komparabbli biss minħabba li għandhom kuntratt jew relazzjoni għal terminu fiss sakemm trattament differenti ma jkunx ġustifikat fuq bażi oġġettiva. It-trainees ***li għandhom relazzjoni ta' impjieg*** huma skont id-	(21) Huwa għalhekk meħtieġ li jiġi stabbilit il-prinċipju tan-nondiskriminazzjoni għat-trainees li jenħtieġ li japplika flimkien mal-Klawżola 4 tal-Anness tad-Direttiva tal-Kunsill 1999/70/KE tat-28 ta' Ġunju 1999 dwar il-ftehim qafas dwar xogħol għal żmien fiss konkluż mill-ETUC, mill-UNICE u miċ-CEEP, li tipprevedi li fir-rigward tal-kundizzjonijiet tal-impjieg, il-ħaddiema għal terminu fiss ma għandhomx jiġu ttrattati b'mod inqas favorevoli minn ħaddiema permanenti komparabbli biss minħabba li għandhom kuntratt jew relazzjoni għal terminu fiss sakemm trattament differenti ma jkunx ġustifikat fuq bażi oġġettiva. It-trainees huma skont id-definizzjoni "ħaddiema għal terminu

definizzjoni “ħaddiema għal terminu fiss” skont it-tifsira ta’ dik id-Direttiva. Madankollu, il-klawżola tagħha dwar il-prinċipju ta’ nondiskriminazzjoni ma tippermettix li jsir paragun ma’ ħaddiema oħra għal terminu fiss. Barra minn hekk, il-Klawżola 2(2) tal-Anness ta’ dik id-Direttiva tippermetti lill-Istati Membri jeskludu ċerti tipi ta’ ħaddiema mill-kamp ta’ applikazzjoni tagħha, inklużi relazzjonijiet inizjali ta’ taħriġ vokazzjonali u skemi ta’ apprendistat jew kuntratti ta’ impjieg u relazzjonijiet li ġew konklużi fi ħdan il-qafas ta’ programm speċifiku pubbliku jew appoġġat pubblikament ta’ taħriġ, integrazzjoni u taħriġ mill-ġdid vokazzjonali. Hija tonqos ukoll milli tirrikonoxxi l-pożizzjoni partikolarment vulnerabbli li jinsabu fiha t-trainees. Għalhekk huwa meħtieġ li jiġi ggarantit li l-prinċipju ta’ trattament ugwali meta mqabbel mal-impjegati regolari japplika għat-trainees kollha ***li għandhom relazzjoni ta’ impjieg***.

fiss” skont it-tifsira ta’ dik id-Direttiva. Madankollu, il-klawżola tagħha dwar il-prinċipju ta’ nondiskriminazzjoni ma tippermettix li jsir paragun ma’ ħaddiema oħra għal terminu fiss. Barra minn hekk, il-Klawżola 2(2) tal-Anness ta’ dik id-Direttiva tippermetti lill-Istati Membri jeskludu ċerti tipi ta’ ħaddiema mill-kamp ta’ applikazzjoni tagħha, inklużi relazzjonijiet inizjali ta’ taħriġ vokazzjonali u skemi ta’ apprendistat jew kuntratti ta’ impjieg u relazzjonijiet li ġew konklużi fi ħdan il-qafas ta’ programm speċifiku pubbliku jew appoġġat pubblikament ta’ taħriġ, integrazzjoni u taħriġ mill-ġdid vokazzjonali. Hija tonqos ukoll milli tirrikonoxxi l-pożizzjoni partikolarment vulnerabbli li jinsabu fiha t-trainees. Għalhekk huwa meħtieġ li jiġi ggarantit li l-prinċipju ta’ trattament ugwali meta mqabbel mal-impjegati regolari japplika għat-trainees kollha. ***Jenħtieġ li l-fornituri tat-traineeships jinfurmaw lit-trainees dwar postijiet vakanti li jsiru disponibbli fl-organizzazzjoni tagħhom sabiex jiġi żgurat li jkollhom l-istess opportunità li jiksbu pożizzjonijiet permanenti wara li jtemmu t-traineeship tagħhom.***

Or. en

Emenda 228
Isabelle Le Callennec

Proposta għal direttiva
Premessa 21

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(21) Huwa għalhekk meħtieġ li jiġi stabbilit il-prinċipju tan-nondiskriminazzjoni għat-trainees li jenħtieġ li japplika flimkien mal-Klawżola 4 tal-Anness tad-Direttiva tal-Kunsill 1999/70/KE tat-28 ta’ Ġunju 1999 dwar il-ftehim qafas dwar xogħol għal żmien fiss	(21) Huwa għalhekk meħtieġ li jiġi stabbilit il-prinċipju tan-nondiskriminazzjoni għat-trainees ***fis-suq tax-xogħol miftuħ*** li jenħtieġ li japplika flimkien mal-Klawżola 4 tal-Anness tad-Direttiva tal-Kunsill 1999/70/KE tat-28 ta’ Ġunju 1999 dwar il-ftehim qafas dwar

konkluż mill-ETUC, mill-UNICE u miċ-CEEP, li tipprevedi li fir-rigward tal-kundizzjonijiet tal-impjieg, il-ħaddiema għal terminu fiss ma għandhomx jiġu ttrattati b'mod inqas favorevoli minn ħaddiema permanenti komparabbli biss minħabba li għandhom kuntratt jew relazzjoni għal terminu fiss sakemm trattament differenti ma jkunx ġustifikat fuq bażi oġġettiva. It-trainees li għandhom relazzjoni ta' impjieg huma skont id-definizzjoni "ħaddiema għal terminu fiss" skont it-tifsira ta' dik id-Direttiva. Madankollu, il-klawżola tagħha dwar il-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni ma tippermettix li jsir paragun ma' ħaddiema oħra għal terminu fiss. Barra minn hekk, il-Klawżola 2(2) tal-Anness ta' dik id-Direttiva tippermetti lill-Istati Membri jeskludu ċerti tipi ta' ħaddiema mill-kamp ta' applikazzjoni tagħha, inklużi relazzjonijiet inizjali ta' taħriġ vokazzjonali u skemi ta' apprendistat jew kuntratti ta' impjieg u relazzjonijiet li ġew konklużi fi ħdan il-qafas ta' programm speċifiku pubbliku jew appoġġat pubblikament ta' taħriġ, integrazzjoni u taħriġ mill-ġdid vokazzjonali. Hija tonqos ukoll milli tirrikonoxxi l-pożizzjoni partikolarment vulnerabbli li jinsabu fiha t-trainees. Għalhekk huwa meħtieġ li jiġi ggarantit li l-prinċipju ta' trattament ugwali meta mqabbel mal-impjegati regolari japplika għat-trainees kollha li għandhom relazzjoni ta' impjieg.

xogħol għal żmien fiss konkluż mill-ETUC, mill-UNICE u miċ-CEEP, li tipprevedi li fir-rigward tal-kundizzjonijiet tal-impjieg, il-ħaddiema għal terminu fiss ma għandhomx jiġu ttrattati b'mod inqas favorevoli minn ħaddiema permanenti komparabbli biss minħabba li għandhom kuntratt jew relazzjoni għal terminu fiss sakemm trattament differenti ma jkunx ġustifikat fuq bażi oġġettiva. It-trainees li għandhom relazzjoni ta' impjieg huma skont id-definizzjoni "ħaddiema għal terminu fiss" skont it-tifsira ta' dik id-Direttiva. Madankollu, il-klawżola tagħha dwar il-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni ma tippermettix li jsir paragun ma' ħaddiema oħra għal terminu fiss. Barra minn hekk, il-Klawżola 2(2) tal-Anness ta' dik id-Direttiva tippermetti lill-Istati Membri jeskludu ċerti tipi ta' ħaddiema mill-kamp ta' applikazzjoni tagħha, inklużi relazzjonijiet inizjali ta' taħriġ vokazzjonali u skemi ta' apprendistat jew kuntratti ta' impjieg u relazzjonijiet li ġew konklużi fi ħdan il-qafas ta' programm speċifiku pubbliku jew appoġġat pubblikament ta' taħriġ, integrazzjoni u taħriġ mill-ġdid vokazzjonali. Hija tonqos ukoll milli tirrikonoxxi l-pożizzjoni partikolarment vulnerabbli li jinsabu fiha t-trainees ***fis-suq tax-xogħol miftuħ***. Għalhekk huwa meħtieġ li jiġi ggarantit li l-prinċipju ta' trattament ugwali meta mqabbel mal-impjegati regolari japplika għat-trainees kollha li għandhom relazzjoni ta' impjieg.

Or. fr

Emenda 229
Benedetta Scuderi
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal direttiva
Premessa 21

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(21) Huwa għalhekk meħtieġ li jiġi stabbilit il-prinċipju tan-nondiskriminazzjoni għat-trainees li jenħtieġ li japplika flimkien mal-Klawżola 4 tal-Anness tad-Direttiva tal-Kunsill 1999/70/KE tat-28 ta' Ġunju 1999 dwar il-ftehim qafas dwar xogħol għal żmien fiss konkluż mill-ETUC, mill-UNICE u miċ-CEEP, li tipprevedi li fir-rigward tal-kundizzjonijiet tal-impjieg, il-ħaddiema għal terminu fiss ma għandhomx jiġu ttrattati b'mod inqas favorevoli minn ħaddiema permanenti komparabbli biss minħabba li għandhom kuntratt jew relazzjoni għal terminu fiss sakemm trattament differenti ma jkunx ġustifikat fuq bażi oġġettiva. It-trainees ***li*** għandhom relazzjoni ta' impjieg huma skont id-definizzjoni "ħaddiema għal terminu fiss" skont it-tifsira ta' dik id-Direttiva. Madankollu, il-klawżola tagħha dwar il-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni ma tippermettix li jsir paragun ma' ħaddiema oħra għal terminu fiss. Barra minn hekk, il-Klawżola 2(2) tal-Anness ta' dik id-Direttiva tippermetti lill-Istati Membri jeskludu ċerti tipi ta' ħaddiema mill-kamp ta' applikazzjoni tagħha, inklużi relazzjonijiet inizjali ta' taħriġ vokazzjonali u skemi ta' apprendistat jew kuntratti ta' impjieg u relazzjonijiet li ġew konklużi fi ħdan il-qafas ta' programm speċifiku pubbliku jew appoġġat pubblikament ta' taħriġ, integrazzjoni u taħriġ mill-ġdid vokazzjonali. Hija tonqos ukoll milli tirrikonoxxi l-pożizzjoni partikolarment vulnerabbli li jinsabu fiha t-trainees. Għalhekk huwa meħtieġ li jiġi ggarantit li l-prinċipju ta' trattament ugwali meta mqabbel mal-impjegati regolari japplika għat-trainees kollha ***li għandhom relazzjoni ta' impjieg***.	(21) Huwa għalhekk meħtieġ li jiġi stabbilit il-prinċipju tan-nondiskriminazzjoni għat-trainees li jenħtieġ li japplika flimkien mal-Klawżola 4 tal-Anness tad-Direttiva tal-Kunsill 1999/70/KE tat-28 ta' Ġunju 1999 dwar il-ftehim qafas dwar xogħol għal żmien fiss konkluż mill-ETUC, mill-UNICE u miċ-CEEP, li tipprevedi li fir-rigward tal-kundizzjonijiet tal-impjieg, il-ħaddiema għal terminu fiss ma għandhomx jiġu ttrattati b'mod inqas favorevoli minn ħaddiema permanenti komparabbli biss minħabba li għandhom kuntratt jew relazzjoni għal terminu fiss sakemm trattament differenti ma jkunx ġustifikat fuq bażi oġġettiva. It-trainees***, kif definiti f'din id-Direttiva,*** għandhom relazzjoni ta' impjieg ***mal-fornitur tat-traineeship tagħhom u*** huma skont id-definizzjoni "ħaddiema għal terminu fiss" skont it-tifsira ta' dik id-Direttiva. Madankollu, il-klawżola tagħha dwar il-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni ma tippermettix li jsir paragun ma' ħaddiema oħra għal terminu fiss. Barra minn hekk, il-Klawżola 2(2) tal-Anness ta' dik id-Direttiva tippermetti lill-Istati Membri jeskludu ċerti tipi ta' ħaddiema mill-kamp ta' applikazzjoni tagħha, inklużi relazzjonijiet inizjali ta' taħriġ vokazzjonali u skemi ta' apprendistat jew kuntratti ta' impjieg u relazzjonijiet li ġew konklużi fi ħdan il-qafas ta' programm speċifiku pubbliku jew appoġġat pubblikament ta' taħriġ, integrazzjoni u taħriġ mill-ġdid vokazzjonali. Hija tonqos ukoll milli tirrikonoxxi l-pożizzjoni partikolarment vulnerabbli li jinsabu fiha t-trainees. Għalhekk huwa meħtieġ li jiġi ggarantit li l-prinċipju ta' trattament ugwali meta mqabbel mal-impjegati regolari japplika għat-trainees kollha.

Or. en

Emenda 230
Mélanie Disdier, Rachel Blom, Pál Szekeres, Marie Dauchy, Séverine Werbrouck

Proposta għal direttiva
Premessa 22

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(22) L-Istati Membri għandhom għalhekk jiżguraw li, fir-rigward tal-kundizzjonijiet tax-xogħol inkluż il-paga, it-trainees ma jiġux ittrattati b'mod inqas favorevoli minn impjegati regolari komparabbli fl-istess stabbiliment, sakemm trattament differenti ma jkunx ġustifikat fuq bażi oġġettiva. Is-sempliċi fatt li wieħed ikun trainee ma jistax jikkostitwixxi raġuni għal trattament inqas favorevoli meta mqabbel mal-impjegati regolari fl-istess stabbiliment. Fl-istess ħin, kompiti differenti, responsabbiltajiet aktar baxxi jew intensità tax-xogħol meta mqabbla ma' impjegati regolari komparabbli jistgħu jikkostitwixxu raġunijiet oġġettivi għal trattament differenti, fejn rilevanti, fir-rigward tal-kundizzjoni tal-impjieg inkwistjoni. Madankollu, il-firxa ta' trattament differenti jenħtieġ li tkun proporzjonata għal dawk ir-raġunijiet.	***imħassar***

Or. fr

Emenda 231
Andrea Wechsler

Proposta għal direttiva
Premessa 22

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(22) L-Istati Membri għandhom għalhekk jiżguraw li, fir-rigward tal-kundizzjonijiet tax-xogħol inkluż il-paga, it-trainees ma jiġux ittrattati b'mod inqas	***imħassar***

favorevoli minn impjegati regolari komparabbli fl-istess stabbiliment, sakemm trattament differenti ma jkunx ġustifikat fuq bażi oġġettiva. Is-sempliċi fatt li wieħed ikun trainee ma jistax jikkostitwixxi raġuni għal trattament inqas favorevoli meta mqabbel mal-impjegati regolari fl-istess stabbiliment. Fl-istess ħin, kompiti differenti, responsabbiltajiet aktar baxxi jew intensità tax-xogħol meta mqabbla ma' impjegati regolari komparabbli jistgħu jikkostitwixxu raġunijiet oġġettivi għal trattament differenti, fejn rilevanti, fir-rigward tal-kundizzjoni tal-impjieg inkwistjoni. Madankollu, il-firxa ta' trattament differenti jenħtieġ li tkun proporzjonata għal dawk ir-raġunijiet.

Or. en

Emenda 232
Benedetta Scuderi
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal direttiva
Premessa 22

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(22) L-Istati Membri għandhom għalhekk jiżguraw li, fir-rigward tal-kundizzjonijiet tax-xogħol inkluż il-paga, it-trainees ma jiġux ittrattati b'mod inqas favorevoli minn impjegati ***regolari komparabbli*** fl-istess stabbiliment***, sakemm trattament differenti ma jkunx ġustifikat fuq bażi oġġettiva***. Is-sempliċi fatt li wieħed ikun trainee ma jistax jikkostitwixxi raġuni għal trattament inqas favorevoli meta mqabbel mal-impjegati ***regolari*** fl-istess stabbiliment. ***Fl-istess ħin, kompiti differenti, responsabbiltajiet aktar baxxi jew intensità tax-xogħol meta mqabbla ma' impjegati regolari komparabbli jistgħu jikkostitwixxu raġunijiet oġġettivi għal trattament***	(22) L-Istati Membri għandhom għalhekk jiżguraw li, fir-rigward tal-kundizzjonijiet tax-xogħol inkluż il-paga, it-trainees ma jiġux ittrattati b'mod inqas favorevoli minn impjegati ***oħrajn*** fl-istess stabbiliment. Is-sempliċi fatt li wieħed ikun trainee ma jistax jikkostitwixxi raġuni għal trattament inqas favorevoli meta mqabbel mal-impjegati ***l-oħrajn*** fl-istess stabbiliment.

differenti, fejn rilevanti, fir-rigward tal-kundizzjoni tal-impjieg inkwistjoni. Madankollu, il-firxa ta' trattament differenti jenħtieġ li tkun proporzjonata għal dawk ir-raġunijiet.

Or. en

Emenda 233
Isabelle Le Callennec

Proposta għal direttiva
Premessa 22

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(22) L-Istati Membri għandhom għalhekk jiżguraw li, fir-rigward tal-kundizzjonijiet tax-xogħol inkluż ***il-paga***, it-trainees ma jiġux ittrattati b'mod inqas favorevoli minn impjegati regolari komparabbli fl-istess stabbiliment, sakemm trattament differenti ma jkunx ġustifikat fuq bażi oġġettiva. Is-sempliċi fatt li wieħed ikun trainee ma jistax jikkostitwixxi raġuni għal trattament inqas favorevoli meta mqabbel mal-impjegati regolari fl-istess stabbiliment. Fl-istess ħin, kompiti differenti, responsabbiltajiet aktar baxxi jew intensità tax-xogħol meta mqabbla ma' impjegati regolari komparabbli jistgħu jikkostitwixxu raġunijiet oġġettivi għal trattament differenti, fejn rilevanti, fir-rigward tal-kundizzjoni tal-impjieg inkwistjoni. Madankollu, il-firxa ta' trattament differenti jenħtieġ li tkun proporzjonata għal dawk ir-raġunijiet.	(22) L-Istati Membri għandhom għalhekk jiżguraw li, fir-rigward tal-kundizzjonijiet tax-xogħol inkluż ***il-kumpens***, it-trainees ***fis-suq tax-xogħol miftuħ*** ma jiġux ittrattati b'mod inqas favorevoli minn impjegati regolari komparabbli fl-istess stabbiliment, sakemm trattament differenti ma jkunx ġustifikat fuq bażi oġġettiva. Is-sempliċi fatt li wieħed ikun trainee ***fis-suq tax-xogħol miftuħ*** ma jistax jikkostitwixxi raġuni għal trattament inqas favorevoli meta mqabbel mal-impjegati regolari fl-istess stabbiliment. Fl-istess ħin, kompiti differenti, responsabbiltajiet aktar baxxi jew intensità tax-xogħol meta mqabbla ma' impjegati regolari komparabbli jistgħu jikkostitwixxu raġunijiet oġġettivi għal trattament differenti, fejn rilevanti, fir-rigward tal-kundizzjoni tal-impjieg inkwistjoni. Madankollu, il-firxa ta' trattament differenti jenħtieġ li tkun proporzjonata għal dawk ir-raġunijiet.

Or. fr

Emenda 234
Angelika Winzig

Proposta għal direttiva
Premessa 22

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(22) L-Istati Membri għandhom għalhekk jiżguraw li, fir-rigward tal-kundizzjonijiet tax-xogħol inkluż ***il-paga***, it-trainees ma jiġux ittrattati b'mod inqas favorevoli minn impjegati regolari komparabbli fl-istess stabbiliment, sakemm trattament differenti ma jkunx ġustifikat fuq bażi oġġettiva. Is-sempliċi fatt li wieħed ikun trainee ma jistax jikkostitwixxi raġuni għal trattament inqas favorevoli meta mqabbel mal-impjegati regolari fl-istess stabbiliment. Fl-istess ħin, kompiti differenti, responsabbiltajiet aktar baxxi jew intensità tax-xogħol meta mqabbla ma' impjegati regolari komparabbli jistgħu jikkostitwixxu raġunijiet oġġettivi għal trattament differenti, fejn rilevanti, fir-rigward tal-kundizzjoni tal-impjieg inkwistjoni. Madankollu, il-firxa ta' trattament differenti jenħtieġ li tkun proporzjonata għal dawk ir-raġunijiet.	(22) L-Istati Membri għandhom għalhekk jiżguraw li, fir-rigward tal-kundizzjonijiet tax-xogħol inkluż ***il-kumpens***, it-trainees ma jiġux ittrattati b'mod inqas favorevoli minn impjegati regolari komparabbli fl-istess stabbiliment, sakemm trattament differenti ma jkunx ġustifikat fuq bażi oġġettiva. Is-sempliċi fatt li wieħed ikun trainee ma jistax jikkostitwixxi raġuni għal trattament inqas favorevoli meta mqabbel mal-impjegati regolari fl-istess stabbiliment. Fl-istess ħin, kompiti differenti, responsabbiltajiet aktar baxxi***, livell aktar baxx ta' esperjenza*** jew intensità tax-xogħol meta mqabbla ma' impjegati regolari komparabbli jistgħu jikkostitwixxu raġunijiet oġġettivi għal trattament differenti, fejn rilevanti, fir-rigward tal-kundizzjoni tal-impjieg inkwistjoni. Madankollu, il-firxa ta' trattament differenti jenħtieġ li tkun proporzjonata għal dawk ir-raġunijiet.

Or. en

Emenda 235
Arba Kokalari

Proposta għal direttiva
Premessa 22

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(22) L-Istati Membri għandhom għalhekk jiżguraw li, fir-rigward tal-kundizzjonijiet tax-xogħol inkluż il-paga, it-trainees ma jiġux ittrattati b'mod inqas favorevoli minn impjegati regolari komparabbli fl-istess stabbiliment, sakemm trattament differenti ma jkunx ġustifikat fuq bażi oġġettiva. Is-sempliċi fatt li wieħed ikun trainee ma jistax	(22) L-Istati Membri għandhom għalhekk jiżguraw li, fir-rigward tal-kundizzjonijiet tax-xogħol***,*** inkluż il-paga, it-trainees ma jiġux ittrattati b'mod inqas favorevoli minn impjegati regolari komparabbli fl-istess stabbiliment, sakemm trattament differenti ma jkunx ġustifikat fuq bażi oġġettiva***. Madankollu, jenħtieġ li l-Istati Membri jagħmlu dan***

jikkostitwixxi raġuni għal trattament inqas favorevoli meta mqabbel mal-impjegati regolari fl-istess stabbiliment. Fl-istess ħin, kompiti differenti, responsabbiltajiet aktar baxxi jew intensità tax-xogħol meta mqabbla ma' impjegati regolari komparabbli jistgħu jikkostitwixxu raġunijiet oġġettivi għal trattament differenti, fejn rilevanti, fir-rigward ***tal-kundizzjoni*** tal-impjieg inkwistjoni. Madankollu, il-firxa ta' trattament differenti jenħtieġ li tkun proporzjonata għal dawk ir-raġunijiet.

f'konsultazzjoni mas-sħab soċjali u b'mod li jirrispetta l-mudelli tas-suq tax-xogħol nazzjonali. Is-sempliċi fatt li wieħed ikun trainee ma jistax jikkostitwixxi raġuni għal trattament inqas favorevoli meta mqabbel mal-impjegati regolari fl-istess stabbiliment. Fl-istess ħin, kompiti differenti, responsabbiltajiet aktar baxxi jew intensità tax-xogħol meta mqabbla ma' impjegati regolari komparabbli jistgħu jikkostitwixxu raġunijiet oġġettivi għal trattament differenti, fejn rilevanti, fir-rigward ***tal-kundizzjonijiet*** tal-impjieg inkwistjoni. Madankollu, il-firxa ta' trattament differenti jenħtieġ li tkun proporzjonata għal dawk ir-raġunijiet***, filwaqt li jitqiesu l-ispeċifiċitajiet tas-sistema tas-suq tax-xogħol ta' kull Stat Membru u l-oqfsa ta' negozjar kollettiv***.

Or. en

Emenda 236
Chiara Gemma, Georgiana Teodorescu, Francesco Torselli, Mariateresa Vivaldini, Elena Donazzan

Proposta għal direttiva
Premessa 22

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(22) L-Istati Membri għandhom għalhekk jiżguraw li, fir-rigward tal-kundizzjonijiet tax-xogħol inkluż il-paga, it-trainees ma jiġux ittrattati b'mod inqas favorevoli minn impjegati regolari komparabbli fl-istess stabbiliment, sakemm trattament differenti ma jkunx ġustifikat fuq bażi oġġettiva. Is-sempliċi fatt li wieħed ikun trainee ma jistax jikkostitwixxi raġuni għal trattament inqas favorevoli meta mqabbel mal-impjegati regolari fl-istess stabbiliment. Fl-istess ħin, kompiti differenti, responsabbiltajiet aktar baxxi jew intensità tax-xogħol meta mqabbla ma' impjegati regolari komparabbli jistgħu jikkostitwixxu	(22) L-Istati Membri għandhom għalhekk jiżguraw li, fir-rigward tal-kundizzjonijiet tax-xogħol inkluż il-paga, it-trainees ma jiġux ittrattati b'mod inqas favorevoli minn impjegati regolari komparabbli fl-istess stabbiliment, sakemm trattament differenti ma jkunx ġustifikat fuq bażi oġġettiva. Is-sempliċi fatt li wieħed ikun trainee ma jistax jikkostitwixxi raġuni għal trattament inqas favorevoli meta mqabbel mal-impjegati regolari fl-istess stabbiliment. Fl-istess ħin, kompiti differenti, responsabbiltajiet aktar baxxi***, l-objettiv edukattiv tat-traineeship*** jew intensità tax-xogħol meta mqabbla ma' impjegati regolari komparabbli jistgħu

raġunijiet oġġettivi għal trattament differenti, fejn rilevanti, fir-rigward tal-kundizzjoni tal-impjieg inkwistjoni. Madankollu, il-firxa ta' trattament differenti jenħtieġ li tkun proporzjonata għal dawk ir-raġunijiet.

jikkostitwixxu raġunijiet oġġettivi għal trattament differenti, fejn rilevanti, fir-rigward tal-kundizzjoni tal-impjieg inkwistjoni. Madankollu, il-firxa ta' trattament differenti jenħtieġ li tkun proporzjonata għal dawk ir-raġunijiet.

Or. en

Emenda 237
David Casa

Proposta għal direttiva
Premessa 22

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(22) L-Istati Membri għandhom għalhekk jiżguraw li, fir-rigward tal-kundizzjonijiet tax-xogħol inkluż il-paga, it-trainees ma jiġux ittrattati b'mod inqas favorevoli minn impjegati regolari komparabbli fl-istess stabbiliment, sakemm trattament differenti ma jkunx ġustifikat fuq bażi oġġettiva. Is-sempliċi fatt li wieħed ikun trainee ma jistax jikkostitwixxi raġuni għal trattament inqas favorevoli meta mqabbel mal-impjegati regolari fl-istess stabbiliment. Fl-istess ħin, kompiti differenti, responsabbiltajiet aktar baxxi jew intensità tax-xogħol meta mqabbla ma' impjegati regolari komparabbli jistgħu jikkostitwixxu raġunijiet oġġettivi għal trattament differenti, fejn rilevanti, fir-rigward tal-kundizzjoni tal-impjieg inkwistjoni. Madankollu, il-firxa ta' trattament differenti jenħtieġ li tkun proporzjonata għal dawk ir-raġunijiet.	(22) L-Istati Membri għandhom għalhekk jiżguraw li, fir-rigward tal-kundizzjonijiet tax-xogħol inkluż il-paga ***jew kumpens***, it-trainees ma jiġux ittrattati b'mod inqas favorevoli minn impjegati regolari komparabbli fl-istess stabbiliment, sakemm trattament differenti ma jkunx ġustifikat fuq bażi oġġettiva. Is-sempliċi fatt li wieħed ikun trainee ma jistax jikkostitwixxi raġuni għal trattament inqas favorevoli meta mqabbel mal-impjegati regolari fl-istess stabbiliment. Fl-istess ħin, kompiti differenti, responsabbiltajiet aktar baxxi jew intensità tax-xogħol meta mqabbla ma' impjegati regolari komparabbli jistgħu jikkostitwixxu raġunijiet oġġettivi għal trattament differenti, fejn rilevanti, fir-rigward tal-kundizzjoni tal-impjieg inkwistjoni. Madankollu, il-firxa ta' trattament differenti jenħtieġ li tkun proporzjonata għal dawk ir-raġunijiet.

Or. en

Emenda 238
Mélanie Disdier, Rachel Blom, Pál Szekeres, Marie Dauchy, Séverine Werbrouck

Proposta għal direttiva
Premessa 23

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(23) L-applikazzjoni tal-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni teħtieġ l-identifikazzjoni ta' impjegat regolari komparabbli involut fl-istess tip ta' xogħol jew okkupazzjoni jew simili għat-trainee, b'kunsiderazzjoni xierqa għall-kwalifiki u l-ħiliet.	***imħassar***

Or. fr

Ġustifikazzjoni

Wieħed mill-prinċipji bażiċi għall-applikazzjoni tal-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni huwa li jkollok żewġ persuni f'sitwazzjoni legali simili, li ma jistax ikun il-każ bejn trainee u ħaddiem regolari.

Emenda 239
Andrea Wechsler

Proposta għal direttiva
Premessa 23

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(23) L-applikazzjoni tal-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni teħtieġ l-identifikazzjoni ta' impjegat regolari komparabbli involut fl-istess tip ta' xogħol jew okkupazzjoni jew simili għat-trainee, b'kunsiderazzjoni xierqa għall-kwalifiki u l-ħiliet.	***imħassar***

Or. en

Emenda 240
Jagna Marczułajtis-Walczak

Proposta għal direttiva
Premessa 23

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(23) L-applikazzjoni tal-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni teħtieġ l-identifikazzjoni ta' impjegat regolari komparabbli involut fl-istess tip ta' xogħol jew okkupazzjoni jew simili għat-trainee, b'kunsiderazzjoni xierqa għall-kwalifiki u l-ħiliet.	***imħassar***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Din il-klawżola tista' twassal għal piżijiet eċċessivi għall-impjegaturi, li mbagħad jistgħu jiskoraġġuhom milli jingaġġaw interns.

Emenda 241
Benedetta Scuderi
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal direttiva
Premessa 23

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(23) L-applikazzjoni tal-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni teħtieġ l-identifikazzjoni ta' impjegat ***regolari*** komparabbli involut fl-istess tip ta' xogħol jew okkupazzjoni jew simili għat-trainee, b'kunsiderazzjoni xierqa għall-kwalifiki u l-ħiliet.	(23) L-applikazzjoni tal-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni teħtieġ l-identifikazzjoni ta' impjegat komparabbli involut fl-istess tip ta' xogħol jew okkupazzjoni jew simili għat-trainee, b'kunsiderazzjoni xierqa għall-kwalifiki u l-ħiliet.

Or. en

Emenda 242
Isabelle Le Callennec

Proposta għal direttiva
Premessa 23

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(23) L-applikazzjoni tal-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni teħtieġ l-identifikazzjoni ta' impjegat regolari komparabbli involut fl-istess tip ta' xogħol jew okkupazzjoni jew simili għat-trainee, b'kunsiderazzjoni xierqa għall-kwalifiki u l-ħiliet.	(23) L-applikazzjoni tal-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni teħtieġ l-identifikazzjoni ta' impjegat regolari komparabbli involut fl-istess tip ta' xogħol jew okkupazzjoni jew simili għat-trainee ***fis-suq tax-xogħol miftuħ***, b'kunsiderazzjoni xierqa għall-kwalifiki u l-ħiliet.

Or. fr

Emenda 243
Angelika Winzig

Proposta għal direttiva
Premessa 23

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(23) L-applikazzjoni tal-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni teħtieġ l-identifikazzjoni ta' impjegat regolari komparabbli involut fl-istess tip ta' xogħol jew okkupazzjoni jew simili għat-trainee, b'kunsiderazzjoni xierqa għall-kwalifiki u l-ħiliet.	(23) L-applikazzjoni tal-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni teħtieġ l-identifikazzjoni ta' impjegat regolari komparabbli involut fl-istess tip ta' xogħol jew okkupazzjoni jew simili għat-trainee, b'kunsiderazzjoni xierqa għall-kwalifiki***, l-esperjenza*** u l-ħiliet.

Or. en

Emenda 244
Jagna Marczułajtis-Walczak

Proposta għal direttiva
Premessa 23a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(23a) L-UE u l-Istati Membri kollha ffirmaw u rratifikaw il-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità, li fl-Artikolu 27 tirrikjedi li l-istati partijiet "jissapportjaw lil persuni

b'diżabilità biex ikollhom aċċess effettiv għal programmi ġenerali ta' gwida teknika u vokazzjonali, aġenziji tal-impjiegi u taħriġ vokazzjonali kontinwu" u li "jippromwovu l-akkwist minn persuni b'diżabilità ta' esperjenza fis-suq tax-xogħol miftuħ". Billi ħafna persuni b'diżabilità fl-UE ma jitħallewx jipparteċipaw fi traineeships minħabba li t-tul tal-kollokamenti tax-xogħol, flimkien man-nuqqas ta' sussidji mill-istat għall-appoġġ tal-persuni b'diżabilità fit-traineeships, jistgħu joħolqu diżinċentiv finanzjarju għall-impjegaturi biex jingaġġaw trainees b'diżabilità. U billi ż-żgħażagħ b'diżabilità nfushom jirriskjaw li jitilfu l-benefiċċju tad-diżabilità u l-aċċess għal ċerti servizzi ladarba jibdew it-traineeship, li diffiċilment jistgħu jiġu rkuprati meta jintemm it-traineeship.

Or. en

Emenda 245
Jagna Marczułajtis-Walczak

Proposta għal direttiva
Premessa 23b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(23b) Fid-dawl tax-xejriet avvanzati fl-awtomatizzazzjoni, fid-diġitalizzazzjoni, u fl-iżvilupp ta' teknoloġiji ġodda, inkluża l-intelliġenza artifiċjali, huwa essenzjali li tiġi żgurata protezzjoni adegwata u aċċess ugwali għal internships ta' kwalità għolja għall-persuni b'diżabilità.

Or. en

Emenda 246
Miriam Lexmann

Proposta għal direttiva
Premessa 24

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(24) L-Istati Membri jenħtieġ li jkollhom fis-seħħ miżuri xierqa biex jiġġieldu ***r-relazzjonijiet*** ta' impjieg regolari li taparsi jkunu traineeships ***bl-effett li jingħataw livelli aktar baxxi ta' protezzjoni, inklużi kundizzjonijiet tax-xogħol u paga, minn dawk li l-ħaddiem ikkonċernat ikun intitolat għalihom skont il-liġi, il-ftehimiet kollettivi jew il-prattika tal-Unjoni jew nazzjonali***.	(24) L-Istati Membri jenħtieġ li jkollhom fis-seħħ miżuri xierqa biex jiġġieldu ***l-prattiki ta' sfruttament fit-traineeships, prinċipalment ir-relazzjonijiet foloz*** ta' impjieg regolari li taparsi jkunu traineeships.

Or. en

Emenda 247
Andrea Wechsler

Proposta għal direttiva
Premessa 24

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(24) L-Istati Membri jenħtieġ li jkollhom fis-seħħ miżuri xierqa biex jiġġieldu r-relazzjonijiet ta' impjieg regolari li taparsi jkunu traineeships bl-effett li jingħataw livelli aktar baxxi ta' protezzjoni***, inklużi kundizzjonijiet tax-xogħol u paga,*** minn dawk li l-ħaddiem ikkonċernat ikun intitolat għalihom skont il-liġi, il-ftehimiet kollettivi jew il-prattika tal-Unjoni jew nazzjonali.	(24) L-Istati Membri jenħtieġ li jkollhom fis-seħħ miżuri xierqa biex jiġġieldu r-relazzjonijiet ta' impjieg regolari li taparsi jkunu traineeships bl-effett li jingħataw livelli aktar baxxi ta' protezzjoni minn dawk li l-ħaddiem ikkonċernat ikun intitolat għalihom skont il-liġi, il-ftehimiet kollettivi jew il-prattika tal-Unjoni jew nazzjonali.

Or. en

Emenda 248
Isabelle Le Callennec

Proposta għal direttiva
Premessa 24

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(24) L-Istati Membri jenħtieġ li jkollhom fis-seħħ miżuri xierqa biex jiġġieldu r-relazzjonijiet ta' impjieg regolari li taparsi jkunu traineeships bl-effett li jingħataw livelli aktar baxxi ta' protezzjoni, inklużi kundizzjonijiet tax-xogħol u ***paga***, minn dawk li l-ħaddiem ikkonċernat ikun intitolat għalihom skont il-liġi, il-ftehimiet kollettivi jew il-prattika tal-Unjoni jew nazzjonali.	(24) L-Istati Membri jenħtieġ li jkollhom fis-seħħ miżuri xierqa biex jiġġieldu r-relazzjonijiet ta' impjieg regolari li taparsi jkunu traineeships bl-effett li jingħataw livelli aktar baxxi ta' protezzjoni, inklużi kundizzjonijiet tax-xogħol u ***kumpens***, minn dawk li l-ħaddiem ikkonċernat ikun intitolat għalihom skont il-liġi, il-ftehimiet kollettivi jew il-prattika tal-Unjoni jew nazzjonali.

Or. fr

Emenda 249
Benedetta Scuderi
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal direttiva
Premessa 24

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(24) L-Istati Membri jenħtieġ li jkollhom fis-seħħ miżuri xierqa biex jiġġieldu ***r-relazzjonijiet ta' impjieg regolari*** li taparsi jkunu traineeships bl-effett li jingħataw livelli aktar baxxi ta' protezzjoni, inklużi kundizzjonijiet tax-xogħol u paga, minn dawk li l-ħaddiem ikkonċernat ikun intitolat għalihom skont il-liġi, il-ftehimiet kollettivi jew il-prattika tal-Unjoni jew nazzjonali.	(24) L-Istati Membri jenħtieġ li jkollhom fis-seħħ miżuri xierqa biex jiġġieldu ***t-traineeships frawdolenti*** li taparsi jkunu traineeships bl-effett li jingħataw livelli aktar baxxi ta' protezzjoni, inklużi kundizzjonijiet tax-xogħol u paga, minn dawk li l-ħaddiem ikkonċernat ikun intitolat għalihom skont il-liġi, il-ftehimiet kollettivi jew il-prattika tal-Unjoni jew nazzjonali.

Or. en

Emenda 250
Irena Joveva, Martin Hojsík, Jana Toom, Brigitte van den Berg

Proposta għal direttiva
Premessa 24

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(24) L-Istati Membri jenħtieġ li jkollhom fis-seħħ miżuri xierqa biex jiġġieldu r-relazzjonijiet ta' impjieg regolari li taparsi jkunu traineeships bl-effett li jingħataw livelli aktar baxxi ta' protezzjoni, inklużi kundizzjonijiet tax-xogħol u paga, minn dawk li l-ħaddiem ikkonċernat ikun intitolat għalihom skont il-liġi, il-ftehimiet kollettivi jew il-prattika tal-Unjoni jew nazzjonali.	(24) L-Istati Membri jenħtieġ li jkollhom fis-seħħ miżuri ***korrettivi u ta' infurzar*** xierqa biex jiġġieldu r-relazzjonijiet ta' impjieg regolari li taparsi jkunu traineeships bl-effett li ***jiġu ssostitwiti l-karigi ta' impjegati regolari u*** jingħataw livelli aktar baxxi ta' protezzjoni, inklużi kundizzjonijiet tax-xogħol u paga, minn dawk li l-ħaddiem ikkonċernat ikun intitolat għalihom skont il-liġi, il-ftehimiet kollettivi jew il-prattika tal-Unjoni jew nazzjonali.

Or. en

Emenda 251
Irena Joveva, Martin Hojsík, Jana Toom, Brigitte van den Berg

Proposta għal direttiva
Premessa 24a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(24a) Jenħtieġ li l-Istati Membri jħeġġu lir-rappreżentanti tal-ħaddiema u lil entitajiet legali rilevanti oħrajn biex jallokaw persuna apposta fi ħdan organizzazzjonijiet bħal dawn, biex isservi bħala l-ewwel punt ta' kuntatt għat-trainees li jfittxu pariri dwar ir-rimedji u l-appoġġi disponibbli f'każijiet ta' suspett ta' prattika ħażina, kundizzjonijiet tax-xogħol ħżiena, ksur tad-drittijiet tagħhom jew prattiki abbużivi. Bħala tali, dawn jistgħu jipprovdu sorveljanza addizzjonali u jkollhom rwol importanti fl-infurzar u l-monitoraġġ ta' din id-Direttiva.

Or. en

Emenda 252
Benedetta Scuderi

Proposta għal direttiva
Premessa 24a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(24a) Jenħtieġ li l-Istati Membri jiddefinixxu livell adegwat ta' paga li jiżgura standard ta' għajxien deċenti għat-trainee u li jqis l-ispejjeż tal-ħajja u l-impatt finanzjarju tal-inflazzjoni fuqu sabiex jiġi evitat aċċess mhux ugwali għal opportunitajiet ta' traineeship għaż-żgħażagħ. Fil-prinċipju, jenħtieġ li l-paga li tingħata lit-trainees ma tkunx inqas mill-paga minima u/jew mill-ftehimiet kollettivi fejn rilevanti.

Or. en

Emenda 253
Isabelle Le Callennec

Proposta għal direttiva
Premessa 25

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(25) Huwa meħtieġ li jiġu żgurati kontrolli u spezzjonijiet effettivi mwettqa mill-awtoritajiet kompetenti peress li huma essenzjali biex jiġu protetti d-drittijiet tat-trainees u biex jiġu miġġielda r-relazzjonijiet ta' impjieg regolari li taparsi jkunu traineeships. Jenħtieġ li dawn ikunu mmirati biex tiġi evitata s-sostituzzjoni ta' impjieg regolari bi traineeships moħbija u biex jiġu protetti d-drittijiet tal-ħaddiema.	***imħassar***

Or. fr

Emenda 254
Andrea Wechsler

Proposta għal direttiva
Premessa 25

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(25) Huwa meħtieġ li jiġu żgurati kontrolli u spezzjonijiet effettivi mwettqa mill-awtoritajiet kompetenti peress li huma essenzjali biex jiġu protetti d-drittijiet tat-trainees u biex jiġu miġġielda r-relazzjonijiet ta' impjieg regolari li taparsi jkunu traineeships. Jenħtieġ li dawn ikunu mmirati biex tiġi evitata s-sostituzzjoni ta' impjieg regolari bi traineeships moħbija u biex jiġu protetti d-drittijiet tal-ħaddiema.	***imħassar***

Or. en

Emenda 255
Arba Kokalari, Henrik Dahl

Proposta għal direttiva
Premessa 25

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(25) Huwa meħtieġ li jiġu żgurati kontrolli u spezzjonijiet effettivi ***mwettqa mill-awtoritajiet kompetenti peress li huma essenzjali*** biex jiġu ***protetti*** d-drittijiet ***tat-trainees u biex jiġu miġġielda r-relazzjonijiet ta' impjieg regolari li taparsi jkunu traineeships.*** Jenħtieġ li dawn ***ikunu mmirati biex tiġi evitata s-sostituzzjoni ta' impjieg regolari bi traineeships moħbija u biex jiġu protetti d-drittijiet tal-ħaddiema***.	(25) Huwa meħtieġ li jiġu żgurati kontrolli u spezzjonijiet effettivi biex jiġu ***żgurati*** d-drittijiet ***tal-ħaddiem.*** Jenħtieġ li dawn ***jitwettqu skont il-prattiki nazzjonali, fejn l-awtonomija tas-suq tax-xogħol u s-sistemi nazzjonali jkunu rrispettati, f'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà***.

Or. en

Emenda 256
Angelika Winzig

Proposta għal direttiva
Premessa 25

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(25) Huwa meħtieġ li ***jiġu żgurati*** kontrolli u spezzjonijiet effettivi ***mwettqa mill-awtoritajiet kompetenti peress li huma essenzjali*** biex jiġu protetti d-drittijiet tat-trainees u biex jiġu ***miġġielda*** r-relazzjonijiet ta' impjieg regolari ***li taparsi jkunu traineeships.*** Jenħtieġ li ***dawn ikunu*** mmirati ***biex*** tiġi evitata s-sostituzzjoni ta' impjieg regolari ***bi*** traineeships ***moħbija u biex jiġu protetti d-drittijiet tal-ħaddiema***.	(25) Huwa meħtieġ li ***jiġi żgurat li l-awtoritajiet kompetenti jkunu jistgħu jwettqu*** kontrolli u spezzjonijiet effettivi ***u proporzjonati*** biex jiġu protetti d-drittijiet tat-trainees u biex jiġu ***identifikati każijiet fejn it-traineeships jintużaw ħażin biex jiġu evitati*** r-relazzjonijiet ta' impjieg regolari***.*** Jenħtieġ li ***tali miżuri jkunu*** mmirati ***u bbażati fuq ir-riskju, sabiex*** tiġi evitata s-sostituzzjoni ***sistematika*** ta' impjieg regolari ***permezz ta'*** traineeships***.*** ***Fl-istess waqt, jenħtieġ li l-Istati Membri jiżguraw li l-piż amministrattiv għall-intrapriżi, b'mod partikolari għall-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju, jibqa' limitat kemm jista' jkun***.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Din il-premessa tiżgura li l-infurzar tar-regoli dwar it-traineeships jibqa' effettiv filwaqt li tiġi ssalvagwardjata l-proporzjonalità. Hija tevita piż amministrattiv bla bżonn għall-impjegaturi u tirrispetta l-prinċipju ta' regolamentazzjoni aħjar.

Emenda 257
Pierfrancesco Maran, Raffaele Topo, Brando Benifei, Cecilia Strada

Proposta għal direttiva
Premessa 25

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(25) Huwa meħtieġ li jiġu żgurati kontrolli u spezzjonijiet effettivi mwettqa mill-awtoritajiet kompetenti peress li huma essenzjali biex jiġu protetti d-drittijiet tat-trainees u biex jiġu miġġielda ***r-relazzjonijiet ta' impjieg regolari li taparsi jkunu traineeships***. Jenħtieġ li dawn ikunu mmirati biex tiġi evitata s-sostituzzjoni ta' impjieg ***regolari*** bi traineeships ***moħbija*** u	(25) Huwa meħtieġ li jiġu żgurati ***ġbir ta' data bir-reqqa, kif ukoll*** kontrolli u spezzjonijiet effettivi ***u regolari*** mwettqa mill-awtoritajiet kompetenti peress li huma essenzjali biex jiġu protetti d-drittijiet tat-trainees u biex jiġu miġġielda ***l-prattiki abbużivi li jirriżultaw mill-użu tat-traineeships***. ***Jenħtieġ li dawn il-kontrolli jkopru għadd minimu ta' fornituri ta'***

biex jiġu protetti d-drittijiet ***tal-ħaddiema***.	***traineeships f'kull Stat Membru, u*** jenħtieġ li dawn ikunu mmirati biex tiġi evitata s-sostituzzjoni ta' impjieg ***stabbli*** bi traineeships ***ripetuti*** u biex jiġu protetti d-drittijiet ***tat-trainees***. ***Id-data kollha miġbura jenħtieġ li tkun standardizzata, komparabbli u kondiviża f'konformità mal-prinċipji tad-Direttiva dwar id-Data Miftuħa biex jiġu identifikati x-xejriet, tiġi promossa t-trasparenza, u jiġi appoġġjat titjib futur fil-politika bbażat fuq l-evidenza.***
	Or. en

Emenda 258
Benedetta Scuderi
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal direttiva
Premessa 25

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(25) Huwa meħtieġ li jiġu żgurati kontrolli u spezzjonijiet effettivi mwettqa mill-awtoritajiet kompetenti peress li huma essenzjali biex jiġu protetti d-drittijiet tat-trainees u biex jiġu miġġielda ***r-relazzjonijiet ta' impjieg regolari li taparsi jkunu traineeships***. Jenħtieġ li dawn ikunu mmirati biex tiġi evitata s-sostituzzjoni ta' impjieg ***regolari*** bi traineeships ***moħbija*** u biex jiġu protetti d-drittijiet tal-ħaddiema.	(25) Huwa meħtieġ li jiġu żgurati kontrolli u spezzjonijiet effettivi mwettqa mill-awtoritajiet kompetenti peress li huma essenzjali biex jiġu protetti d-drittijiet tat-trainees u biex jiġu miġġielda ***l-prattiki abbużivi li jirriżultaw mit-traineeships frawdolenti***. Jenħtieġ li dawn ikunu mmirati biex tiġi evitata s-sostituzzjoni ta' impjieg ***stabbli*** bi traineeships ***frawdolenti*** u biex jiġu protetti d-drittijiet tal-ħaddiema ***u tat-trainees***.
	Or. en

Emenda 259
Andrea Wechsler

Proposta għal direttiva
Premessa 26

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(26) Il-valutazzjoni dwar jekk relazzjoni ta' impjieg regolari hijiex taparsi traineeship jenħtieġ li tkun ibbażata fuq iċ-ċirkostanzi fattwali u mhux fuq il-ħatra formali tar-relazzjoni kuntrattwali. Sabiex jiġi ddeterminat jekk relazzjoni ta' impjieg regolari hijiex taparsi traineeship, ***l-awtoritajiet kompetenti*** jenħtieġ li ***jwettqu*** valutazzjoni ġenerali tal-fatti rilevanti kollha***. Sabiex tiġi ffaċilitata l-valutazzjoni għall-awtoritajiet kompetenti, jenħtieġ li jiġu stabbiliti elementi ewlenin li jippermettu li ssir distinzjoni bejn relazzjoni ta' impjieg regolari u traineeship moħbija. Il-valutazzjoni ta' dawk l-elementi jenħtieġ li titwettaq fuq bażi ta' każ b'każ, filwaqt li jitqiesu ċ-ċirkostanzi ta' kull każ speċifiku***. ***Għalhekk, l-elementi msemmija huma indikattivi u mhux eżawrjenti u mingħajr il-ħtieġa li jintlaħaq limitu speċifiku.***	(26) Il-valutazzjoni dwar jekk relazzjoni ta' impjieg regolari hijiex taparsi traineeship jenħtieġ li tkun ibbażata fuq iċ-ċirkostanzi fattwali u mhux fuq il-ħatra formali tar-relazzjoni kuntrattwali. Sabiex jiġi ddeterminat jekk relazzjoni ta' impjieg regolari hijiex taparsi traineeship, jenħtieġ li ***titwettaq*** valutazzjoni ġenerali tal-fatti rilevanti kollha.

Or. en

Emenda 260
Benedetta Scuderi
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal direttiva
Premessa 26

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(26) Il-valutazzjoni dwar jekk ***relazzjoni ta'*** impjieg ***regolari hijiex*** taparsi traineeship jenħtieġ li tkun ibbażata fuq iċ-ċirkostanzi fattwali ***u mhux fuq il-ħatra formali tar-relazzjoni kuntrattwali. Sabiex jiġi ddeterminat jekk relazzjoni ta' impjieg regolari hijiex taparsi traineeship,*** l-awtoritajiet kompetenti jenħtieġ li jwettqu valutazzjoni ġenerali tal-fatti rilevanti kollha. Sabiex tiġi ffaċilitata l-valutazzjoni għall-awtoritajiet kompetenti, jenħtieġ li	(26) Il-valutazzjoni dwar jekk impjieg ***stabbli huwiex*** taparsi traineeship jenħtieġ li tkun ibbażata ***kemm fuq il-kontenut tal-kuntratt bil-miktub bejn it-trainee u l-fornitur tat-traineeship kif ukoll*** fuq iċ-ċirkostanzi fattwali***. F'dan ir-rigward,*** l-awtoritajiet kompetenti jenħtieġ li jwettqu valutazzjoni ġenerali tal-fatti rilevanti kollha. Sabiex tiġi ffaċilitata l-valutazzjoni għall-awtoritajiet kompetenti, jenħtieġ li jiġu stabbiliti elementi ewlenin li

jiġu stabbiliti elementi ewlenin li jippermettu li ssir distinzjoni bejn ***relazzjoni ta' impjieg regolari*** u traineeship ***moħbija***. ***Il-valutazzjoni ta' dawk l-elementi jenħtieġ li titwettaq fuq bażi ta' każ b'każ, filwaqt li jitqiesu ċ-ċirkostanzi ta' kull każ speċifiku.*** ***Għalhekk***, l-elementi msemmija huma indikattivi u mhux eżawrjenti u mingħajr il-ħtieġa li jintlaħaq limitu speċifiku.	jippermettu li ssir distinzjoni bejn ***traineeship*** u traineeship ***frawdolenti***. ***Madankollu***, l-elementi msemmija huma indikattivi u mhux eżawrjenti u mingħajr il-ħtieġa li jintlaħaq limitu speċifiku.

Or. en

Emenda 261
Arba Kokalari, Henrik Dahl

Proposta għal direttiva
Premessa 26

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(33) It-trainees jenħtieġ li jkollhom aċċess għal soluzzjoni tat-tilwim effettiva u imparzjali u ***dritt*** għal ***rimedju***, inkluż kumpens ***adegwat***. It-trainees jenħtieġ li jiġu infurmati dwar il-mekkaniżmi ta' rimedju ***għall-fini li jeżerċitaw id-dritt*** tagħhom għal ***rimedju***. B'kunsiderazzjoni għan-natura fundamentali tad-dritt għal protezzjoni legali ***effettiva***, it-trainees jenħtieġ li jkomplu jgawdu minn ***tali protezzjoni*** anke wara ***t-tmiem tat-traineeship li jwassal għal allegat ksur tad-drittijiet skont din id-Direttiva u liġi rilevanti oħra tal-Unjoni applikabbli għall-ħaddiema.***	(33) It-trainees jenħtieġ li jkollhom aċċess għal soluzzjoni tat-tilwim effettiva u imparzjali u ***d-dritt*** għal ***rieżami***, inkluż kumpens ***xieraq***. It-trainees jenħtieġ li jiġu infurmati dwar il-mekkaniżmi ta' rimedju ***għad-dritt*** tagħhom għal ***tali rieżami***. B'kunsiderazzjoni għan-natura fundamentali tad-dritt għal protezzjoni legali, it-trainees jenħtieġ li jkomplu jgawdu minn ***din il-protezzjoni*** anke wara ***li jkunu temmew it-traineeship tagħhom. Madankollu, dawn id-drittijiet u l-mekkaniżmi jenħtieġ li jiġu adattati f'konformità mas-sistema tas-suq tax-xogħol nazzjonali u mal-ftehimiet kollettivi ta' kull Stat Membru biex jiġu rrispettati l-awtonomija tas-suq tax-xogħol fis-seħħ u l-prinċipju tas-sussidjarjetà.***

Or. en

Emenda 296
Raúl de la Hoz Quintano, Rosa Estaràs Ferragut, Maravillas Abadía Jover

Proposta għal direttiva
Premessa 33

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(33) It-trainees jenħtieġ li jkollhom aċċess għal soluzzjoni tat-tilwim effettiva u imparzjali ***u dritt għal rimedju, inkluż kumpens*** adegwat. It-trainees jenħtieġ li jiġu infurmati dwar ***il-mekkaniżmi ta' rimedju għall-fini li jeżerċitaw id-dritt tagħhom għal rimedju***. B'kunsiderazzjoni għan-natura fundamentali tad-dritt għal protezzjoni legali effettiva, it-trainees jenħtieġ li jkomplu jgawdu minn tali protezzjoni anke wara t-tmiem tat-traineeship li jwassal għal allegat ksur tad-drittijiet skont din id-Direttiva u liġi rilevanti oħra tal-Unjoni applikabbli għall-	(33) It-trainees jenħtieġ li jkollhom aċċess għal soluzzjoni tat-tilwim effettiva u imparzjali ***u li jingħataw rimedju, jekk xieraq, b'mod*** adegwat. It-trainees jenħtieġ li jiġu infurmati dwar ***id-drittijiet tagħhom f'dan ir-rigward***. B'kunsiderazzjoni għan-natura fundamentali tad-dritt għal protezzjoni legali effettiva, it-trainees jenħtieġ li jkomplu jgawdu minn tali protezzjoni anke wara t-tmiem tat-traineeship li jwassal għal allegat ksur tad-drittijiet skont din id-Direttiva u liġi rilevanti oħra tal-Unjoni applikabbli għall-

ħaddiema.	ħaddiema.

Or. es

Emenda 297
Angelika Winzig

Proposta għal direttiva
Premessa 33

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(33) It-trainees jenħtieġ li jkollhom aċċess għal soluzzjoni tat-tilwim effettiva u imparzjali u dritt għal rimedju, inkluż kumpens adegwat. It-trainees jenħtieġ li jiġu infurmati dwar il-mekkaniżmi ta' rimedju għall-fini li jeżerċitaw id-dritt tagħhom għal rimedju. B'kunsiderazzjoni għan-natura fundamentali tad-dritt għal protezzjoni legali effettiva, it-trainees jenħtieġ li jkomplu jgawdu minn tali protezzjoni anke wara t-tmiem tat-traineeship li jwassal għal allegat ksur tad-drittijiet skont din id-Direttiva u liġi rilevanti oħra tal-Unjoni ***applikabbli għall-ħaddiema***.	(33) It-trainees jenħtieġ li jkollhom aċċess għal soluzzjoni tat-tilwim effettiva u imparzjali u dritt għal rimedju, inkluż kumpens adegwat. It-trainees jenħtieġ li jiġu infurmati dwar il-mekkaniżmi ta' rimedju għall-fini li jeżerċitaw id-dritt tagħhom għal rimedju. B'kunsiderazzjoni għan-natura fundamentali tad-dritt għal protezzjoni legali effettiva, it-trainees jenħtieġ li jkomplu jgawdu minn tali protezzjoni anke wara t-tmiem tat-traineeship li jwassal għal allegat ksur tad-drittijiet skont din id-Direttiva u liġi rilevanti oħra tal-Unjoni ***rilevanti għat-trainees***.

Or. en

Emenda 298
Isabelle Le Callennec

Proposta għal direttiva
Premessa 33

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(33) It-trainees jenħtieġ li jkollhom aċċess għal soluzzjoni tat-tilwim effettiva u imparzjali u dritt għal rimedju, inkluż kumpens adegwat. It-trainees jenħtieġ li jiġu infurmati dwar il-mekkaniżmi ta' rimedju għall-fini li jeżerċitaw id-dritt tagħhom għal rimedju. B'kunsiderazzjoni	(33) Jenħtieġ li t-trainees ***fis-suq tax-xogħol miftuħ*** ikollhom aċċess għal soluzzjoni tat-tilwim effettiva u imparzjali u dritt għal rimedju, inkluż kumpens adegwat. It-trainees jenħtieġ li jiġu infurmati dwar il-mekkaniżmi ta' rimedju għall-fini li jeżerċitaw id-dritt tagħhom

għan-natura fundamentali tad-dritt għal protezzjoni legali effettiva, it-trainees jenħtieġ li jkomplu jgawdu minn tali protezzjoni anke wara t-tmiem tat-traineeship li jwassal għal allegat ksur tad-drittijiet skont din id-Direttiva u liġi rilevanti oħra tal-Unjoni applikabbli għall-ħaddiema.

għal rimedju. B'kunsiderazzjoni għan-natura fundamentali tad-dritt għal protezzjoni legali effettiva, it-trainees jenħtieġ li jkomplu jgawdu minn tali protezzjoni anke wara t-tmiem tat-traineeship li jwassal għal allegat ksur tad-drittijiet skont din id-Direttiva u liġi rilevanti oħra tal-Unjoni applikabbli għall-ħaddiema.

Or. fr

Emenda 299
Andrea Wechsler

Proposta għal direttiva
Premessa 34

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(34) Sabiex jiġi pprovdut livell aktar effettiv ta' protezzjoni tat-trainees, ir-rappreżentanti tal-ħaddiema jenħtieġ li jkunu jistgħu jinvolvu ruħhom fi proċedimenti sabiex jiddefendu kwalunkwe dritt jew obbligu li jirriżulta minn din id-Direttiva jew minn liġi oħra tal-Unjoni applikabbli għall-ħaddiema f'isem jew b'appoġġ għal trainee wieħed jew aktar.	***imħassar***

Or. en

Emenda 300
Arba Kokalari

Proposta għal direttiva
Premessa 34

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(34) Sabiex jiġi pprovdut livell aktar effettiv ta' protezzjoni ***tat-trainees***, ***ir-rappreżentanti*** tal-ħaddiema ***jenħtieġ li jkunu jistgħu jinvolvu ruħhom fi***	(34) Sabiex jiġi pprovdut livell aktar effettiv ta' protezzjoni ***għat-trainees***, ***l-Istati Membri jistgħu jipprovdu l-opportunità lir-rappreżentanti*** tal-

proċedimenti sabiex jiddefendu ***kwalunkwe dritt jew obbligu*** li ***jirriżulta*** minn din id-Direttiva jew minn ***liġi oħra*** tal-Unjoni applikabbli għall-ħaddiema ***f'isem jew b'appoġġ għal trainee wieħed jew aktar***.

ħaddiema ***li jipparteċipaw fi proċeduri*** sabiex jiddefendu ***d-drittijiet u l-obbligi*** li ***jirriżultaw*** minn din id-Direttiva jew minn ***dritt rilevanti ieħor*** tal-Unjoni applikabbli għall-ħaddiema***. Dan jenħtieġ li jsir b'mod li jirrispetta l-mudelli tas-suq tax-xogħol nazzjonali u r-rwol tas-sħab soċjali. L-Istati Membri għandhom il-libertà li jiddeterminaw kif din l-opportunità għar-rappreżentanti tal-ħaddiema jenħtieġ li tiġi mfassla u implimentata, filwaqt li jqisu s-sistemi legali tagħhom stess u d-djalogu soċjali***.

Or. en

Emenda 301
Angelika Winzig

Proposta għal direttiva
Premessa 34

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(34) Sabiex jiġi pprovdut livell aktar effettiv ta' protezzjoni tat-trainees, ir-rappreżentanti tal-ħaddiema jenħtieġ li jkunu jistgħu jinvolvu ruħhom fi proċedimenti sabiex jiddefendu kwalunkwe dritt jew obbligu li jirriżulta minn din id-Direttiva jew minn liġi oħra tal-Unjoni ***applikabbli għall-ħaddiema*** f'isem jew b'appoġġ għal trainee wieħed jew aktar.	(34) Sabiex jiġi pprovdut livell aktar effettiv ta' protezzjoni tat-trainees, ir-rappreżentanti tal-ħaddiema jenħtieġ li jkunu jistgħu jinvolvu ruħhom fi proċedimenti sabiex jiddefendu kwalunkwe dritt jew obbligu li jirriżulta minn din id-Direttiva jew minn liġi oħra tal-Unjoni ***rilevanti għat-trainees*** f'isem jew b'appoġġ għal trainee wieħed jew aktar.

Or. en

Emenda 302
Irena Joveva, Martin Hojsík, Jana Toom, Brigitte van den Berg

Proposta għal direttiva
Premessa 34

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(34) Sabiex jiġi pprovdut livell aktar effettiv ta' protezzjoni tat-trainees, ir-rappreżentanti tal-ħaddiema jenħtieġ li jkunu jistgħu jinvolvu ruħhom fi proċedimenti sabiex jiddefendu kwalunkwe dritt jew obbligu li jirriżulta minn din id-Direttiva jew minn liġi oħra tal-Unjoni applikabbli għall-ħaddiema f'isem jew b'appoġġ għal trainee wieħed jew aktar.	*(Ma taffettwax il-verżjoni Maltija.)*

Or. en

Emenda 303
Benedetta Scuderi
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal direttiva
Premessa 34

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(34) Sabiex jiġi pprovdut livell aktar effettiv ta' protezzjoni tat-trainees, ir-rappreżentanti tal-ħaddiema jenħtieġ li jkunu jistgħu jinvolvu ruħhom fi proċedimenti sabiex jiddefendu kwalunkwe dritt jew obbligu li jirriżulta minn din id-Direttiva jew minn liġi oħra tal-Unjoni applikabbli għall-ħaddiema f'isem jew b'appoġġ għal trainee wieħed jew aktar.	*(Ma taffettwax il-verżjoni Maltija.)*

Or. en

Emenda 304
Catarina Martins, Estrella Galán, Anthony Smith, Konstantinos Arvanitis, Kathleen Funchion, Leila Chaibi

Proposta għal direttiva
Premessa 34

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(34) Sabiex jiġi pprovdut livell aktar effettiv ta' protezzjoni tat-trainees, ir-rappreżentanti tal-ħaddiema jenħtieġ li jkunu jistgħu jinvolvu ruħhom fi proċedimenti sabiex jiddefendu kwalunkwe dritt jew obbligu li jirriżulta minn din id-Direttiva jew minn liġi oħra tal-Unjoni applikabbli għall-ħaddiema f'isem jew b'appoġġ għal trainee wieħed jew aktar.	(34) Sabiex jiġi pprovdut livell aktar effettiv ta' protezzjoni tat-trainees, ir-rappreżentanti ***u t-trade unions*** tal-ħaddiema jenħtieġ li jkunu jistgħu jinvolvu ruħhom fi proċedimenti sabiex jiddefendu kwalunkwe dritt jew obbligu li jirriżulta minn din id-Direttiva jew minn liġi oħra tal-Unjoni applikabbli għall-ħaddiema f'isem jew b'appoġġ għal trainee wieħed jew aktar.

Or. en

Emenda 305
Chiara Gemma, Georgiana Teodorescu, Francesco Torselli, Mariateresa Vivaldini, Elena Donazzan

Proposta għal direttiva
Premessa 34a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(34a) Skont id-data tal-Kummissjoni mill-2023, madwar 26,8 % tal-persuni ta' 16-il sena jew aktar fl-Unjoni Ewropea rrapportaw li kellhom xi forma ta' diżabilità. Meta wieħed iqis li l-popolazzjoni totali tal-UE hija madwar 448 miljun, dan huwa ekwivalenti għal madwar 120 miljun persuna b'diżabilità; il-persuni b'diżabilità għadhom iħabbtu wiċċhom ma' ostakli meta jaċċessaw traineeships b'livell għoli ta' kwalità u meta jfittxu impjieg fis-suq tax-xogħol miftuħ;

Or. en

Emenda 306
Andrea Wechsler

Proposta għal direttiva
Premessa 35

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(35) It-trainees jenħtieġ li jingħataw protezzjoni ġudizzjarja u amministrattiva adegwata kontra kwalunkwe trattament negattiv u konsegwenza b'reazzjoni għal kwalunkwe lment imressaq lill-impjegatur jew li jirriżulta minn kwalunkwe proċediment mibdi bl-għan li tiġi infurzata l-konformità mad-drittijiet previsti f'din id-Direttiva jew f'liġi oħra tal-Unjoni applikabbli għall-ħaddiema. ***B'mod partikolari, it-trainees jenħtieġ li jkunu protetti mis-sensja jew l-ekwivalenti tagħha u t-tħejjijiet kollha għas-sensja jew l-ekwivalenti tagħha għall-eżerċitar tad-drittijiet previsti f'din id-Direttiva jew f'liġi oħra tal-Unjoni applikabbli għall-ħaddiema.***	(35) It-trainees jenħtieġ li jingħataw protezzjoni ġudizzjarja u amministrattiva adegwata kontra kwalunkwe trattament negattiv u konsegwenza b'reazzjoni għal kwalunkwe lment imressaq lill-impjegatur jew li jirriżulta minn kwalunkwe proċediment mibdi bl-għan li tiġi infurzata l-konformità mad-drittijiet previsti f'din id-Direttiva jew f'liġi oħra tal-Unjoni applikabbli għall-ħaddiema.

Or. en

Emenda 307
Arba Kokalari

Proposta għal direttiva
Premessa 35

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(35) It-trainees jenħtieġ li jingħataw protezzjoni ***ġudizzjarja*** u amministrattiva ***adegwata*** kontra kwalunkwe trattament negattiv u konsegwenza b'reazzjoni għal kwalunkwe lment imressaq lill-impjegatur jew li jirriżulta minn kwalunkwe proċediment mibdi bl-għan li tiġi infurzata l-konformità mad-drittijiet previsti f'din id-Direttiva jew f'liġi oħra tal-Unjoni applikabbli għall-ħaddiema. ***B'mod partikolari, it-trainees*** jenħtieġ li ***jkunu protetti mis-sensja jew l-ekwivalenti tagħha u t-tħejjijiet kollha għas-sensja jew l-ekwivalenti tagħha għall-eżerċitar***	(35) It-trainees jenħtieġ li jingħataw protezzjoni ***legali*** u amministrattiva kontra kwalunkwe trattament negattiv u konsegwenza b'reazzjoni għal kwalunkwe lment imressaq lill-impjegatur jew li jirriżulta minn kwalunkwe proċediment mibdi bl-għan li tiġi infurzata l-konformità mad-drittijiet previsti f'din id-Direttiva jew f'liġi oħra tal-Unjoni applikabbli għall-ħaddiema. ***Din il-protezzjoni*** jenħtieġ li ***tiġi implimentata mill-Istati Membri b'mod li jirrispetta s-sistemi legali nazzjonali u l-mudelli tas-suq tax-xogħol tagħhom. L-Istati Membri jenħtieġ li jkollhom il-***

tad-drittijiet previsti f'din id-Direttiva jew f'liġi oħra tal-Unjoni applikabbli għall-ħaddiema.	***libertà li jfasslu u jimplimentaw din il-protezzjoni f'konformità mal-kundizzjonijiet tas-suq tax-xogħol u mad-djalogu soċjali tagħhom stess, li jista' jinvolvi l-adattament ta' miżuri speċifiċi għall-ħtiġijiet u s-sistemi nazzjonali***.

Or. en

Emenda 308
Angelika Winzig

Proposta għal direttiva
Premessa 35

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(35) It-trainees jenħtieġ li jingħataw protezzjoni ġudizzjarja u amministrattiva adegwata kontra kwalunkwe trattament negattiv u konsegwenza b'reazzjoni għal kwalunkwe lment imressaq lill-impjegatur jew li jirriżulta minn kwalunkwe proċediment mibdi bl-għan li tiġi infurzata l-konformità mad-drittijiet previsti f'din id-Direttiva jew f'liġi oħra tal-Unjoni ***applikabbli għall-ħaddiema***. B'mod partikolari, it-trainees jenħtieġ li jkunu protetti ***mis-sensja*** jew l-ekwivalenti tagħha u t-tħejjijiet kollha ***għas-sensja*** jew l-ekwivalenti tagħha għall-eżerċitar tad-drittijiet previsti f'din id-Direttiva jew ***f'liġi oħra*** tal-Unjoni ***applikabbli għall-ħaddiema***.	(35) It-trainees jenħtieġ li jingħataw protezzjoni ġudizzjarja u amministrattiva adegwata kontra kwalunkwe trattament negattiv u konsegwenza b'reazzjoni għal kwalunkwe lment imressaq lill-impjegatur jew li jirriżulta minn kwalunkwe proċediment mibdi bl-għan li tiġi infurzata l-konformità mad-drittijiet previsti f'din id-Direttiva jew f'liġi oħra tal-Unjoni ***rilevanti għat-trainees***. B'mod partikolari, it-trainees jenħtieġ li jkunu protetti ***mit-terminazzjoni tat-traineeship tagħhom*** jew l-ekwivalenti tagħha u t-tħejjijiet kollha ***għat-terminazzjoni tat-traineeship*** jew l-ekwivalenti tagħha għall-eżerċitar tad-drittijiet previsti f'din id-Direttiva jew ***fi dritt ieħor*** tal-Unjoni ***rilevanti għat-trainees***.

Or. en

Emenda 309
Irena Joveva, Martin Hojsík, Jana Toom, Brigitte van den Berg

Proposta għal direttiva
Premessa 35

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(35) It-trainees jenħtieġ li jingħataw protezzjoni ġudizzjarja u amministrattiva adegwata kontra kwalunkwe trattament negattiv u konsegwenza b'reazzjoni għal kwalunkwe lment imressaq ***lill-impjegatur*** jew li jirriżulta minn kwalunkwe proċediment mibdi bl-għan li tiġi infurzata l-konformità mad-drittijiet previsti f'din id-Direttiva jew f'liġi oħra tal-Unjoni applikabbli għall-ħaddiema. B'mod partikolari, it-trainees jenħtieġ li jkunu protetti mis-sensja jew l-ekwivalenti tagħha u t-tħejjijiet kollha għas-sensja jew l-ekwivalenti tagħha għall-eżerċitar tad-drittijiet previsti f'din id-Direttiva jew f'liġi oħra tal-Unjoni applikabbli għall-ħaddiema.	(35) It-trainees jenħtieġ li jingħataw protezzjoni ġudizzjarja u amministrattiva adegwata kontra kwalunkwe trattament negattiv u konsegwenza b'reazzjoni għal kwalunkwe lment imressaq ***lill-fornitur tat-traineeship*** jew li jirriżulta minn kwalunkwe proċediment mibdi bl-għan li tiġi infurzata l-konformità mad-drittijiet previsti f'din id-Direttiva jew f'liġi oħra tal-Unjoni applikabbli għall-ħaddiema. B'mod partikolari, it-trainees jenħtieġ li jkunu protetti mis-sensja jew l-ekwivalenti tagħha u t-tħejjijiet kollha għas-sensja jew l-ekwivalenti tagħha għall-eżerċitar tad-drittijiet previsti f'din id-Direttiva jew f'liġi oħra tal-Unjoni applikabbli għall-ħaddiema.

Or. en

Emenda 310
Benedetta Scuderi
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal direttiva
Premessa 35

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(35) It-trainees jenħtieġ li jingħataw protezzjoni ġudizzjarja u amministrattiva adegwata kontra kwalunkwe trattament negattiv u konsegwenza b'reazzjoni għal kwalunkwe lment imressaq lill-impjegatur jew li jirriżulta minn kwalunkwe proċediment mibdi bl-għan li tiġi infurzata l-konformità mad-drittijiet previsti f'din id-Direttiva jew f'liġi oħra tal-Unjoni applikabbli għall-ħaddiema. B'mod partikolari, it-trainees jenħtieġ li jkunu protetti mis-sensja jew l-ekwivalenti tagħha u t-tħejjijiet kollha għas-sensja jew l-ekwivalenti tagħha għall-eżerċitar tad-drittijiet previsti f'din id-Direttiva jew	(35) It-trainees jenħtieġ li jingħataw protezzjoni ġudizzjarja u amministrattiva adegwata kontra kwalunkwe trattament negattiv u konsegwenza b'reazzjoni għal kwalunkwe lment imressaq lill-impjegatur jew li jirriżulta minn kwalunkwe proċediment mibdi bl-għan li tiġi infurzata l-konformità mad-drittijiet previsti f'din id-Direttiva jew f'liġi oħra tal-Unjoni applikabbli għall-ħaddiema. B'mod partikolari, it-trainees jenħtieġ li jkunu protetti mis-sensja jew l-ekwivalenti tagħha***, bħan-nuqqas ta' offerta ta' impjieg futur mal-fornitur tat-traineeship,*** u t-tħejjijiet kollha għas-sensja jew l-

f'liġi oħra tal-Unjoni applikabbli għall-ħaddiema.

ekwivalenti tagħha għall-eżerċitar tad-drittijiet previsti f'din id-Direttiva jew f'liġi oħra tal-Unjoni applikabbli għall-ħaddiema.

Or. en

Emenda 311
Isabelle Le Callennec

Proposta għal direttiva
Premessa 35

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(35) It-trainees jenħtieġ li jingħataw protezzjoni ġudizzjarja u amministrattiva adegwata kontra kwalunkwe trattament negattiv u konsegwenza b'reazzjoni għal kwalunkwe lment imressaq lill-impjegatur jew li jirriżulta minn kwalunkwe proċediment mibdi bl-għan li tiġi infurzata l-konformità mad-drittijiet previsti f'din id-Direttiva jew f'liġi oħra tal-Unjoni applikabbli għall-ħaddiema. B'mod partikolari, it-trainees jenħtieġ li jkunu protetti mis-sensja jew l-ekwivalenti tagħha u t-tħejjijiet kollha għas-sensja jew l-ekwivalenti tagħha għall-eżerċitar tad-drittijiet previsti f'din id-Direttiva jew f'liġi oħra tal-Unjoni applikabbli għall-ħaddiema.	(35) It-trainees ***fis-suq tax-xogħol miftuħ*** jenħtieġ li jingħataw protezzjoni ġudizzjarja u amministrattiva adegwata kontra kwalunkwe trattament negattiv u konsegwenza b'reazzjoni għal kwalunkwe lment imressaq lill-impjegatur jew li jirriżulta minn kwalunkwe proċediment mibdi bl-għan li tiġi infurzata l-konformità mad-drittijiet previsti f'din id-Direttiva jew f'liġi oħra tal-Unjoni applikabbli għall-ħaddiema. B'mod partikolari, it-trainees ***fis-suq tax-xogħol miftuħ*** jenħtieġ li jkunu protetti mis-sensja jew l-ekwivalenti tagħha u t-tħejjijiet kollha għas-sensja jew l-ekwivalenti tagħha għall-eżerċitar tad-drittijiet previsti f'din id-Direttiva jew f'liġi oħra tal-Unjoni applikabbli għall-ħaddiema.

Or. fr

Emenda 312
Irena Joveva, Martin Hojsík, Jana Toom

Proposta għal direttiva
Premessa 35a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(35a) L-oneru tal-prova biex jiġi stabbilit li ma kienx hemm tkeċċija jew preġudizzju ekwivalenti minħabba li t-trainees ikunu eżerċitaw id-drittijiet tagħhom previsti f'din id-Direttiva, jenħtieġ li jaqa' fuq il-fornituri tat-traineeships meta t-trainees jistabbilixxu, quddiem qorti, awtorità jew korp kompetenti ieħor, fatti li minnhom jista' jkun preżunt li tkeċċew, jew li ġew soġġetti għal miżuri b'effett ekwivalenti, għal dawn ir-raġunijiet. Jenħtieġ li l-Istati Membri jkollhom il-possibbiltà li ma japplikawx dik ir-regola fi proċedimenti fejn ikun il-kompitu ta' qorti, awtorità jew korp kompetenti ieħor li jinvestiga l-fatti, partikolarment f'sistemi fejn it-tkeċċija għandha tiġi approvata minn qabel minn tali awtorità jew korp.

Or. en

Emenda 313
Andrea Wechsler

Proposta għal direttiva
Premessa 36

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(36) L-Istati Membri jenħtieġ li jistabbilixxu regoli dwar penali effettivi, proporzjonati u dissważivi għal każijiet ta' ksur tad-drittijiet previsti fil-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva. Il-penali jistgħu jinkludu penali amministrattivi u finanzjarji, bħal multi jew il-ħlas ta' kumpens, kif ukoll tipi oħra ta' penali.	***imħassar***

Or. en

Emenda 314
Irena Joveva, Martin Hojsík, Jana Toom, Brigitte van den Berg

Proposta għal direttiva
Premessa 36

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(36) L-Istati Membri jenħtieġ li jistabbilixxu regoli dwar penali effettivi, proporzjonati u dissważivi għal każijiet ta' ksur tad-drittijiet previsti fil-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva. Il-penali jistgħu jinkludu penali amministrattivi u finanzjarji, bħal multi jew il-ħlas ta' kumpens, kif ukoll tipi oħra ta' penali.	(36) L-Istati Membri jenħtieġ li jistabbilixxu regoli dwar penali effettivi, proporzjonati u dissważivi għal każijiet ta' ksur tad-drittijiet previsti fil-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva. Il-penali jistgħu jinkludu penali amministrattivi u finanzjarji, bħal multi jew il-ħlas ta' kumpens ***adegwat***, kif ukoll tipi oħra ta' penali.

Or. en

Emenda 315
Irena Joveva, Martin Hojsík, Jana Toom, Brigitte van den Berg

Proposta għal direttiva
Premessa 36a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(36a) Biex jiġu żgurati monitoraġġ u infurzar effettivi ta' din id-Direttiva fil-livell tal-Unjoni u f'dak nazzjonali, jenħtieġ li l-Istati Membri jiżguraw ġbir ta' data adegwat u f'waqtu dwar il-kwalità tat-traineeships, partikolarment permezz tal-istabbiliment ta' għodod effettivi ta' ġbir tad-data biex jipprovdu data komparattiva. Peress li tali ġbir ta' data jista' joħloq sfidi għall-fornituri tat-traineeships, b'mod partikolari l-intrapriżi mikro u żgħar, jenħtieġ li jingħatalhom appoġġ finanzjarju u prattiku skont l-Għanijiet tal-Istrateġija għall-SMEs tal-2020 taħt in-Next Generation EU[1a] kif ukoll taħt il-Qafas Finanzjarju Plurieannali attwali (2021-2027).

[1a] COM(2023)0535 tat-12.9.2023, Pakkett ta' Għajnuna għall-SMEs.

Or. en

Emenda 316
Catarina Martins, Estrella Galán, Anthony Smith, Konstantinos Arvanitis, Kathleen Funchion, Leila Chaibi

Proposta għal direttiva
Premessa 36a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(36a) Jenħtieġ li l-Istati Membri jistabbilixxu mekkaniżmi ta' monitoraġġ biex jiżguraw li l-politiki u l-proċeduri ta' kontra l-fastidju jkunu qed jiġi implimentati b'mod effettiv fl-ambitu tat-traineeships.

Or. en

Emenda 317
Mélanie Disdier, Rachel Blom, Pál Szekeres, Marie Dauchy, Séverine Werbrouck

Proposta għal direttiva
Premessa 37

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(37) Din id-Direttiva tistabbilixxi ***rekwiżiti minimi***, u għalhekk tħalli ***l-prerogattiva*** tal-Istati Membri fis-seħħ ***sabiex jintroduċu u jżommu dispożizzjonijiet iktar favorevoli***. Id-drittijiet miksuba skont il-qafas legali eżistenti jenħtieġ li jkomplu jibqgħu japplikaw, sakemm ma jiddaħħlux dispożizzjonijiet iktar favorevoli minn din id-Direttiva.	(37) Din id-Direttiva ***ma tistax*** tistabbilixxi ***qafas legali komuni għar-reġim tat-trainees***, u għalhekk tħalli ***l-prerogattivi*** tal-Istati Membri fis-seħħ ***fi kwistjonijiet tal-edukazzjoni u tat-taħriġ vokazzjonali***. Id-drittijiet miksuba skont il-qafas legali eżistenti jenħtieġ li jkomplu jibqgħu japplikaw, sakemm ma jiddaħħlux dispożizzjonijiet iktar favorevoli minn din id-Direttiva.

Or. fr

Emenda 318
Arba Kokalari

Proposta għal direttiva
Premessa 37

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(37) Din id-Direttiva tistabbilixxi rekwiżiti minimi, ***u għalhekk tħalli l-prerogattiva tal-Istati Membri fis-seħħ sabiex*** jintroduċu u jżommu dispożizzjonijiet iktar favorevoli. Id-drittijiet miksuba skont il-qafas legali eżistenti jenħtieġ li jkomplu jibqgħu japplikaw, sakemm ma ***jiddaħħlux dispożizzjonijiet iktar favorevoli minn din*** id-Direttiva.	(37) Din id-Direttiva tistabbilixxi rekwiżiti minimi, ***li jfisser li l-Istati Membri xorta jenħtieġ li jżommu l-kapaċità li*** jintroduċu u jżommu dispożizzjonijiet iktar favorevoli ***f'konformità mal-mudelli nazzjonali tagħhom tas-suq tax-xogħol***. Id-drittijiet miksuba skont il-qafas legali eżistenti jenħtieġ li jkomplu jibqgħu japplikaw, sakemm ma ***jiġux affettwati mid-dispożizzjonijiet stabbiliti f'din*** id-Direttiva. ***Huwa kruċjali li d-deċiżjonijiet nazzjonali u l-ftehimiet kollettivi jibqgħu l-pedament għall-kundizzjonijiet tax-xogħol fl-Istati Membri, li jallinja mal-prinċipji tas-sussidjarjetà.***

Or. en

Emenda 319
Mélanie Disdier, Rachel Blom, Pál Szekeres, Marie Dauchy, Séverine Werbrouck

Proposta għal direttiva
Premessa 38

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(38) Peress li l-objettivi ta' din id-Direttiva, jiġifieri li jiġu infurzati l-kundizzjonijiet tax-xogħol tat-trainees u li jiġu miġġielda r-relazzjonijiet regolari ta' impjieg li taparsi jkunu traineeships, ma jistgħux jintlaħqu b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri, iżda jistgħu, minħabba l-iskala u l-effetti tagħhom, jinkisbu aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri, f'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-TUE. F'konformità mal-prinċipju ta'	***imħassar***

proporzjonalità, kif stabbilit f'dak l-Artikolu, din id-Direttiva ma tmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jintlaħqu dawk l-objettivi.

Or. fr

Emenda 320
Andrea Wechsler

Proposta għal direttiva
Premessa 38

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(38) Peress li l-objettivi ta' din id-Direttiva, jiġifieri li jiġu infurzati l-kundizzjonijiet tax-xogħol tat-trainees u li jiġu miġġielda r-relazzjonijiet regolari ta' impjieg li taparsi jkunu traineeships, ma jistgħux jintlaħqu b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri, iżda jistgħu, minħabba l-iskala u l-effetti tagħhom, jinkisbu aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri, f'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-TUE. F'konformità mal-prinċipju ta' proporzjonalità, kif stabbilit f'dak l-Artikolu, din id-Direttiva ma tmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jintlaħqu dawk l-objettivi.	***imħassar***

Or. en

Emenda 321
Arba Kokalari

Proposta għal direttiva
Premessa 38

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(38) Peress li l-objettivi ta' din id-Direttiva, jiġifieri li jiġu infurzati l-kundizzjonijiet tax-xogħol tat-trainees u li	(38) Peress li l-objettivi ta' din id-Direttiva, jiġifieri li jiġu infurzati l-kundizzjonijiet tax-xogħol tat-trainees u li

jiġu miġġielda r-relazzjonijiet regolari ta' impjieg li taparsi jkunu traineeships, ***ma jistgħux*** jintlaħqu b'mod ***suffiċjenti*** mill-Istati Membri***, iżda jistgħu, minħabba l-iskala u l-effetti tagħhom, jinkisbu aħjar*** fil-livell tal-Unjoni***, l-Unjoni tista' tadotta miżuri, f'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stabbilit*** fl-Artikolu 5 ***tat-TUE. F'konformità mal-prinċipju ta' proporzjonalità, kif stabbilit f'dak l-Artikolu, din id-Direttiva ma tmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jintlaħqu dawk l-objettivi***.	jiġu miġġielda r-relazzjonijiet regolari ta' impjieg li taparsi jkunu traineeships, ***jistgħu*** jintlaħqu b'mod ***aktar effettiv u f'konformità mal-kundizzjonijiet nazzjonali*** mill-Istati Membri ***nfushom, jenħtieġ li l-miżuri*** fil-livell tal-Unjoni ***jkunu biss ta' appoġġ u komplementari. Huwa importanti li d-direttiva tirrispetta l-prinċipju tas-sussidjarjetà*** fl-Artikolu 5 ***tat-Trattat dwar l-UE, peress li l-Istati Membri huma f'pożizzjoni aħjar biex jadattaw ir-regolamenti għall-mudelli tas-suq tax-xogħol tagħhom stess***.
	Or. en

Emenda 322
Henrik Dahl

Proposta għal direttiva
Premessa 38

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(38) Peress li l-objettivi ta' din id-Direttiva, jiġifieri li jiġu infurzati l-kundizzjonijiet tax-xogħol tat-trainees u li jiġu miġġielda ***r-relazzjonijiet regolari ta' impjieg li taparsi jkunu traineeships, ma jistgħux jintlaħqu*** b'mod ***suffiċjenti*** mill-Istati Membri, iżda ***jistgħu, minħabba*** l-iskala u l-effetti tagħhom, jinkisbu ***aħjar*** fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri, f'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-TUE. F'konformità mal-prinċipju ta' proporzjonalità, kif stabbilit f'dak l-Artikolu, din id-Direttiva ma tmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jintlaħqu dawk l-objettivi.	(38) Peress li l-objettivi ta' din id-Direttiva, jiġifieri li jiġu infurzati l-kundizzjonijiet tax-xogħol tat-trainees ***tas-suq miftuħ*** u li jiġu miġġielda ***l-prattiki abbużivi li jirriżultaw mill-użu tat-traineeships***, ***jistgħu jintlaħqu*** b'mod ***aktar effettiv meta jiġu adattati għas-sistemi ta' infurzar nazzjonali*** mill-Istati Membri, iżda ***għat-traineeships tas-suq miftuħ,*** l-iskala u l-effetti tagħhom, ***jistgħu*** jinkisbu fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri, f'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-TUE. F'konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità, kif stabbilit f'dak l-Artikolu, ***u previst għall-kompetenza tal-Unjoni, kif stabbilit fl-Artikoli 165 u 166 tat-TFUE,*** din id-Direttiva ma tmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jintlaħqu dawk l-objettivi.
	Or. en

Ġustifikazzjoni

Peress li l-edukazzjoni hija kompetenza nazzjonali, huwa importanti li jiġi enfasizzat li din id-Direttiva tirrispetta d-diviżjoni tal-kompetenza kif stabbilita fit-TFUE u fit-TUE. Il-premessa 38 il-ġdida tissottolinja wkoll il-fatt li l-aħjar effiċjenza u infurzar tal-kundizzjonijiet tat-trainees jinkisbu billi l-qafas il-ġdid jiġi allinjat mas-sistemi nazzjonali eżistenti ta' infurzar, inkluż fejn dawn ikunu f'idejn sħab soċjali awtonomi.

Emenda 323
Irena Joveva, Martin Hojsík, Jana Toom, Brigitte van den Berg

Proposta għal direttiva
Premessa 38

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(38) Peress li l-objettivi ta' din id-Direttiva, jiġifieri li ***jiġu infurzati*** l-kundizzjonijiet tax-xogħol tat-trainees u li jiġu miġġielda r-relazzjonijiet regolari ta' impjieg li taparsi jkunu traineeships, ma jistgħux jintlaħqu b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri, iżda jistgħu, minħabba l-iskala u l-effetti tagħhom, jinkisbu aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri, f'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-TUE. F'konformità mal-prinċipju ta' proporzjonalità, kif stabbilit f'dak l-Artikolu, din id-Direttiva ma tmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jintlaħqu dawk l-objettivi.	(38) Peress li l-objettivi ta' din id-Direttiva, jiġifieri li ***jittejbu*** l-kundizzjonijiet tax-xogħol tat-trainees***, il-kwalità u l-aċċessibbiltà tat-traineeships*** u li jiġu miġġielda r-relazzjonijiet regolari ta' impjieg li taparsi jkunu traineeships, ma jistgħux jintlaħqu b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri, iżda jistgħu, minħabba l-iskala u l-effetti tagħhom, jinkisbu aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri, f'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-TUE. F'konformità mal-prinċipju ta' proporzjonalità, kif stabbilit f'dak l-Artikolu, din id-Direttiva ma tmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jintlaħqu dawk l-objettivi.

Or. en

Emenda 324
Benedetta Scuderi
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal direttiva
Premessa 38

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(38) Peress li l-objettivi ta' din id-Direttiva, jiġifieri li jiġu infurzati l-kundizzjonijiet tax-xogħol tat-trainees u li jiġu miġġielda ***r-relazzjonijiet regolari ta' impjieg li taparsi jkunu*** traineeships, ma jistgħux jintlaħqu b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri, iżda jistgħu, minħabba l-iskala u l-effetti tagħhom, jinkisbu aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri, f'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-TUE. F'konformità mal-prinċipju ta' proporzjonalità, kif stabbilit f'dak l-Artikolu, din id-Direttiva ma tmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jintlaħqu dawk l-objettivi.	(38) Peress li l-objettivi ta' din id-Direttiva, jiġifieri li ***tiġi pprovduta definizzjoni komuni tat-traineeships u li*** jiġu infurzati l-kundizzjonijiet tax-xogħol tat-trainees u li jiġu miġġielda ***l-prattiki abbużivi li jirriżultaw minn*** traineeships ***frawdolenti***, ma jistgħux jintlaħqu b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri, iżda jistgħu, minħabba l-iskala u l-effetti tagħhom, jinkisbu aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri, f'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-TUE. F'konformità mal-prinċipju ta' proporzjonalità, kif stabbilit f'dak l-Artikolu, din id-Direttiva ma tmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jintlaħqu dawk l-objettivi.

Or. en

Emenda 325
Mélanie Disdier, Rachel Blom, Pál Szekeres, Marie Dauchy, Séverine Werbrouck

Proposta għal direttiva
Premessa 39

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(39) Fl-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva, l-Istati Membri jenħtieġ li jevitaw li jimponu restrizzjonijiet amministrattivi, finanzjarji u legali bla bżonn, b'mod partikolari jekk iżommu lura l-ħolqien u l-iżvilupp ta' intrapriżi mikro, żgħar u ta' daqs medju. Għalhekk, l-Istati Membri huma mħeġġa ***jivvalutaw l-impatt tal-miżuri*** ta' traspożizzjoni tagħhom ***fuq dawk l-intrapriżi*** sabiex jiżguraw li ma jiġux affettwati b'mod sproporzjonat, filwaqt li jagħtu attenzjoni partikolari lill-mikrointrapriżi u lill-piż amministrattiv, ***jippubblikaw ir-riżultati ta' tali valutazzjonijiet,*** u jipprovdu appoġġ lil	(39) Fl-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva, l-Istati Membri jenħtieġ li jevitaw li jimponu restrizzjonijiet amministrattivi, finanzjarji u legali bla bżonn, b'mod partikolari jekk iżommu lura l-ħolqien u l-iżvilupp ta' intrapriżi mikro, żgħar u ta' daqs medju. Għalhekk, l-Istati Membri huma mħeġġa ***jeskludu tali intrapriżi mill-miżuri*** ta' traspożizzjoni tagħhom sabiex jiżguraw li ma jiġux affettwati b'mod sproporzjonat, filwaqt li jagħtu attenzjoni partikolari lill-mikrointrapriżi u lill-piż amministrattiv, u jipprovdu appoġġ lil dawk l-intrapriżi kif meħtieġ.

dawk l-intrapriżi kif meħtieġ.

Or. fr

Emenda 326
Isabelle Le Callennec

Proposta għal direttiva
Premessa 38

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(38) Peress li l-objettivi ta' din id-Direttiva, jiġifieri li jiġu infurzati l-kundizzjonijiet tax-xogħol tat-trainees u li jiġu miġġielda r-relazzjonijiet regolari ta' impjieg li taparsi jkunu traineeships, ma jistgħux jintlaħqu b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri, iżda jistgħu, minħabba l-iskala u l-effetti tagħhom, jinkisbu aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri, f'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-TUE. F'konformità mal-prinċipju ta' proporzjonalità, kif stabbilit f'dak l-Artikolu, din id-Direttiva ma tmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jintlaħqu dawk l-objettivi.	(38) Peress li l-objettivi ta' din id-Direttiva, jiġifieri li jiġu infurzati l-kundizzjonijiet tax-xogħol tat-trainees ***fis-suq tax-xogħol miftuħ*** u li jiġu miġġielda r-relazzjonijiet regolari ta' impjieg li taparsi jkunu traineeships, ma jistgħux jintlaħqu b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri, iżda jistgħu, minħabba l-iskala u l-effetti tagħhom, jinkisbu aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri, f'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-TUE. F'konformità mal-prinċipju ta' proporzjonalità, kif stabbilit f'dak l-Artikolu, din id-Direttiva ma tmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jintlaħqu dawk l-objettivi.

Or. fr

Emenda 327
Chiara Gemma, Georgiana Teodorescu, Francesco Torselli, Mariateresa Vivaldini, Elena Donazzan

Proposta għal direttiva
Premessa 39

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(39) Fl-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva, l-Istati Membri jenħtieġ li jevitaw li jimponu restrizzjonijiet amministrattivi, finanzjarji u legali bla	(39) Fl-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva, l-Istati Membri jenħtieġ li jevitaw li jimponu restrizzjonijiet amministrattivi, finanzjarji u legali bla

bżonn, b’mod partikolari jekk iżommu lura l-ħolqien u l-iżvilupp ta’ intrapriżi mikro, żgħar u ta’ daqs medju. Għalhekk, l-Istati Membri huma mħeġġa jivvalutaw l-impatt tal-miżuri ta’ traspożizzjoni tagħhom fuq dawk l-intrapriżi sabiex jiżguraw li ma jiġux affettwati b’mod sproporzjonat, filwaqt li jagħtu attenzjoni partikolari lill-mikrointrapriżi u lill-piż amministrattiv, jippubblikaw ir-riżultati ta’ tali valutazzjonijiet, u jipprovdu appoġġ lil dawk l-intrapriżi kif meħtieġ.	bżonn, b’mod partikolari jekk iżommu lura l-ħolqien u l-iżvilupp ta’ intrapriżi mikro, żgħar u ta’ daqs medju ***u jenħtieġ li jippromwovu mekkaniżmi ta’ konformità simplifikati mfassla apposta għall-ħtiġijiet ta’ dawn l-intrapriżi***. Għalhekk, l-Istati Membri huma mħeġġa jivvalutaw l-impatt tal-miżuri ta’ traspożizzjoni tagħhom fuq dawk l-intrapriżi sabiex jiżguraw li ma jiġux affettwati b’mod sproporzjonat, filwaqt li jagħtu attenzjoni partikolari lill-mikrointrapriżi u lill-piż amministrattiv, jippubblikaw ir-riżultati ta’ tali valutazzjonijiet, u jipprovdu appoġġ lil dawk l-intrapriżi kif meħtieġ.
	Or. en

Emenda 328
Henrik Dahl

Proposta għal direttiva
Premessa 39a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(39a) Huwa aktar importanti minn qatt qabel li jsir sforz għal suq intern b’kundizzjonijiet ekwi mingħajr dumping soċjali u b’rispett għad-drittijiet soċjali u tal-impjiegi. Huwa kruċjali li tiġi rrikonoxxuta l-importanza tas-sħab soċjali u d-dritt tagħhom li jinnegozjaw kollettivament.
	Or. en

Ġustifikazzjoni

Filwaqt li l-premessa tal-Abbozz ta’ Rapport tenfasizza l-importanza tas-sħab soċjali u d-dritt tagħhom li jinnegozjaw kollettivament, l-Abbozz ta’ Rapport ma jikkorrispondix ma’ kif jaħdmu s-sistemi ta’ negozjar kollettiv f’ħafna pajjiżi bbażati fuq in-negozjar kollettiv. L-Istati Membri ma għandhomx għalfejn “jistinkaw għal ftehimiet kollettivi” peress li dawn jiġu konklużi mis-sħab soċjali. Bl-istess mod, l-Istati Membri jistgħu ma jikkonkludux u lanqas jinfurzaw ftehimiet kollettivi f’ħafna pajjiżi, peress li dawn jiġu implimentati u konklużi minn sħab soċjali awtonomi.

Emenda 329
Andrea Wechsler

Proposta għal direttiva
Premessa 40

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(40) L-Istati Membri jistgħu jafdaw lis-sħab soċjali bl-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva, meta s-sħab soċjali jitolbu b'mod konġunt li jagħmlu dan u dment li l-Istati Membri jieħdu l-passi kollha meħtieġa biex jiżguraw li jkunu jistgħu f'kull ħin jiggarantixxu r-riżultati mfittxija skont din id-Direttiva. Skont il-liġi u l-prattika nazzjonali, jenħtieġ li jieħdu wkoll miżuri adegwati biex jiżguraw l-involviment effettiv tas-sħab soċjali u biex jippromwovu u jtejbu d-djalogu soċjali bil-ħsieb li jiġu implimentati d-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva.	***imħassar***

Or. en

Emenda 330
Johan Danielsson

Proposta għal direttiva
Premessa 40a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(40a) L-awtonomija tas-sħab soċjali għandha tiġi rrispettata. Jenħtieġ li l-Istati Membri jkunu jistgħu jippermettu lis-sħab soċjali, taħt kundizzjonijiet speċifiċi, jaċċettaw jew jikkonkludu ftehimiet kollettivi li jadattaw għar-regoli inklużi f'din id-Direttiva, jikkomplementawhom u/jew ivarjaw minnhom, sakemm il-livell ġenerali ta' protezzjoni tat-trainees ikun żgurat u l-prinċipju tan-nondiskriminazzjoni jkun

irrispettat.

Or. en

Emenda 331
Arba Kokalari

Proposta għal direttiva
Premessa 40a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(40a) L-awtonomija tas-sħab soċjali għandha tiġi rrispettata. Jenħtieġ li l-Istati Membri jkunu jistgħu jippermettu lis-sħab soċjali, taħt kundizzjonijiet speċifiċi, jaċċettaw jew jikkonkludu ftehimiet kollettivi li jadattaw għar-regoli inklużi f'din id-Direttiva, jikkomplementawhom u/jew ivarjaw minnhom, sakemm il-livell ġenerali ta' protezzjoni tat-trainees ikun żgurat u l-prinċipju tan-nondiskriminazzjoni jkun irrispettat.

Or. en

Emenda 332
Mélanie Disdier, Rachel Blom, Pál Szekeres, Marie Dauchy, Séverine Werbrouck

Proposta għal direttiva
Premessa 40a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(40a) Peress li r-rwol ta' traineeship mhuwiex li jieħu post il-pożizzjoni ta' persuna impjegata bil-paga reali, ir-regoli relatati mal-liġi tax-xogħol ma jistgħux japplikaw għat-trainees.

Or. fr

Emenda 333
Mélanie Disdier, Rachel Blom, Pál Szekeres, Marie Dauchy, Séverine Werbrouck

Proposta għal direttiva
Premessa 40b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(40b) Il-maġġoranza vasta tal-intrapriżi Ewropej jibqgħu konformi mar-regoli dwar it-traineeships u l-abbużi jibqgħu eċċezzjoni li trid tiġi miġġielda.

Or. fr

Emenda 334
Mélanie Disdier, Rachel Blom, Pál Szekeres, Marie Dauchy, Séverine Werbrouck

Proposta għal direttiva
Premessa 40c (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(40c) Din id-Direttiva trid tqis id-diffikultajiet amministrattivi, finanzjarji u loġistiċi tal-mikrointrapriżi/tal-SMEs. Dawn tal-aħħar jeħtiġilhom jiġu esklużi mill-applikazzjoni tagħha.

Or. fr